# RAPPORT ANNWALI
# 2008

## *KUMMISSJONI NAZZJONALI*
## *GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA*

NCPE

**ISBN**: 978 - 99909 – 89 – 34 - 2

**Mitbugħ minn**: Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (2009)

# WERREJ

**MESSAĠĠ MILL-ON. MINISTRU JOHN DALLI** .......... 1

**MESSAĠĠ MILL-KUMMISSARJU** .......... 3

**MESSAĠĠ MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV** .......... 5

**1. INTRODUZZJONI** .......... 8

**1.1 – Introduzzjoni dwar il-Kummissjoni u r-Responsabbiltajiet Tagħha** .......... 8

**1.2 – Sunt tax-Xogħol li twettaq tul l-2008** .......... 13

**1.3 – Direzzjoni Politika** .......... 16

**1.4 – Riċerka bl-iskop li tappoġġja l-ħolqien ta' miżuri** .......... 19

**1.5 – Laqgħat u Konferenzi** .......... 22
*1.5.1 – Barra minn Malta* .......... 22
*1.5.2 – Lokali* .......... 25

**1.6 – Kumitati** .......... 30
*1.6.1 – EU* .......... 30
*1.6.2 – Lokali* .......... 32

**1.7 – Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja** .......... 33

**2. INFORMAZZJONI ĠENERALI DWAR IS-SITWAZZJONI PREŻENTI F'MALTA FIR-RIGWARD TAL-ĠENERU U R-RAZZA** .......... 35

**2.1 – Ħarsa lejn is-sitwazzjoni tal-Ġeneru** .......... 35

**2.2 – Ħarsa lejn is-Sitwazzjoni tar-Razza** .......... 42

**3. PROĠETTI** .......... 47

**3.1 – Introduzzjoni u Proġetti Futuri** .......... 47

**3.2 – Ngħixu l-Ugwaljanza – VS/2007/0442** .......... 48
*3.2.1 – Għanijiet* .......... 48
*3.2.2 – L-Istadji tal-Proġett* .......... 48
*3.2.3 – Riżultati tal-Proġett* .......... 50
*3.2.4 – Riċerka u Pubblikazzjoni* .......... 50
*3.2.5 – Ħolqien ta' Għarfien* .......... 51

**3.3 – Inwasslu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali – VS2006/0322** .......... 51
*3.3.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett* .......... 51
*3.3.2 – Ħolqien ta' Għarfien* .......... 52
*3.3.3 – Riżultati tal-Proġett* .......... 53
*3.3.4 – Riċerka u Pubblikazzjonijiet* .......... 53
*3.3.5 – Relazzjonijiet Pubbliċi* .......... 53

**3.4 – Taħriġ dwar l-Anti-Diskriminazzjoni u d-Diverista' - VT/2006/009 .......... 54**
*3.4.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett* .......... 54
*3.4.2 – Ħolqien ta' Għarfien* .......... 54
*3.4.3 – Riżultati tal-Proġett* .......... 55
*3.4.4 - Pubblikazzjonijiet* .......... 55

**3.5 – Kampanja Nazzjonali biex tippromwovi l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd .......... 55**
*3.5.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett* .......... 55
*3.5.2 – Ħolqien ta' Għarfien* .......... 56
*3.5.3 – Riżultati tal-Proġett* .......... 56

**3.6 – Leħen għal Kulħadd - VS/2007/0477 .......... 56**
*3.6.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett* .......... 57
*3.6.2 – Ħolqien ta' Għarfien u Relazzjonijiet Pubbliċi* .......... 61
*3.6.3 – Riżultati tal-Proġett* .......... 62
*3.6.4 - Pubblikazzjonijiet* .......... 63

**3.7 – Nisħqu l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-Ġeneru fil-livell nazzjonali – FSE/Nru. 48 .......... 63**
*3.7.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett* .......... 63
*3.7.2 – Ħolqien ta' Għarfien* .......... 65
*3.7.3 – Riżultati tal-Proġett* .......... 66
*3.7.4 - Pubblikazzjonijiet* .......... 66

**3.8 - L-Aspett tal-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel mill-Perspettiva Legali – FSE/ Nru. 46 .......... 67**
*3.8.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett* .......... 67
*3.8.2 – Ħolqien ta' Għarfien* .......... 68
*3.8.3 – Riżultati tal-Proġett* .......... 69
*3.8.4 - Pubblikazzjonijiet* .......... 70

**4. ILMENTI .......... 71**

**4.1 – Il-kompożizzjoni tal-NCPE .......... 71**

**4.2 – Il-Proċedura kif jitwettaq ix-Xogħol fuq l-Ilmenti .......... 71**

**4.3 – Ilmenti li ġew ippreżentati lill-Kummissjoni .......... 72**

**4.4 – Punti u rakkomandazzjonijiet li ħarġu mix-xogħol li sar fuq l-ilmenti .......... 73**

**4.5 - Sommarju ta' uħud mill-investigazzjonijiet konklużi mill-NCPE fl-2008 .......... 74**
*4.5.1 - Diskriminazzjoni bejn is-Sessi fuq il-Post tax-Xogħol* .......... 74
*4.5.2 - Diskriminazzjoni bejn is-Sessi fl-Aċċess għall-Impjieg* .......... 74
*4.5.3 - Fastidju Sesswali fuq il-Post tax-Xogħol* .......... 75
*4.5.4 - Diskriminazzjoni Indiretta minħabba responsabilitajiet tal-familja* .......... 75
*4.5.5 - Parteċipazzjoni fil-Konklużjoni ta' Ftehim Kollettiv* .......... 76

**4.6 – Preżentazzjoni ta' lmenti lill-NCPE .......... 76**

**5. TALBIET GĦALL-INFORMAZZJONI U REKLAMAR DISKRIMINATORJU .......... 77**

**5.1 – Talbiet għall-Informazzjoni .......... 77**
*5.1.1 – Sorsi ta' talbiet għall-informazzjoni* .......... 77
*5.1.2 – Talbiet* .......... 77

**5.2 – Il-librerija tal-NCPE .......... 78**

**5.3 – Reklamar Diskriminatorju** ........ **79**
**5.4 – Mistoqsijiet Parlamentari (PQs)** ........ **81**

**6. INIZJATTIVI TA' TAĦRIĠ** ........ **82**
**6.1 – Introduzzjoni** ........ **82**
**6.2 – Taħriġ mogħti mill-istaff tal-Kummissjoni** ........ **83**
**6.3 – Taħriġ mogħti lill-istaff tal-NCPE** ........ **85**

**7. KWESTJONARJI U RISPONS** ........ **87**
**7.1 – Kwestjonarji – Unjoni Ewropea u Korpi Internazzjonali Oħra** ........ **87**
*7.1.1 - Ġeneru* ........ 87
*7.1.2 - Razza* ........ 90
*7.1.3 - Oħrajn* ........ 90
**7.2 –Rispons – Unjoni Ewropea u Korpi Internazzjonali Oħra** ........ **92**
*7.2.1 - Ġeneru* ........ 92
*7.2.2 - Razza* ........ 94
*7.2.3 - Oħrajn* ........ 95
**7.3 – Kwestjonarji u Rispons minn Istituzzjonijiet Lokali** ........ **95**

**8. ANNESS 1 - GLOSSARJU** ........ **97**

# Messaġġ mill-On. Ministru John Dalli

Matul il-ħames sena mit-twaqqif tagħha, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, kellha sehem xieraq f'bosta riżultati miksuba mill-Gvern. Dawn jinkludu t-tisħiħ ta' liġijiet u prattiċi tal-Gvern, iktar taħriġ għall-ħaddiema tas-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll sehem fi strateġiji nazzjonali permezz ta' għodod varji bħal proġetti immirati speċifikament lejn il-ħtiġijiet nazzjonali. Persuni li jistgħu jiġu diskriminati minħabba l-ġeneru u r-razza/oriġini etnika tagħhom ġew mgħarfa u mħeġġa jiġġieldu d-diskriminazzjoni, u l-isterjotipi. Permezz t'hekk, ħafna aktar nisa f'Malta kisbu livelli ogħla ta' edukazzjoni, daħlu fis-suq tax-xogħol u qed ikunu attivi fil-ħajja pubblika.

Minn din is-sena bid-dħul tal-Avviż Legali 181 tal-2008, ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni twessgħu b'mod li jinkludu wkoll impenn biex jiġi żgurat trattament indaqs fuq firxa aktar wiesgħa. Permezz ta' dan l-Avviż Legali, ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni huma mifruxa biex jinkludu wkoll diskriminazzjoni fuq bażi ta' ġeneru, inkluż tqala jew maternita' f'dak li huwa aċċess għal u għoti ta' servizzi u oġġetti. Barra minn dan, permezz taċ-Ċirkulari Nru. 30 tal-UPM, is-Settur Pubbliku ġie mistieden biex jidentifika prattiċi diskriminatorji fl-għoti ta' servizzi pubbliċi. B'hekk il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni li tindirizza dawn l-inkonsistenzi u tiżgura trattament indaqs fl-aċċess u l-għoti ta' dawn is-servizzi skont kif jitlob l-Avviż Legali 181 tal-2008.

Il-prinċipju tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi ġie msaħħaħ fl-aġenda nazzjonali biex tiġi garantita l-ugwaljanza fl-opportunitajiet, fil-ħolqien, fl-applikazzjoni, fl-analiżi u s-sorveljar tal-liġijiet u l-prattiċi kollha. Il-Gvern Malti fil-fatt ħa diversi inizjattivi biex jiżgura li dan il-prinċipju jkun verament prijorita' orizzontali. Din l-istrateġija tmexxiet fl-oqsma relatati ma' differenzi eżistenti bejn is-sessi fl-oqsma tax-xogħol u edukazzjoni; prattiċi biex jintlaħaq bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja; u miżuri favur il-familja fuq il-post tax-xogħol.

Il-Gvern Malti huwa mpenjat b'mod sħiħ li jaħdem biex jindirizza l-ħtiġijiet ġodda tal-familji, tal-ħaddiema u tan-negozji. Ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol mal-ħajja tal-familja hija għodda kruċjali biex tiġi garantita l-ugwaljanza fl-opportunitajiet. Għalhekk matul din is-sena saru żviluppi importanti fil-miżuri favur il-familja li huma offruti lill-ħaddiema; i.e. *telework*. Fil-fatt, it-*Teleworking Policy in the Public Administration* fasslet il-mudell formali ta' kif għandu jitħaddem it-*telework* fl-amministrazzjoni pubblika. Barra minn hekk, l-Avviż Legali 312 tal-2008 – *Telework National Standard Order* jinkorpora fih regolamenti għat-*telework* kemm għas-Servizz Pubbliku kif ukoll għal dak Privat. Il-possibilta' li jitwettaq xogħol barra mill-bini tal-kumpaniji jippermetti lill-ħaddiema biex jidħlu u jibqgħu jagħtu sehem sħiħ fis-suq tax-xogħol, u fl-istess ħin jaqsmu r-responsabbiltajiet familjari. Bl-istess mod, arranġamenti ta' xogħol aktar flessibbli u l-għotja ta' lif speċjali

jgħinu ommijiet tqal, missirijiet, ġenituri u uffiċjali pubbliċi oħra jtejbu l-kwalita' tal-ħajja tagħhom u tal-familji tagħhom billi jgħinuhom jiksbu l-bilanċ meħtieġ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

Ta' min jgħid li l-impenn tal-Kummissjoni biex tikseb l-ugwaljanza *de facto* jidher ċar f'n-numru ta' attivitajiet li twettqu biex issir promozzjoni u titqassam informazzjoni dwar l-ugwaljanza u d-diversita'. Il-Gvern jagħraf li f'Malta qiegħda dejjem tikber id-diversita' kulturali bejn razzez/oriġini etniċi differenti. Għalhekk, l-NCPE, mxiet fuq il-politika nazzjonali u ħadmet bis-sħiħ biex tippromwovi r-rispett tad-diversita' u l-apprezzament reċiproku, flimkien mal-inklużjoni ta' minoritajiet razzjali/etniċi. Il-Kummissjoni tat sehem sħiħ ukoll fit-tfassil ta' strateġiji nazzjonali bl-għan li jiżdiedu l-opportunitajiet ta' xogħol, billi offriet taħriġ lil min iħaddem dwar il-ġestjoni tad-diversita' li jagħti lill-parteċipanti l-għodod neċessarji biex imexxu bl-aħjar mod skont il-bżonnijiet differenti li ġġib magħha d-diversita'. Il-Kummissjoni ħadmet bis-sħiħ biex tqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji li ġġib magħha d-diversita', id-drittijiet ta' dawk li jsofru d-diskriminazzjoni minħabba r-razza/oriġini etnika tagħhom kif ukoll il-mezzi korretti li għandhom jintużaw biex jitwassal ilment meta sseħħ din it-tip ta' diskriminazzjoni.

Il-globalizzazzjoni, il-migrazzjoni, il-bidliet demografiċi, it-tibdil fl-istruttura u l-funzjonijiet tal-familja kif ukoll in-nuqqas ta' stabbilta' ekonomika lkoll huma sfidi ġodda li tiffaċċja s-soċjeta' għall-promozzjoni tal-ugwaljanza *de facto*. Madankollu, l-Kummissjoni se tkun minn ta' quddiem biex tindirizza dawn l-isfidi biex tiżgura l-inklużjoni soċjali u opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

**John Dalli**
**Ministru għall-Politika Soċjali**

# Messaġġ mill-Kummissarju

Hekk kif is-soċjeta' Maltija saret waħda aktar imħalta, is-Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali 2008 waslet fi żmien preċiż biex tissensibilizza s-soċjeta' Maltija fuq id-diversita' tal-bosta kulturi li llum jeżistu fil-gżejjer tagħna. Dan, ovvjament imur id f'id mal-prinċipju bażiku tat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel irrispettivament minn fejn huma ġejjin. L-importanza li nkunu sensittivi għall-fatt li s-sess ta' persuna jista' jkun kaġun ta' diskriminazzjoni, hija prinċipju fundamental għas-soċjeta' Maltija. Din is-sena, b'kumbinazzjoni tajba mas-Sena Ewropa għad-Djalogu Interkulturali, ir-responsabbiltajiet tal-NCPE twessgħu biex jinkludu s-sorveljar ta' diskriminazzjoni abbażi ta' razza (fuq oqsma li m'għandhomx x'jaqsmu mas-suq tax-xogħol).

Fil-preżent qed isir dibattitu fl-UE u l-iStati Membri dwar direttiva fuq anti-diskriminazzjoni aktar wiesgħa, li tibni fuq id-direttivi ta' qabel, li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, eta', diżabilita', orjentazzjoni sesswali u reliġjon jew twemmin. Barra minn hekk, qed jiġi diskuss il-bżonn ta' miżuri leġiżlattivi oħra madwar l-UE biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni lil hinn mis-suq tax-xogħol.

L-istrateġija li biha tiġi attakkata d-diskriminazzjoni hija konsistenti mal-għanijiet orizzontali tal-UE, b'mod partikolari mal-Aġenda Soċjali tal-UE. Il-valur miżjud tal-Aġenda Soċjali bla dubju jgħin. Din l-Aġenda tagħti l-possibilta' biex tkun imħaffa l-modernizzazzjoni ta' sistemi nazzjonali f'kuntest ta' sitwazzjoni ta' bidliet ekonomiċi u soċjali. Din l-Aġenda tappoġġja wkoll l-operazzjoni ta' suq wieħed filwaqt li tiggarantixxi r-rispett ta' drittijiet fundamentali u valuri komuni. Biex tiġi implimentata l-Aġenda Soċjali, l-iStati Membri tal-UE issa għandhom firxa ta' strumenti għad-dispożizzjoni tagħhom bħal per eżempju l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-programm PROGRESS u "l-mod miftuħ ta' ko-ordinazzjoni".

Minkejja l-progress li sar, għad hemm problemi konsiderevoli f'oqsma bħal per eżempju l-aċċess tan-nisa u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-avvanz fil-karriera, ir-rikonċiljazzjoni bejn il-familja u x-xogħol, il-parteċipazzjoni f'livelli tat-teħid ta' deċiżjonijiet u d-diverġenza fil-pagi abbażi ta' sess. Biex jiġi ndirizzat l-iżbilanċ f'dawn l-oqsma, hemm bżonn ta' aktar xogħol intensiv u riċerka. Id-direttiva l-ġdida, li tassigura ugwaljanza fl-aċċess għal oġġetti u servizzi tippreżenta bosta sfidi li jeżiġu modi innovattivi ta' ħsieb u funzjonar minn dawk kollha li jipprovdu servizzi.

L-NCPE qed tagħmel l-almu kollu tagħha biex tindirizza l-oqsma msemmija, kif ukoll oqsma oħra skont kif obbligata bil-liġi, permezz ta' riżorsi minimi, kemm finanzjarji kif ukoll umani. Għalhekk nixtieq nirringrazzja lid-Direttur Eżekuttiv u l-istaff tagħha għall-isforzi u l-entużjażmu tagħhom, fejn ħadmu spiss anke barra mill-ħinijiet formali tax-xogħol u fost ħafna diffikultajiet, biex irnexxilna niksbu r-riżultati mixtieqa matul din is-sena.

Il-Membri tal-Kummissjoni u l-istaff eżekuttiv jikkollaboraw tajjeb ħafna u jaħdmu b'mod pro-attiv b'rabta ma' diskussjonijiet dwar strateġiji u prijoritajiet li għandhom jittieħdu. Nixtieq nieħu din l-opportunita' biex nirringrazzjahom ilkoll individwalment għall-impenn u s-sehem kostruttiv li taw matul din is-sena.

**Janet Mifsud**

**Kummissarju**

# Messaġġ mid-Direttur Eżekuttiv

F'dan ir-rapport qed nitkellmu dwar is-sena 2008, is-sena li fiha l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) għalqet ħames snin fit-twettiq tal-ħidma tagħha. Din is-sena kienet waħda karatterizzata minn sehem akbar tal-Kummissjoni kemm lokalment, kif ukoll fl-livell Ewropew, permezz tat-tkabbir tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni skont l-Avviż Legali 181/2008, '*Regolamenti tal-2008 dwar Trattament Indaqs fl-Aċċess u l-Provvista ta' Oġġetti u Servizzi'* li ġie fis-seħħ matul is-sena. Dan l-Avviż Legali kien ir-riżultat aħħari tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fl-aċċess għal u għoti ta' servizzi u oġġetti.

L-NCPE ħadmet bla heda biex tiżgura li l-kelma "diskriminazzjoni" issir parti mil-lingwaġġ ta' kuljum u għamlet l-almu tagħha biex tinċentiva individwi biex jersqu bl-ilmenti tagħhom u jitolbu pariri dwar sitwazzjonijiet/oqsma li jistgħu jkunu diskriminatorji. Dan seta' jseħħ permezz ta' numru ta' kampanji ta' għarfien li ħarġu minn proġetti varji li ġew implimentati b'suċċess mill-Kummissjoni. Fil-fatt waslu ħafna telefonati fejn individwi talbu informazzjoni jew xtaqu li jiċċaraw xi punti.

Il-Kummissjoni ħadet sehem f'numru ta' kampanji dwar l-antidiskriminazzjoni bl-għan li toħloq kuxjenza dwar id-diskriminazzjoni, anke dik multipla, mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' ġeneru u razza. L-għan aħħari ta' dan kien li l-poplu jitgħallem, permezz ta' informazzjoni aktar wiesgħa dwar kull tip ta' diskriminazzjoni, iktar milli jingħata messaġġ biss dwar ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni. F'ċerti ċirkostanzi, meta tingħata aktar importanza lil qasam wieħed aktar mill-ieħor, ir-riżultati mhux dejjem ikunu dawk mixtieqa minħabba l-fatt li l-pubbliku ma jinteressaħx mir-responsabbiltajiet speċifiċi ta' entita' iżda jagħti aktar każ tal-messaġġ aktar wiesgħa u li jinftiehem. Din l-istrateġija ġiet applikata kull meta l-parametri ta' proġetti speċifiċi ippermettew li jsir hekk.

Il-qasam tar-riċerka kien prijorita' għall-NCPE u ġew esplorati oqsma ġodda biex jiġu nklużi kunċetti ġodda li jinħolqu madwarna biex jiġu żviluppati u esplorati skont il-ħtiġijiet lokali. Il-proġett PROGRESS bl-isem ta' 'Ngħixu l-Ugwaljanza' fittex li jħares lejn l-applikazzjoni ta' *Gender Responsive Budget*. Id-diskussjoni fl-Ewropa dwar dan tiffoka fuq il-fatt li minflok inwarrbu dawn il-kunċetti minħabba d-diffikultajiet finanzjarji kurrenti, taqbel li dan huwa ż-żmien propizju li fih prinċipji bħal dan jiġu implimentati. B'hekk ikun garantit li l-fondi nazzjonali jkunu qed jiġu utilizzati bl-aħjar mod possibbli u fil-verita' jagħtu każ il-bżonnijiet tal-pubbliku; każ ċar fejn jiġu indirizzati l-ħtiġijiet qabel ix-xewqat.

Il-Kummissjoni tapprezza l-fatt li għandna ħafna x'nitgħallmu mit-tfassil ta' politika ta' pajjiżi oħra. Meta wieħed iħares lejn l-implimentazzjoni ta' xi miżuri barra minn Malta, trid tingħata konsiderazzjoni sħiħa lejn id-

differenzi fil-kuntest li fih dawn jiġu applikati. Għal dan il-għan ir-riċerka li ssir lokalment tagħti stampa ċara fuq bażi xjentifika biex jiġu studjati prattiċi tajba, l-implikazzjonijiet fit-tul u fil-qosor ta' dawn il-prattiċi, problemi li jistgħu jinħolqu fl-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll soluzzjonijiet li jista' jkun hemm għalihom. Fil-fatt saret riċerka f'bosta oqsma b'dan il-għan speċifiku. *Inter alia*, dawn kienu jinkludu l-ġestjoni tad-diversita', regolamenti Ewropej dwar it-taxxi tad-dħul u forom differenti ta' familji.

Dwar il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, il-Kummissjoni identifikat u ppubblikat il-ktejjeb *Good Practices in the Public Service and Sector* biex tiżgura li dan il-kunċett jibqa' jingħata importanza fl-aġenda nazzjonali u biex tenfasizza l-fatt li dan huwa kunċett li faċli jitmexxa l-quddiem u li jħalli l-frott.

Il-Kummissjoni ħejjiet u ppubblikat għodod oħra siewja li jgħinu fl-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Permezz ta' proġett tal-FSE bl-isem ta' 'L-Aspett tal-Ġeneru minn Perspettiva Legali' inħolqu tliet paketti ta' riżorsi mmirati lejn "gruppi ta' nies" speċifiċi i.e. dawk li jaħdmu fil-qasam legali, is-Servizz Pubbliku u s-Settur Privat. Fost inizjattivi oħra li ħarġu minn dan il-proġett kien hemm il-ħolqien ta' fuljett li tqassam fid-djar kollha f'Malta u Għawdex, sabiex kulħadd ikollu aċċess għal din l-informazzjoni miktuba b'lingwaġġ li jinftiehem mill-pubbliku.

Il-Kummissjoni ħadmet ukoll mal-iskejjel biex twassal l-informazzjoni dwar is-suġġett b'mod aktar wiesgħa. Intużaw għodod partikolari li permezz tagħhom l-istudenti jkollhom esperjenza pożittiva. Waħda minn dawn l-għodod kienet il-*Forum Theatre* li ħadem b'mod brillanti u li permezz tiegħu kienu involuti l-istudenti kollha preżenti. Is-scenarios maħluqa daħlu tajjeb ħafna mar-realta' tal-esperjenza tal-ħajja tal-udjenza b'mod li qanqlu l-involviment sħiħ tal-udjenza, li permezz t'hekk ġiet imġegħla terġa tikkunsidra ċerti ideat u mentalita' minn perspettiva differenti.

Barra minn dan, l-NCPE ipproduċiet CD mużikali bi tnax-il diska oriġinali li kienu komposti u miktuba speċifikament għall-proġett 'Inwasslu l-Ugwaljanza Bejn is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali'. Din l-inizzjattiva kienet suċċess u ntlaqgħet tajjeb mill-pubbliku.

Numru ta' individwi, ġew imħarġa tattiċi u strateġiji differenti, bħala parteċipanti ta' diversi proġetti, u ħadu l-għarfien kollu neċessarju biex jikontribwixxu lejn l-ugwaljanza fis-soċjeta' tagħhna, avolja ma jagħmlux parti mill-istaff tal-Kummissjoni. Għalhekk, permezz ta' dan kollu, bosta individwi jemmnu fl-ugwaljanza u lesti jiddefendu dan il-prinċipju.

Iżda matul din is-sena, l-NCPE ma kinitx qed taħdem biss biex twettaq il-proġetti, iżda kif jixhed dan ir-rapport, ipparteċipat ukoll f'numru kbir ta' fora nazzjonali, Ewropej, kif ukoll internazzjonali. Barra minn hekk, l-NCPE tat l-ideat tagħha dwar bosta dokumenti li jfasslu l-politika tal-ġejjieni kemm lokalment kif ukoll fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Il-qasam tal-ilmenti minn dejjem ingħata importanza assoluta mill-Kummissjoni u f'dan ir-rapport se naraw xi eżempji ta' ilmenti u x'irriżulta minnhom.

Dan kollu setgħa jkun possibbli biss permezz ta' staff motivat - impjegati li jemmnu bis-sħiħ fl-ugwaljanza u li lesti jagħmlu dak kollu li hu meħtieġ biex jiżguraw li dak kollu li joħroġ mill-NCPE jkun ta' livell għoli, kif mistenni.

Għalhekk din hi opportunita' eċċellenti biex pubblikament nuri l-apprezzament għax-xogħol li sar u nirringrazzja l-istaff tal-NCPE, il-Membri tal-Kummissjoni u fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas lill-membri tal-istaff li llum qed jaħdmu f'dipartimenti/entitajiet oħra. Ninsab ċerta li qed jaħdmu bl-istess entużjażmu li wrew waqt li kienu qed jaħdmu fl-NCPE.

**Sina Bugeja**

**Direttur Eżekuttiv**

# 1. Introduzzjoni

## 1.1 – Introduzzjoni dwar il-Kummissjoni u r-Responsabbiltajiet Tagħha

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) ġiet imwaqqfa fl-2004 permezz ta' Kap 456 *Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel* li ġab fis-seħħ il-proviżjonijiet eżistenti fid-Direttiva tal-Kunsill 2002/73/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel f'dak li huwa aċċess għax-xogħol, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol.

Ir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tal-NCPE, hekk kif imsemmija f'din il-liġi jinkludu l-promozzjoni tal-ugwaljanza, definizzjoni tan-natura diskriminatorja tal-fastidju sesswali kif ukoll diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u responsabbiltajiet tal-familja fuq il-post tax-xogħol, fil-qasam edukattiv u dak vokazzjonali kif ukoll minn banek u istituzzjonijiet finanzjarji.

L-NCPE hija entita' indipendenti finanzjata mill-gvern, kif ukoll hija l-Korp uffiċċjali tal-Ugwaljanza li jaħdem bis-sħiħ biex iġib fis-seħħ l-ugwaljanza *de facto* fis-soċjeta' Maltija.

Ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni twessgħu f'April 2007 biex jintegraw l-Avviż Legali 85 '*Ordni tal-2007 dwar Trattament Indaqs ta' Persuni'*. Dan l-Avviz Legali daħħal fis-seħħ il-proviżjonijiet (apparti dawk rigward ix-xogħol) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE[1], fit-trattament indaqs ta' persuni ta' kull razza/oriġini etnika fil-provvista ta' servizzi u oġġetti.

> *"Fastidju għandu jitqies li hu diskriminazzjoni meta jkun relatat ma' oriġini razzjali jew etnika u jingħata bl-iskop jew ikollu l-effett li jmur kontra d-dinjità ta' persuna u li joħloq ambjent intimidatorju, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv (A.L. 181/2007 Artiklu 2(1)(ċ))*
>
> *Madankollu, jista' jkun hemm differenza fit-trattament fejn 'minħabba fl-attivitajiet okkupazzjonali partikolari involuti, jew minħabba fil-kuntest li fih dawn isiru, it-trattament ikun wieħed leġittimu u l-karatteristika tkun tikkostwitwixxi rekwiżit okkupazzjonali ġenwin li jkun wieħed proporzjonat fiċ-ċirkustanzi (A.L. 85/2007 Artiklu 3).*

Dan l-Avviż Legali jsemmi wkoll li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni fl-oqsma tal-protezzjoni soċjali; il-vantaġġi soċjali; l-edukazzjoni; l-aċċess għal u l-għoti ta' servizzi u oġġetti li huma offruti lill-pubbliku, inkluż il-

1 Implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament indaqs bejn persuni irrispettivament mir-razza jew oriġini etnika

qasam tad-djar; l-aċċess għal kull servizz ieħor kif tipprovdi l-liġi għall-fini ta' dan ir-regolament; kif ukoll l-għoti ta' servizzi finanzjarji jew servizzi ta' assigurazzjoni.

Ir-rwol tal-Kummissjoni ġie msaħħaħ f'Awwissu 2008 permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 181 *'Regolamenti tal-2008 dwar Trattament Indaqs fl-Aċċess u l-Provvista ta' Oġġetti u Servizzi'*, li implimenta l-proviżjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE[2]. Dan l-Avviż jitkellem dwar it-trattament indaqs tan-nisa u l-irġiel fl-għotja u l-aċċess ta' servizzi u oġġetti. L-Avviż Legali 181 jirreferi għall kull servizz u oġġetti li jinataw lill-pubbliku.

> *Persuna ma tistax tassoġġetta lil xi persuna oħra għal trattament diskriminatorju, kemm direttament kemm indirettament, għal raġunijiet ta' sess, inkluż kull trattament diskriminatorju li jkollu x'jaqsam mat-tqala jew mal-maternità. (A.L.181/08, Artiklu 4(1)).*

Dawn ir-regolamenti japplikaw ukoll għal każi fejn is-sess jiġi użat bħala fattur ta' kalkulazzjoni ta' *premiums* u benefiċċji f'poloz ta' assigurazzjoni u servizzi finanzjarji oħra. Madankollu, dan l-Avviż Legali jagħti lok għal trattament differenti dejjem jekk din '*tkun ġustifikata minn xi għan leġittimu u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan ikunu adatti u meħtieġa'. (A.L.181/08, Artiklu 4(8)).* Dan japplika wkoll fil-kalkolazzjoni ta' *premiums* jekk dawn '*ikunu proporzjonati, u meta dak il-kalkolu jkun ibbażat fuq statistika li tintuża fl-assigurazzjoni li tkun relevanti u eżatta" (A.L.181/08, Artiklu 5(1)).*

L-Avviż Legali 181 tal-2008 jagħti lok ukoll għal azzjoni pożittiva f'Artiklu 6 biex tiġi garantita '*ugwaljanza sħiħa fil-prattika'.*

Hekk kif jidher hawn fuq, għad li ż-żewġ Avviżi Legali jitkellmu dwar id-dritt ta' trattament mhux diskriminatorju fl-aċċess u l-provvista ta' servizzi u oġġetti, kull Avviż Legali jitkellem dwar qasam differenti ta' diskriminazzjoni, per eżempju Avviż Legali 85/2007 jinkludi tibdil fid-dmir ta' min iġib il-provi f'każi ta' allegata diskriminazzjoni u jagħti wkoll protezzjoni kontra reklamar diskriminatorju.

Fir-rigward tal-Liġijiet imsemmija hawn fuq, ix-xogħol tal-NCPE jinkludi:

- Ħidma fil-qasam tal-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u razza/oriġini etnika, hekk kif imsemmi fil-Liġi.
- Investigazzjoni ta' ilmenti kif ukoll għajnuna lil dawk li qed isofru minn diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru u razza/oriġini etnika.

2 IImplimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fl-aċċess għal u l-provvista ta' oġġetti u servizzi

- Analiżi u sorveljar ta' miżuri direttament jew indirettament relatati mas-suġġett tal-ugwaljanza kif ukoll sorveljar tal-implimentazzjoni ta' miżuri lokali.
- Koperazzjoni ma' aġenziji tal-Gvern dwar l-oqsma li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet tagħha.
- Tagħti pariri lill-Gvern u toffri suġġerimenti fejn hemm bżonn isir tibdil biex tiżgura li l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi jitħaddan fis-Servizz/Settur Pubbliku kollu.
- Tieħu ħsieb li dan l-Att qed jitħaddem tajjeb u fejn hemm il-bżonn, tagħmel proposti għal emendi jew tibdil.
- Iżżomm kuntatt dirett u kontinwu ma' entitajiet lokali u barranin li jaħdmu fil-qasam tal-ugwaljanza u l-anti-diskriminazzjoni.
- Tissorvelja reklamar li jiddiskrimina bejn in-nisa u l-irġiel fl-opportunijiet ta' xogħol u edukazzjoni.
- Tagħti taħriġ dwar l-ugwaljanza, il-ġestjoni tad-diversita', l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u dwar il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol lill-entitajiet u lill-ħaddiema tal-Gvern, kif ukoll lill-kumpaniji privati.

L-istruttura tal-NCPE hi kif ġej:



Kif jidher mill-grafika t'hawn fuq, il-Kummissjoni hi magħmulha mill-Kummissarju, sitt Membri tal-Kummissjoni, id-Direttur Eżekuttiv u l-istaff tagħha. Id-Direttur Eżekuttiv tmexxi l-parti eżekuttiva tax-xogħol tal-Kummissjoni, li timplimenta bosta oqsma tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni inkluż: ir-riċerka, l-implimentazzjoni ta' miżuri u d-direzzjoni li għandha tittieħed, l-implimentazzjoni ta' proġetti, l-investigazzjoni ta' ilmenti, it-tqassim ta' informazzjoni, il-ħolqien ta' għarfien u t-taħriġ. Kull wieħed minn dawn l-aspetti se jiġi spjegat f'aktar dettal tul dan ir-rapport.

Il-membri tal-Kummissjoni huma:

***Kummissarju:*** Dr Janet Mifsud, B.Pharm (Hons), PhD (QUB)(Belfast)

Dr Mifsud ingħatat il-ħatra ta' Kummissarju fil-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, fl-2004 u rrappreżentat lil Malta f'bosta laqgħat tal-UE, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Euromed. Dr Mifsud ilha attiva fil-qasam tal-ġeneru u x-xjenza għal bosta snin. Ġiet mistiedna mid-DĠ Riċerka tal-UE biex tieħu sehem fil-Fora tan-Nisa u x-Xjenza fi Brussel, u ġiet ukoll maħtura bosta drabi bħala awditur espert tal-proposti magħmula taħt l-FP. Lokalment, hi kienet *Chairperson* tal-*Gender Issues Committee* tal-Universita' ta' Malta u hija wkoll membru tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku.

***Membri tal-Kummissjoni:***

Dr. Vanni Xuereb, S.Th.B., D.E.J.E.(Bruges), LL.D.

Dr. Xuereb imexxi il-*Malta-EU Steering & Action Committee*. Il-funzjonijiet tal-MEUSAC's jaħdmu fuq tlett binarji: konsultazzjoni dwar liġijiet ġodda tal-UE; tqassim ta' informazzjoni dwar il-politika tal-UE u opportunitajiet ta' finanzjament; u l-għotja ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali u għaqdiet mhux-Governattivi dwar Fondi tal-Unjoni Ewropea. Bħala organizzazzjoni, il-MEUSAC hija impenjata li tassigura li diskussjonijiet mqajma f'livell tal-UE dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza jiġu diskussi mas-soċjeta' ċivili, kif diġa' ġara, per eżempju, meta l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea dwar *"Bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata: support ikbar għar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, dik privata u dik familjari"* u għad-Direttiva dwar *l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilta', l-eta', jew l-orjentazzjoni sesswali* ġew diskussi mill-*Core Group* tal- MEUSAC.

Is-Sra Grace Attard

Is-Sra Attard hija l-Viċi-President tal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa, kif ukoll membru tal-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali fis-Sezzjoni dwar Relazzjonijiet Esterni li jitkelmu dwar il-qasam tal-ġeneru; fil-*Follow-up Committee* dwar il-qasam tal-ġeneru fil-*Euromed,* fil-*Labour Market Observatory* b'attenzjoni speċjali f'dak li għandu x'jaqsam man-nisa u x-xogħol; iċ-Ċentru Ewropew tal-Kunsill Internazzjonali tan-Nisa; fil-*Malta Anna Lindh Foundation Network* bl-għan li titjieb is-sitwazzjoni tan-nisa permezz tal-edukazzjoni, il-medja u l-

kultura, u hi ukoll konsulent fil-laqgħat tal-Kummissjoni dwar l-*Istanbul Ministerial Conclusions on Gender Equality*. Is-Sra Attard qed taħdem ukoll fuq *"diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa li jaħdmu għal rashom, kif ukoll bħala reviżjoni tad-Direttivi tal-Unjoni Ewropea dwar nisa tqal, nisa li weldu reċentement u li qed ireddgħu".*

Is-Sur Joseph Farrugia B.A. (Hons) ECOM, M.A. Marketing

Is-Sur Farrugia ingħaqad mal-*Malta Employers' Association* bħala Direttur Ġenerali f'Novembru 2001. Qabel kien impjegat fl-Universita' ta' Malta fejn kien jgħallem suġġetti relatati mal-*Marketing* lill-istudenti tal-Junior College, B.Comm u MBA. Mr Farrugia ta bosta taħriġ dwar bejgħ u *sales management* għall-*Malta University Services*. Huwa għandu esperjenza estensiva fil-konsulenza tan-negozju u kien impjegat bħala Kap Eżekuttiv tar-Riżorsi Umani ma' *Gasan Group of Companies* fil-perjodu bejn l-1988 u l-1995. Ir-responsabbiltajiet primarji tiegħu ma' *Gasan Group* kienu relazzjonijiet industrijali, negozjar kollettiv, taħriġ, u tfassil organizzazzjonali u l-iżvilupp. Is-Sur Farrugia jagħmel parti mill-bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ, u l-Bord tar-Relazzjonijiet tax-Xogħol. Huwa jirrappreżenta lill-MEA fill-Kunsill Malti għall-Ekonomija u Żvilupp, kif ukoll f'fora internazzjonali, bħal per eżempju l-*International Labour Organisation*.

Is-Sra Therese Bugeja, B.Sc (Hons)(Nurs.Stud), P.Q.Dip.Nurs.Educ, M.Sc.

Is-Sra Bugeja tgħallem l-Institute of Health Care – fl-Universita' ta' Malta. Hija studjat il-BSc (Honours) Nursing, post graduate Diploma in Education kif ukoll MSc dwar l-Edukazzjoni tas-Saħħa. Hija tieħu ħsieb credits dwar oqsma kurrenti b'lenti partikolari fuq suġġetti b'rabta mal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Hija wkoll psikopterapista kwalifikata. Ilha membru tan-*National Bioethics Commission* għal dawn l-aħħar tliet snin u s-sena li għaddiet ġiet maħtura bħala membru fuq il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza.

Dr. Myriam Spiteri-Debono, B.A. (Hons), Dip. N.P.

Dr. Spiteri Debono iggradwat bil-BA (Hons.) fl-Ingliż u studjat ukoll il-liġi. Hija tipprattika l-professjoni ta' Nutar. Dr Spiteri-Debono ingħatat ukoll il-kariga ta' *Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti u ilha attiva fil-qasam tal-politika lokali minn meta kienet studenta. Hija l-fundatriċi tal-Grupp Studenti Soċjalisti, Segretarju tal-Propaganda kif ukoll Membru fl-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit Laburista. Hija wkoll Segretarja Ġenerali kif ukoll tinsab fit-tieni mandat tagħha bħala President tal-Għaqda Nisa Laburisti. Dr Spiteri-Debono kienet ukoll *Chairperson* tal-*Press Ethics Commission*, fejn kellha rwol importanti fit-tfassil tar-regoli proċedurali u *by-laws* kif ukoll bħala *Chairperson* tal-Bord tal-Koperattivi. Fil-qasam politiku, hi ħadmet mal-organizzazzjonijiet tan-nisa kollha u ħaddnet il-missjoni li televa l-kawża tan-nisa aktar mill-politika partiġġjana. Bħala membru tal-

Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, għandha rwol prinċipali fis-sotto-kumitat li jieħu ħsieb id-diskriminazzjoni u l-fastidju.

Is-Sur Mario Mallia, B.Ed (Hons), M.Ed

Is-Sur Mallia huwa l-Kap tal-Iskola St*. Albert the Great College Primary and Secondary*. Iggradwa fil-B.Ed (Hons) u l-M.Ed u għandu wkoll *post-graduate diploma* fl-*Educational Administration and Management*. It-teżijiet tiegħu fiż-żewġ livelli iffukaw fuq aspetti ta' ġeneru abbażi ta' riċerka etnografika u politika soċjoloġika. Is-Sur Mallia ilu Membru fl-NCPE mit-twaqqif tagħha f'Diċembru 2003.

**Direttur Eżekuttiv:** Is-Sra Sina Bugeja, MSc (Wales); FRSH; MIM

Is-Sra Bugeja hija d-Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza u ilha f'din il-ħatra minn Jannar tas-sena 2004. Hija tirrappreżenta lil Malta fuq il-Kumitat ta' Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (CDEG) kif ukoll fuq il-*Bureau* tal-istess kumitat (CDEG-BU) tal-Kunsill tal-Ewropa; fil- *High Level Group on Gender Mainstreaming* tal-UE. Is-Sra Bugeja ġiet ukoll maħtura bħala membru nazzjonali fi ħdan il-Grupp ta' Esperti tal-Gvern dwar l-Anti-Diskriminazzjoni fuq Ġeneru u Razza; hija n-*National Focal Point* fuq PROGRESS; kif ukoll *Federation Councillor ta' Soroptimist International*. Kienet ukoll Kap Eżekuttiv għal sitt snin ta' SEDQA – l-aġenzija nazzjonali li taħdem kontra l-abbuż tad-droga u l-alkoħol. Kienet ukoll maħtura bħala *Chairperson* fuq l-ECCAS (European Collaborating Centres on Addiction Studies) għal sentejn. Ms Bugeja ingħatat ukoll il-C*ommonwealth Award for Excellence in Women's Health*, hija wkoll lettur *part-time* fl-Universita' ta' Malta u hija wkoll membru tal-*Malta Institute of Management*.

## 1.2 – Sunt tax-Xogħol li twettaq tul l-2008

L-NCPE wettqet xogħol estensiv ħafna matul is-sena 2008, fil-fatt, nistgħu ngħidu li l-2008 kienet sena mimlija, fejn fiha ssaħħu r-relazzjonijiet mal-imsieħba soċjali kif ukoll tqajmu diversi punti li ġew studjati u li fuqhom ittieħdet azzjoni meħtieġa.

F'Awwissu 2008, permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 181 - *Regolamenti tal-2008 dwar Trattament Indaqs fl-Aċċess u l-Provvista ta' Oġġetti u Servizzi*, ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni twessgħu b'mod li issa jinkludu wkoll id-diskriminazzjoni fl-għoti u aċċess għal oġġetti u servizzi għan-nisa u l-irġiel. Permezz ta' dan l-Avviż, il-protezzjoni mogħtija lill-persuni li huma ddiskriminati minħabba s-sess tagħhom saret aktar komprensiva, biex b'hekk ħolqot xibka aktar soda kontra t-trattament diskriminatorju.

Il-Kummissjoni rrispondiet bosta kwestjonarji u ħadet sehem fi stħarriġ minn entitajiet differenti, inluż l-UE, u korpi nazzjonali u internazzjonali oħra. Dawn il-kwestjonarji jgħinu lill-NCPE mhux biss għall-fini ta' riċerka, iżda wkoll billi jidentifikaw punti importanti, jgħinu fil-formulazzjoni/emendi ta' miżuri, kif ukoll iservu ta' bażi

għal proġetti futuri. Matul is-sena, bħala l-entita' nazzjonali li taħdem għall-ugwaljanza, il-Kummissjoni tintalab biex tagħti suġġerimenti dwar dokumenti li jingħatawlha bl-iskop li jiġu eżaminati minnha. Dan ix-xogħol jinkludi r-revizjoni ta' dawn id-dokumenti, sabiex fihom tingħata attenzjoni xierqa lill-perspettiva tal-ugwaljanza. (iktar informazzjoni dwar dan f'sezzjoni 7)

Il-Kummissjoni tirrappreżenta lil Malta f'kumitati nazzjonali varji, f'kumitati tal-Kunsill tal-Ewropa, u f'oħrajn li jinsabu fl-livelli differenti fl-UE. Il-Kummissjoni b'hekk tagħti sehem kontinwu permezz ta' suġġerimenti fuq bosta oqsma kurrenti. (dawn huma diskussi aktar fit-tul f'sezzjoni 1.5 u 1.6)

Parti oħra importanti mix-xogħol tal-NCPE hija l-investigazzjoni tal-ilmenti. Il-Kummissjoni għandha sezzjoni apposta li b'mod kunfidenzjali tinvestiga kull ilment li tirċievi, u kif ukoll tieħu l-inizjattiva li tinvestiga sitwazzjonijiet li temmen li jistgħu jkunu diskriminatorji. (dawn huma diskussi aktar fit-tul f'sezzjoni 4)

Matul l-2008, il-Kummissjoni implimentat diversi proġetti biex iġġib 'il quddiem l-ugwaljanza fl-oqsma kollha ta' diskriminazzjoni li nsibu fis-soċjeta' Maltija. Dan sar permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea kif ukoll fondi lokali. (aktar informazzjoni f'sezzjoni 3)

Il-Kummissjoni tagħti wkoll ħafna taħriġ immirat lejn gruppi ta' individwi differenti kemm fis-Settur Pubbliku kif ukoll dak Privat, lill-gruppi informali u anke lill-għaqdiet mhux-governattivi. Il-parteċipanti jingħataw informazzjoni dwar l-oqsma tal-ugwaljanza, dmirijiet u obbligazzjonijiet legali, fastidju u fastidju sesswali, ġestjoni tad-diversita', l-illegalita' tar-razziżmu, l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, id-diskriminazzjoni fil-provvista ta' oġġetti u servizzi, kif ukoll dwar kull qasam ieħor li jaqa' taħt ir-responsabbiltajiet tal-NCPE. (iktar informazzjoni f'sezzjoni 6)

Il-Kummissjoni tagħti l-opportunita' lill-membri tal-istaff tagħha li jkabbru l-ħiliet tagħhom. Fil-fatt b'mod regolari jsir taħriġ intern kif ukoll estern ma' rekluti ġodda. Matul is-sena, il-membri tal-istaff jingħataw ukoll l-opportunita' li jżommu ruħhom aġġornati billi jattendu seminars u sessjonijiet ta' taħriġ fuq oqsma differenti li huma relevanti skont it-termini tal-Kummissjoni. Il-membri tal-istaff tal-Kummissjoni b'mod regolari jattendu għal taħriġ organizzat mill-SDO li jsaħħaħ il-ħiliet personali tagħhom, sabiex itejbu l-kwalita' tax-xogħol tagħhom. (aktar diskussjoni f'sezzjoni 6)

Permezz tat-taħriġ u l-implimentazzjoni tal-proġetti, titqassam ħafna informazzjoni u tinħoloq kuxjenza fost il-poplu Malti. L-NCPE kabbret il-qafas ta' organizzazzjonijiet li hi soltu taħdem magħhom. Il-Kummissjoni tikkonsulta b'mod regolari u għandha kuntatt kontinwu ma' diversi Għaqdiet mhux-Governattivi, Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta' Ċivili, kumpaniji privati u entitajiet tal-Gvern biex taħdem magħhom fuq

diversi oqsma u proġetti, kif ukoll biex ikun hemm skambju kontinwu ta' għarfien u idejat. Il-kollaborazzjoni id f'id bejn dawn l-entitajiet hija għodda indispensabbli li permezz tagħha tista' sseħħ il-bidla soċjali li hemm bżonn fil-qasam tal-ugwaljanza.

L-aspetti differenti li semmejna fix-xogħol tal-Kummissjoni kollha jxebilku wieħed fl-ieħor, u dan spiss wassal għall-koperazzjoni inter-Dipartimentali / Ministerjali.

Spiss, aspetti ġodda li joħorġu mill-ilmenti, l-implimentazzjoni tal-proġetti, it-taħriġ u r-riċerka jirriżultaw f'riċerka iżjed fil-fond, jindikaw direzzjoni għat-taħriġ u l-ħolqien ta' għarfien li għandu jsir, kif ukoll jagħtu spunt għall-proġetti ġodda li permezz tagħhom jiġu ndirizzati dawn il-aspetti.

Ix-xogħol kollu li jsir mill-Kummissjoni jiġi ċċekjat minn perspettiva legali biex dan ix-xogħol ikun dejjem skont dak li titlob il-Liġi Maltija, kif ukoll biex il-Kummissjoni twettaq id-dmirijiet tagħha skont il-mandat li joħroġ mill-istess liġijiet.

Parti oħra ċentrali mix-xogħol tal-Kummissjoni titlob kuntatt kontinwu mal-Ministeri individwali dwar punti li joħorġu mir-responsabbiltajiet tal-NCPE. Dan jista' jseħħ permezz tal-Kumitati għall-Ugwaljanza. Kull kumitat jikkonsisti f'numru ta' uffiċċjali minn dipartimenti differenti fi ħdan kull ministeru, li jingħaqdu flimkien biex ikunu punt ta' referenza għall-impjegati biex jiżguraw li l-prinċipju tal-ugwaljanza qiegħed jiġi integrat fix-xogħol kollu tal-Ministeru.

Din is-sena dawn il-Kumitati imlew kwestjonarju fejn semmew ix-xogħol li l-Ministeru rispettiv tagħhom wettaq favur l-ugwaljanza mis-sena 2006 'l hawn. Wara li nġabru dawn il-kwestjonarji, inżammet laqgħa ma' kull Kumitat għall-Ugwaljanza fejn ġew diskussi u spjegati r-responsabbiltajiet u d-dmirjijiet ta' kull Kumitat. Bil-ħila ta' din l-inizjattiva, il-maġġoranza tal-Kumitati ingħataw taħriġ u baqgħu jagħtu kontribut regolari lill-NCPE permezz tal-kwestjonarji li jintbagħtu lilhom.

Kull sena l-NCPE tagħti kontribut fil-proċess ta' konsultazzjoni li jsir qabel kull baġit billi dejjem tara li l-miżuri proposti ma jkunux diskriminatorji u ma jwasslux għal diskriminazzjoni diretta jew indiretta.

Fis-sena 2008 il-Kummissjoni ħadet spunt minn diversi sorsi u qajmet dawn il-punti*:*

- L-infurzar tal-A.L. 181/2008 u l-A.L .85/2007.
- Il-promozzjoni ta' miżuri favur il-familja u d-dħul ta' aktar flessibilta' fuq il-postijiet tax-xogħol.
- Ħolqien ta' kuxjenza dwar id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' ġeneru u razza fil-medja.
- Tibdil fit-titli mogħtija lix-xogħlijiet mill-ETC.

- Ingħata bidu għall-proċess ta' tibdil fin-nomenklatura użata mis-Servizz Pubbliku biex l-ismijiet utilizzati jkunu inklussivi.
- Ingħata bidu għall-diskussjonijiet dwar il-qasam tat-taxxa u l-ġeneru.
- Sar sorveljar kontinwu ta' Bordijiet u Kumitati maħtura mill-Gvern biex kemm jista' jkun, ikun hemm bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel fil-kompożizzjoni tagħhom.
- L-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza ġiet inkluża fil-miżuri kollha tas-Servizz u s-Settur Pubbliku.
- Taħriġ li ingħata lill-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku kif ukoll is-Settur Pubbliku.
- L-Implimentazzjoni tal-obbligazzjonijiet li joħorġu minn "Il-pjan ta' rota għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010", inkluż ukoll is-sorveljar tal-indikaturi.
- Riċerka li minnha ħarġu punti differenti bħall-ġestjoni tad-diversita', diskriminazzjoni fuq bażijiet differenti, tqala u żmien ta' prova fuq il-post tax-xogħol.
- Kontribut dwar il-proposti għad-direttiva l-ġdida tal-UE dwar l-antidiskriminazzjoni.
- Saret enfasi fuq is-segregazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma tax-xogħol u l-edukazzjoni.
- Laqgħat ma' Għaqdiet mhux-Governattivi li jaħdmu fil-qasam tar-razza.
- Promozzjoni għall-arranġamenti flessibbli fuq il-post tax-xogħol kif ukoll għan-nisa fil-qasam tal-intrapriża.
- Intlaqgħat l-inizjattiva tal-erbatax-il ġimgħa lif tal-maternita'.
- Riċerka dwar finanzjar u awditjar fil-qasam tal-ġeneru.
- Enfasi fuq il-ħtieġa ta' żieda fin-numru ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal.
- Inġibdet l-attenzjoni dwar in-numru baxx ta' nisa fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet fis-Settur Pubbliku u kif ukoll fis-Servizz Pubbliku.
- Saret kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra biex jiġi organizzat il-mod ta' kif tinġabar u tiġi analizzata d-data/informazzjoni.
- Iċ-Ċirkulari tal-UPM Nru.30 tal-2008, li ġiet introdotta bis-saħħa tal-ħidma sfieqa tal-NCPE, fejn is-Settur Pubbliku ġie mistieden jidentifika prattiċi u miżuri diskriminatorji fl-għoti ta' servizzi lill-pubbliku.

## 1.3 – Direzzjoni Politika

Minħabba t-tkabbir fir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, inkluż l-Avviż Legali 181 u l-obbligazzjonijiet li dejjem jiżdiedu mill-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza ser tikkonċentra d-direzzjoni politika tagħha fuq dawn l-għanijiet:

- **Promozzjoni tal-ugwaljanza** permezz ta' kampanji ta' għarfien dwar drittijiet u dmirijiet fl-oqsma kollha tad-diskriminazzjoni, hekk kif speċifikat mill-UE;

- **Tagħti inkoraġġiment lill-individwi** (pubbliku ġenerali) permezz tal-għoti ta' informazzjoni u għajnuna fl-oqsma li jidħlu taħt il-kappa tax-xogħol li twettaq l-NCPE;
- **Tagħti taħriġ speċifiku dwar l-ugwaljanza** (ġeneru u razza), fastidju sesswali, l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, id-diversita' u l-inklużjoni, kif ukoll dwar il-liġijiet li jitkellmu dwar id-diskriminazzjoni fuq bażi ta' ġeneru u razza lill-entitajiet u kumpaniji pubbliċi u privati;
- Tagħti aktar taħriġ lill-Ministeri dwar **l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diversita'**;
- Tagħti aktar taħriġ (kontinwu) lill-**Kumitati għall-Ugwaljanza fi ħdan kull Ministeru**;
- **L-Implementazzjoni u s-sorveljar tal-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-A.L.181/2008** b'mod speċjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-proviżjon ta' oġġetti u servizzi mogħtija mis-Servizz/Settur Pubbliku;
- **Tkompli bl-implimentazzjoni tal-obbligazzjonijiet maħruġa mill-UE** f'dak li għandu x'jaqsam mal-prinċipju tal-ugwaljanza – sorveljar u ġbir ta' data għal indikaturi identifikati mill-UE għas-27 Stat Membru fi ħdanha, hekk kif imsemmi fid-dokument '*Il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010'* u l-'Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing'.

L-istrateġija li se tħaddan il-Kummissjoni biex twettaq il-proġetti msemmija hawn fuq se tinkludi:

**Kampanji ta' Għarfien**

Wieħed mill-isforzi ewlenin tax-xogħol tal-Kummissjoni huwa l-ħolqien ta' kuxjenza dwar ir-responsabbiltajiet tagħha u dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-non diskriminazzjoni**.** Għalhekk wieħed mill-aktar mezzi importanti biex jintlaħaq il-pubbliku minn setturi differenti tas-soċjeta' huwa permezz tal-kampanji ta' għarfien. F'kull proposta għall-proġetti, għalhekk, l-NCPE daħlet element ta' ħolqien ta' kuxjenza biex tgħallem u tqassam informazzjoni dwar riżultati/sejbiet mir-riċerka, biex tippromwovi l-prinċipju tal-ugwaljanza eċċ.

**Inizjattivi ta' Taħriġ**

Filwaqt li l-prinċipju tal-ugwaljanza *de jure* huwa inkluż saħansitra fil-Kostituzzjoni ta' Malta, biex tintlaħaq l-ugwaljanza, *de facto* għad fadal ħafna x'isir. Jeżisti nuqqas ċar fit-tifsira bażika tal-kunċett tal-ugwaljanza u l-applikazzjoni tagħha, kif ukoll jeżisti nuqqas ta' informazzjoni dwar l-oqsma l-oħra ta' diskriminazzjoni kif elenkati mill-UE. Dawn jinkludu razza u oriġini etnika, orjentazzjoni sesswali, eta' u reliġjon. Biex titjieb is-sitwazzjoni, dawn l-inizjattivi għandhom jitwettqu bil-ħsieb li jitħarrġu dawk li għandhom il-possibilta' li jerġgħu jwasslu dak li tgħallmu lil ħaddieħor.

**Taħriġ speċifiku**

Matul is-sena 2009, l-NCPE se tibda tagħmel eżerċizzju fejn se tidentifika numru ta' Ministeri kull sena u toffrilhom taħriġ immirat lejn il-ħtiġijiet tagħhom dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-ugwaljanza bejn ir-razez, il-fastidju sesswali, il-ġestjoni tad-diversita', miżuri li jippromwovu l-ugwaljanza, u suġġetti oħra li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-NCPE. Barra minn hekk, se jkompli jingħata taħriġ lill-Kumitati għall-Ugwaljanza biex jinżammu dejjem aġġornati dwar tendenzi u prattiċi tajba, u anke dwar il-liġijiet li huma relevanti għal dan il-qasam.

**Implimentazzjoni u sorveljar tal-obbligi nazzjonali/UE**

Hekk kif joħroġ mid-Direttiva 2002/73/KE, l-NCPE għandha l-obbligu li tissorvelja l-politika u l-miżuri kollha biex tiżgura li fil-fatt qed jiġi integrat il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan il-kunċett innifsu huwa mod strateġiku li permezz tiegħu jiġu ndirizzati prassi diskriminatorji li joħorġu mill-istrutturi politiċi, legali u amministrattivi għalkemm ma jkunux indirizzati lejn l-individwi nnfushom.

Mill-Avviż Legali 181/2008 joħorġu wkoll obbligazzjonijiet oħra. Fost dawn insibu:

- il-ġbir tad-data mingħand kumpaniji tal-assigurazzjoni u servizzi finanzjarji relatati mal-mod ta' kif jikkalkulaw il-*premiums* u l-benefiċċji
- l-analiżi tad-data mingħand kumpaniji tal-assigurazzjoni u servizzi finanzjarji relatati biex nifhmu jekk hux ġustifikat meta s-sess tal-persuna jkun qed jintuża bħala fattur fil-kalkulazzjoni ta' *premiums* u benefiċċji
- tilqa' ilmenti
- tibda l-proċeduri neċessarji wara l-wasla ta' ilmenti, hekk kif preskritt f'Kap 456
- tagħti assistenza indipendenti lill-vittmi ta' diskriminazzjoni fil-proċess tal-investigazzjoni tal-ilmenti
- tniedi stħarriġ indipendenti
- tippubblika rapporti
- tagħmel rakkomandazzjonijiet

**L-indikaturi elenkati fid-dokument** '*Il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010'* u 'Il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing' se jkunu l-bażi tal-ġbir ta' data nazzjonali. L-NCPE se tkun qed tissorvelja u tiġbor b'mod kontinwu d-data relevanti għall-indikaturi identifikati mill-Kummissjoni Ewropea għas-27 Stat Membru.

**Riċerka u tqassim ta' informazzjoni/pubblikazzjonijiet**

Riċerka ġenerali bażika u speċifika hija ta' ħtieġa kbira biex jintiżnu l-fatturi differenti li jolqtu l-ugwaljanza fuq bażi ta' ġeneru kif ukoll razza. Se jitniedu numru ta' inizjattivi ta' riċerka bl-għan li jgħinu lill-Kummissjoni

tifhem aħjar is-sitwazzjoni sabiex tkun kapaċi iżjed tagħti suġġerimenti għall-introduzzjoni ta' miżuri li jkunu aċċettabli u vijabbli .

**Tfassil u implimentazzjoni ta' miżuri**

Wara li titwettaq ir-riċerka meħtieġa, l-NCPE tkun f'pożizzjoni aħjar biex tintegra l-prinċipju tal-ugwaljanza fis-soċjeta' Maltija permezz ta' tfassil u implimentazzjoni ta' miżuri neċessarji.

**Investiment fil-ħiliet tal-membri tal-istaff biex itejbu l-assistenza li joffru lill-pubbliku**

Hekk kif kemm fl-2007 u fl-2008 kibru r-responsabbiltajiet tal-NCPE u żdiedu obbligazzjonijiet oħra mill-implimentazzjoni ta' Direttivi tal-UE, il-Kummissjoni tħoss il-ħtieġa li tinvesti fil-ħiliet tal-membri tal-istaff tagħha kif ukoll tal-membri tal-Kumitati għall-Ugwaljanza fi ħdan kull Ministeru. Permezz t'hekk l-NCPE tkun f'pożizzjoni aħjar li tgħin lill-pubbliku, u tippromwovi l-prinċipju tal-ugwaljanza.

## 1.4 – Riċerka bl-iskop li tappoġġja l-ħolqien ta' miżuri

Il-Kummissjoni tapprezza l-fatt li hemm x'titgħallem mit-tfassil ta' politika li saru fil-passat fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Meta wieħed iħares lejn l-implimentazzjoni ta' xi miżuri fuq livell nazzjonali, għandha tingħata konsiderazzjoni sħiħa lejn id-differenzi fil-kuntest li fih dawn jiġu applikati. Permezz tar-riċerka, il-Kummissjoni tieħu stampa ċara u xjentifika dwar prattiċi tajba, l-implikazzjonijiet fit-tul u fil-qosor tad-dħul ta' dawn il-prattiċi, problemi li jistgħu jinħolqu fl-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll soluzzjonijiet li jista' jkun hemm għalihom. Matul l-2008 saret riċerka f'bosta oqsma inkluż il-ġestjoni tad-diversita', azzjoni pożittiva u diskriminazzjoni pożittiva, regolamenti Ewropej dwar it-taxxi tad-dħul, forom differenti ta' familji, diskriminazzjoni multipla u l-integrazzjoni tal-prinċipju tan-non diskriminazzjoni, il-vjolenza fuq in-nisa, il-kumitati għall-ugwaljanza, reklamar diskriminatorju, maternita' u l-Pjan ta' Azzjoni tal-*Commonwealth*.

**Il-Ġestjoni tad-Diversita'** hija "*l-iżvilupp attiv u konxju ta' proċess ta' ġestjoni komunikattiv, orjentat fuq għanijiet futuri, permezz ta' strateġija li hi mmexxija mill-valur u li juża ċerti differenzi u similaritajiet bħala potenzjal f'organizzazzjoni, proċess li joħloq żieda fil-valur ta' kumpanija*" (Keil, Amershi, Holmes, Jablonski, Lűthi, Matoba, Plett & von Unruh, 2007, pp.6). Il-Kummissjoni wettqet riċerka fuq dan is-suġġett sabiex tidentifika il-prinċipji bażiċi, l-iżvilupp storiku, il-*business rationale*, l-aqwa strateġiji u miżuri biex tiġi introdotta il-ġestjoni tad-diversita'.

**L-azzjoni pożittiva** ssir bl-għan ewlieni li tintlaħaq ugwaljanza sħiħa fil-prattika permezz ta' miżuri ta' kumpens li jeliminaw l-isterjotipi u jdawru prinċipji diskriminatorji kemm tal-passat kif ukoll tal-preżent. Ir-riċerka ħadmet fuq l-identifikazzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-UE relevanti, il-parametri stabbiliti bil-liġi, id-deċiżjonijiet dwar miżuri speċifiċi li ttieħdu mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, eżempji ta' prattiċi tajba

internazzjonali, kif ukoll issuġġeriet miżuri aktar wiesgħa meħtieġa biex l-implimentazzjoni ta' azzjoni pożittiva tirnexxi bl-aħjar mod possibbli.

**Il-liġijiet dwar it-taxxi tad-dħul Ewropej** ġew studjati biex jiġu identifikati komputazzjonijiet ta' taxxi differenti u benefiċċji ta' taxxi f'pajjiżi differenti. Barra minn hekk, ġew riċerkati wkoll il-varjazzjonijiet fit-taxxi tad-dħul f'dak li għandu x'jaqsam mal-istat ċivili tal-individwu, tfal dipendenti u anzjani**.**

L-NCPE tagħraf il-fatt li **l-kunċett tal-familja** qiegħed jinbidel kemm mill-aspetti soċjoloġiku, kif ukoll kulturali. Tul is-snin il-familja għaddiet minn relazzjoni kontrollata soċjalment minn tradizzjonijiet, opinjoni pubblika, liġijiet eċċ għal relazzjoni spontanja ibbażata b'mod naturali fuq l-imħabba u l-kunsens. Id-definizzjoni kontemporanja tal-familja tidentifika r-residenza, iż-żwieġ (kemm formali u informali), u l-maternita'/paternita', bħala l-karatteristiċi ewlenin tal-grupp soċjali tal-familja. Familji li jiddevjaw min-normi tradizzjonali, huma aktar fir-riskju li jaffaċċjaw ċerti diffikultajiet. Għalhekk hija r-responsabbilta' tal-Istat li jagħraf tipi ta' familji differenti u li jirranġa miżuri u servizzi ta' assistenza/għajnuna soċjali u benefiċċji b'mod li jipprovdi xibka ta' protezzjoni għal kulħadd, speċjalment għal dawk l-aktar vulnerabbli permezz ta' proviżjonijiet diretti, jew maħluqin skont il-bżonnijiet partikolari. Għalhekk il-politika soċjali għandu jkollha għarfien sħiħ tal-forom differenti tal-familji u l-funzjonijiet tagħhom.

Barra minn hekk, l-NCPE taħdem ma' entitajiet oħra bil-għan li toħloq u taġġorna ***databases*** **b'informazzjoni relevanti**. L-NCPE tikkollabora ma' entitajiet pubbliċi, bħall-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, bl-iskop li taġġorna statistika u data dwar indikaturi relevanti tal-UE. Minħabba l-fatt li l-NCPE spiss tintalab tirrispondi għal kwestjonarji minn bosta istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali, fejn trid tagħti informazzjoni sħiħa dwar punti speċifiċi dwar l-oqsma ta' razza u ugwaljanza bejn is-sessi, din it-tip ta' informazzjoni tkun meħtieġa ta' spiss. Għalhekk, kull meta jkun hemm bżonn, l-NCPE tinforma entitajiet oħra dwar il-ħtieġa ta' ġbir ta' informazzjoni segregata skont indikaturi tal-ugwaljanza fuq bażi ta' ġeneru u razza.

Minħabba tibdil fil-familji u fl-istruttura tas-suq tax-xogħol, rwoli sterjotipiċi u responsabbiltajiet tal-familja, bżonnijiet ta' kura għall-popolazzjoni anzjana u l-livell tal-għajxien, l-NCPE nediet riċerka fuq **arranġamenti flessibbli** fuq il-post tax-xogħol biex tifhem aħjar kif kunflitti u pressjonijiet li jgħaddu minnhom ħaddiema b'reponsabbiltajiet familjari jistgħu jiġu ndirizzati. Dawn l-arranġamenti jinkludu ħinijiet tax-xogħol flessibbli, *job sharing*, xogħol fuq bażi ta' sigħat imnaqqsa, tpartit ta' xiftijiet, *time banking* u xogħol fuq bażi *part-time*. Barra minn hekk, skemi ta' benefiċċji aktar inklussivi hemm bżonn li jiġu studjati biex jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja privata ta' impjegati li għandhom impenji oħra mhux neċessarjament relatati ma' responsabbiltajiet ta' kura.

L-NCPE sostniet l-għanijiet strateġiċi tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing' li jappoġġjaw l-avvanz tan-nisa. **Il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing (BPfA)** tenfasizza l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-għoti tas-setgħa lin-nisa u d-drittijiet umani, fi tnax-il qasam kritiku. Għal dan il-għan, l-NCPE taħdem fuq riċerka kontinwa dwar l-indikaturi elenkati mill-BPfA fl-oqsma ta': n-nisa u l-kunflitt bl-armi; il-vjolenza fuq in-nisa; nuqqas ta' bilanċ fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-politika; mekkaniżmi li jippromwovu l-avvanz tan-nisa; sterjotipi sostnuti mill-medja u l-aċċess tan-nisa għal sistemi ta' komunikazzjoni; diskriminazzjoni u abbuż tad-drittijiet tat-tfal bniet; nuqqas ta' ugwaljanza fi strutturi ekonomiċi u politiċi, b'mod speċjali d-diverġenza fil-paga bejn in-nisa u l-irġiel; ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja; kif ukoll l-aċċess tan-nisa fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

Matul din is-sena saret riċerka mal-**Kumitati għall-Ugwaljanza** f'żewġ okkażjonijiet, darba waqt l-ewwel kwart tas-sena 2008 u oħra fit-tielet kwart tas-sena 2008. L-informazzjoni li nġabret inkludiet il-livell ta' taħriġ li ingħataw dawn il-Kumitati, il-miżuri li kienu fis-seħħ inkluż proċeduri biex jilqgħu ilmenti, ilmenti li fil-fatt tressqu, u kull punt ieħor li l-Kumitati ħassew li kellhom jippreżentaw jew li kellhom bżonn għajnuna dwaru. Din it-tip ta' riċerka tagħti lok għall-ħolqien ta' linja miftuħa ta' komunikazzjoni bejn l-NCPE u kull Kumitat individwali kif ukoll tgħin biex jiġu identifikati oqsma fejn hemm bżonn tittieħed azzjoni.

Saret ukoll riċerka dwar **reklamar diskriminatorju u s-saħħa li għandha il-grafika**. Minn din ir-riċerka ħareġ ċar li l-istampi użati jġorru ideoloġiji partikolari kif ukoll joħolqu jew iżidu mat-tifsira tat-test[3]. Din ir-riċerka enfasizzat il-punt li l-prinċipju ta' newtralita fuq bażi ta' ġeneru għandu jiġi applikat anke fl-istampi/grafika mpoġġija maġenb test li jirreklama opportunitajiet ta' xogħol. Kap 456, Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel Art. 10 (1) u (2) jsostnu li kull reklam ippubblikat jew għall-wiri m'għandux jiddiskrimina bejn dawk li qed ifittxu xogħol. Il-liġi ma tagħmilx distinzjoni jekk ir-reklam ikunx grafiku jew testwali.

Il-Kummissjoni wettqet riċerka fuq diversi aspetti relatati mal-**maternita'** u l-leġislazzjoni rispettiva. Fost dawn insibu d-drittijiet tan-nisa li huma impjegati jew li jaħdmu għal rashom b'rabta mal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni lejn dawk li huma tqal, jew li welldu reċentemen,t jew li qed ireddgħu.

L-NCPE wettqet riċerka marbuta mal-Qafas ta' Sorveljar u Evalwazzjoni għall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2005 – 2015 tal-***Commonwealth***. Dan ir-rapport ma ħarisx biss lejn il-perspettiva tal-ġeneru ta' dawn l-oqsma ta' azzjoni, iżda kien jinkludi ukoll aspetti ta' razza/oriġini etnika hekk kif jitolbu l-funzjonijiet tal-NCPE. Dawn l-"oqsma kritiċi" kif inhuma elenkati f'dan il-pjan ta' azzjoni jinkludu: Ġeneru, demokrazija, paċi u kunflitti; Ġeneru, drittijiet umani u l-liġi; Ġeneru, l-eliminazzjoni tal-faqar u l-għoti

3 Barthes, R. *Camera lucida: reflections of photography*. London: Flamingo. (1984) ikkwotat f'Van Den Berg, D.J. What is an image and what is image power. (May 2004) www.imageandnarrative.be/issue08/dirkvandenbergh.htm

ta' setgħa ekonomika; u l-Ġeneru u l-HIV/AIDS. Dawn l-oqsma huma deskritti fid-dettal tul ir-rapport kollu, u huma lkoll segregati abbażi ta' sess u razza hekk kif jitolbu r-responsabbiltajiet tal-NCPE.

## 1.5 – Laqgħat u Konferenzi

### *1.5.1 – Barra minn Malta*

**Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza (10 - 12.01.08, Ljubljana u Brodo, Slovenja)**

Il-laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-Presidenza Slovena inżamm f'Ljubljana. Din il-Presidenza qed taħdem fuq żewġ indikaturi minn dawk elenkati fil-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing. Dawn huma – 'In-nisa fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet' u 'It-tfal bniet'. L-informazzjoni li ntalbet, ġiet miġbura u mibgħuta.

**Konferenza "l-Eliminazzjoni ta' Sterjotipi abbażi ta' Ġeneru: Missjoni (Im)possibbli?"(29.01.08) u Laqgħa Informali tal-Ministri tal-Ugwaljanza tal-Ġeneru (30 - 31.01.08, Slovenja)**

Is-Segretarju Permanenti MSOC flimkien mad-Direttur Eżekuttiv attendew għal din il-konferenza. L-għan ta' din il-Konferenza, li ġiet organizzata bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, kien li jistudja l-progress li sar s'issa u jagħraf l-isfidi primarji li jeżistu biex jiġu eliminati l-isterjotipi tal-ġeneru b'mod partikolari fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fix-xogħol, fil-ħajja tal-familja/privata, fil-parteċipazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-medja. Min-naħa l-oħra il-Laqħa Informali tal-Ministri kienet dwar il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-soċjeta' u t-tisħiħ tar-rwol u l-istatus tan-nisa.

**Laqgħa ma' rappreżentanti tal-korpi tal-ugwaljanza nazzjonali mwaqqfa skont id-Direttiva 2002/73/KE, (22.02.08 Brussel)**

Il-punti ewlenin tad-diskussjoni kienu t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2002/73/KE u l-liġi stabbilita fuq preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea bħala eżempji tajba.

**ECRI (Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza) Seminar ma' korpi speċjalizzati fil-qasam tal-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali (28 0 29.02.08, Strasburgu)**

It-tema ewlenija li ġiet diskussa kienet l-INTEGRAZZJONI. Ir-rappreżentanza Maltija ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li l-immigranti irregolari li qed jidħlu Malta m'humiex dejjem interessati li jintegraw fis-soċjeta' Maltija minħabba l-fatt li l-maġġoranza tagħhom ikunu jixtiequ jkomplu jimmigraw lejn iċ-ċentru tal-Ewropa.

**It-38 Laqgħa tal-*Bureau* tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (27.03.08, Strasburgu)**

Il-punti ewlenin f'din il-laqgħa kienu: [i] il-preparazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar l-Ugwaljanza; [ii] il-parteċipazzjoni bilanċjata tan-nisa u l-irġiel fil-livelli tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-politika u fil-ħajja pubblika; [iii]

attivitajiet fil-qasam tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi; u [iv] attivitajiet biex iħarsu lin-nisa mill-vjolenza.

**Ippjanar finanzjarju fil-qasam tal-Ġeneru, għodda neċessarja biex jiġi implementat 'l-Att dwar il-prinċipju tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi' tat-12 ta' Jannar 2007. L-Ewwel Seminar Tematiku (16.04.08, Brussel)**

L-Istitut tal-Ugwaljanza organizza dan is-seminar fejn ġew diskussi il-mezzi utilizzati mill-Belġju u l-Marokk għall-ippjanar finanzjarju fil-qasam tal-ġeneru.

**EQUINET Laqgħa Ġenerali Annwali (17 – 18.04.08, Brussel)**

Il-LĠA approvat l-istatut il-ġdid tal-EQUINET hekk kif ġie organizzat mill-ġdid taħt il-Liġi Belġjana. Il-Kap tas-Sezzjoni tal-Anti-diskriminazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea kien preżenti għal din il-Laqgħa Ġenerali Annwali. Saret diskussjoni ukoll dwar kif EQUINET tista' ttejjeb il-komunikazzjoni mal-membri tagħha.

**Rispons għal Realtajiet Soċjali Ġodda. L-Iżvilupp ta' Aġenda Ewropea għal Aċċess, Opportunitajiet u Solidarjeta' (05 – 06.05.08, Brussel)**

Il-Kummissarju flimkien ma' 6 parteċipanti oħra minn Malta attendew għal din il-Konferenza. Fost affarijiet oħra, din il-konferenza tat informazzjoni dwar mezzi kif l-Ewropa għandha tirrispondi għall-isfidi kurrenti li qiegħda tiffaċċja fi żmien ta' globalizzazzjoni billi tinħoloq diskussjoni dwar kif għandha tkun imġedda l-aġenda soċjali.

**Inwasslu l-Ugwaljanza u n-Non diskriminazzjoni lill-Unjoni Ewropea (05 – 06.06.08, Belfast, Irlanda ta' Fuq)**

Din il-konferenza kellha fiċ-ċentru tagħha l-proġetti li ġew implimentati minn pajjiżi differenti bħala parti mis-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs. Is-*Senior Projects Co-ordinator* attendiet għal din il-konferenza bħala l-persuna responsabbili mill-proġett 'MOSAIC – Maqgħudin fid-diversita'.

**Insaħħu r-Rwol tan-Nisa fis-Soċjeta' (12.06.08, Brussel)**

Il-Kummissarju tal-NCPE attendiet għal din il-laqgħa *ad hoc* tal-EuroMed. Il-konklużjonijiet ippreżentati mir-*rapporteurs* taw numru ta' rakkomandazzjonijiet li saru biex iservu ta' gwida għall-introduzzjoni ta' firxa wiesgħa ta' miżuri apposta u strateġiji sistematiċi u kumplimentari li huma meħtieġa biex tinkiseb ugwaljanza sħiħa fil-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika.

**Id-39 Laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (30.06.08 – 02.07.08, Strasburgu)**

Id-Direttur Eżekuttiv kienet preżenti għal din il-laqgħa tas-CDEG. Matul din il-laqgħa, il-Kumitat iddiskuta l-preparazzjoni ta' dikjarazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi biex tiġi garantita l-ugwaljanza fil-prattika, attivitajiet li se jiġu mħejjija fil-futur għall-parteċipazzjoni bilanċjata bejn iż-żewġ sessi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u inizjattivi biex tinkiseb aktar koeżjoni soċjali.

**Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-sessi (11 - 12.09.08, Pariġi)**

Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-sessi kien organizzat mill-Presidenza Franċiża. Waqt din il-laqgħa ġew diskussi l-indikaturi li joħorġu mill Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing dwar in-nisa u l-kunflitt bl-armi. L-abbozz tar-rapport ippreparat mill-Presidenza Franċiża kien ġie diskuss mir-rappreżentanti tal-Istati Membri. Wara li nstemgħu l-ideat ta' kulħadd, intlaħaq il-ftehim mixtieq.

**Id-39 Laqgħa tal-*Bureau* tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (17 – 19.09.08, Strasburgu)**

Id-Direttur Eżekuttiv kienet preżenti għal din il-laqgħa. Barra min din, id-Direttur Eżekuttiv attendiet ukoll għal-laqgħa informali dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-medja. Matul din il-laqgħa saret enfasi dwar l-importanza li ssir ħidma mal-medja biex kemm jista' jkun, l-isterjotipi jonqsu. Għaldaqstant il-laqgħa informali li jmiss se tiffoka fuq dan is-suġġett.

**It-Tieni *Summit* dwar l-Ugwaljanza (29 – 30.09.08, Pariġi)**

Il-Presidenza Franċiża organizzat din il-Laqgħa fl-*Institute du Monde Arabe*. Matulha, l-*istakeholders* ingħataw l-opportunita' li jiċċaraw xi punti u jippreżentaw perspettivi differenti dwar kif tista' tiġi msaħħa l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-Ewropa.

**Insaħħu r-Rwol tan-Nisa fis-Soċjeta' (13.10.08, Brussel)**

Din kienet Laqgħa oħra *Ad Hoc* tal-Euromed fejn attendiet il-Kummissarju tal-NCPE. L-għan ta' din il-laqgħa kien li jivvaluta r-riżultati miksuba mill-imsieħba tal-EuroMed fl-implimentazzjoni tal-"Konklużjonijiet ta' Istanbul".

**Konferenza dwar "L-Ugwaljanza tal-Professjoni bejn l-Irġiel u n-Nisa, sehem ekonomiku li qed iħares lejn sfidi demografiċi" (13 - 14.11.08, Lille, Franza)**

Matul din il-konferenza kien diskuss is-suġġett tad-diverġenza fil-paga bejn is-sessi f'kategoriji professjonali differenti. Id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE kienet preżenti għal din il-laqgħa. Wara din il-konferenza saret laqgħa informali mal-Ministri responsabbli mill-ugwaljanza bejn is-sessi fejn ġie approfondit aktar is-suġġett.

**Laqgħa Informali tal-Ministri responsabbli mill-ugwaljanza bejn is-sessi (14.11.08, Lille, Franza)**
Għal din il-laqgħa attendew is-Segretarju Permanenti MSOC u d-Direttur Eżekuttiv, NCPE. Waqt din il-laqgħa ġiet iffirmata it-tieni Dikjarazzjoni tat-Trijo tal-Presidenza bejn Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Isvezja.

**L-Ewwel Laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Gvern dwar l-Anti-diskriminazzjoni (18.11.08, Brussel)**
L-ewwel laqgħa ta' dan il-Grupp saret ġewwa Brussel, fil-Belġju. Minħabba l-fatt li din kienet l-ewwel laqgħa, matulha ġie diskuss il-programm tax-xogħol għal matul is-sena.

**L-40 Laqgħa tal- Kumitat ta' Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (26 - 28.11.08, Strasburgu)**
L-għan ta' din il-laqgħa li saret fi Strasburgu, kienet il-preparazzjoni għas-7 Konferenza Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel li se ssir fl-Azerbaijan, 2010.

**It-tieni Laqgħa Annwali mal-Korpi tal-Ugwaljanza Nazzjonali mwaqqfa skont id-Direttiva 2002/73/KE (09.12.08, Brussel)**
Il-Kummissarju tal-NCPE attendiet għal din il-laqgħa, fejn ġiet diskussa din id-Direttiva f'dak li jirrigwarda aċċess għal xogħol, taħriġ vokazzjonali u promozzjoni, kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol.

**Konferenza "Nissoktaw bil-Vjaġġ tad-Diversita' – Prattiċi tan-Negozji, Perspettivi u Benefiċċji" (11 - 12.12.08, Brussel)**
Is-suġġett ċentrali ta' din il-konferenza kien is-sitwazzjoni kurrenti tal-Ewropa f'dak li għandu x'jaqsam mad-diversita'. Barra minn hekk ġew elenkati numru ta' miżuri tajba li juru kemm id-diversita' hija fil-fatt ta' benefiċċju għan-negozji.

### *1.5.2 – Lokali*

16.01.08 – Il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv ġew mistiedna jattendu għal *breakfast meeting* informali li kien organizzat mill-Ministru għad-Dipartimenti u Kummissjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Politika Soċjali.

22.01.08 – Saret laqgħa mad-Dipartiment tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali li matulha ġie diskuss il-mod kif l-NCPE u dan id-Dipartiment se jaħdmu flimkien fuq oqsma komuni li huma responsabbli għalihom iż-żewġ entitajiet.

24.01.08 – L-NCPE organizzat laqgħa mal-entitajiet indipendenti kif ukoll ma' għaqidet mhux governattivi li jaħdmu fl-oqsma tar-razza u etniċita'. Din kienet laqgħa introduttorja fejn l-organizzazzjonijiet kollha preżenti

kellhom l-opportunita' jiddeskrivu l-madat u r-responsabbiltajiet fl-oqsma rispettivi tagħhom. Barra minn dan, dawn l-organizzazzjonijiet qassmu dettalji lil xulxin biex jiffaċilitaw il-kuntatti ta' bejniethom, u ttieħdet deċiżjoni li laqgħat bħal din jibdew isiru b'mod regolari.

25.01.08 – L-oqsma ta' tqala u ż-żmien ta' prova fix-xogħol ġew diskussi f'laqgħa ma' Dr Simon Busuttil, Membru tal-Parlament Ewropew waqt laqgħa oħra. L-NCPE iddeċidiet li torganizza laqgħat simili mal-Membri kollha Maltin tal-Parlament Ewropew minħabba li lkoll għandhom sehem differenti f' diversi kumitati li jistgħu jgħinu b'mod pożittiv lill-Kummissjoni.

06.02.08 – Saret laqgħa mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ fejn ġew diskussi aspetti dwar l-ugwaljanza li jaffettwaw lil min iħaddem.

14.02.08 – Saret laqgħa maċ-*Chairperson* tal-*Gender Issues Committee* tal-Universita' ta' Malta fejn ġiet esplorata l-possibilta' li jiġi ppreżentat proġett konġunt taħt l-applikazzjoni tal-*United Nations Educational, Scientific and Cultural Organization (UNESCO)*.

22.02.08 – Saret laqgħa introduttorja bejn il-Kummissjoni u l-ENAR (Network Ewropew Kontra r-Razziżmu) fejn ġew diskussi modi kif iż-żewġ entitajiet jistgħu jikkollaboraw flimkien.

04.03.08 – Saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-Istitut Daniż għad-Drittijiet Umani li qegħdin jagħmlu riċerka madwar l-Ewropa dwar trattament ta' individwi leżbjani, omosesswali, bisesswali u *transgender* fuq il-post tax-xogħol. Dan il-proġett huwa ikkummisjonat mill-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

05.03.08 – Is-Segretarjat tal-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali organizza seminar fl-Universita' ta' Malta biex jiġi ċċelebrat Jum il-Mara. Id-Direttur Eżekuttiv ġiet mistiedna titkellem dwar ix-xogħol tal-NCPE.

18.03.08 – Saret laqgħa mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) fejn ġiet diskussa l-possibilta' ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet.

02.04.08 – Saret laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' tax-Xandir biex tiġi diskussa l-possibilta' li staff tal-istess awtorita' jissorvelja r-reklami li jixxandru fuq ir-radju u t-televiżjoni.

03.04.08 – Il-Kummissjoni ltaqgħet mal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija biex tiddiskuti possibiltajiet ta' riċerka li joħorġu mis-*Seventh Framework Programme*.

22.04.08 – Saret ukoll laqgħa mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-Programm Nazzjonali ta' Riforma. Din ġiet organizzata mill-*Management Efficiency Unit*. F'din il-laqgħa l-NCPE ippreżentat diversi inizjattivi li ttieħdu biex iħeġġu lin-nisa jerġgħu jidħlu jew jibqgħu jagħtu sehemhom fis-suq tax-xogħol.

30.04.08 – Saret laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Awotrita' tax-Xandir flimkien ma' żewġ *lecturers* mill-Universita' ta' Malta rigward inizzjattiva konġunta biex jiġu mħarrġa l-membri tal-istaff li jaħdmu fix-xandir dwar il-ġeneru u r-razza. Dan it-taħriġ kien ippjanat għall-4 ta' Ġunju.

02.05.08 – Saret laqgħa bejn l-NCPE u l-Ministru tal-Politika Soċjali fejn ġew diskussi r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni kif ukoll problemi li qegħdin jinqalgħu f'dan ir-rigward.

02.05.08 – Saret ukoll laqgħa mal-Koordinatur Nazzjonali tas-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali. Matul din il-laqgħa ġew esplorati possibiltajiet ta' kif il-Kummissjoni tista' taħdem fuq xi oqsma minn dan il-proġett.

07.05.08 – Saret laqgħa mad-Direttur (*Policy Development*) fuq is-Saħħa, fejn ġiet esplorata l-idea, li kienet diskussa waqt laqgħa tal-Kummissjoni, li jsir studju dwar l-għoti ta' mediċina b'xejn skont il-ġeneru. Din il-laqgħa inizzjali u kienet maħsuba biex jingħata bidu għal din l-inizjattiva.

07.05.08 – Saret laqgħa ma' rappreżentant tal-*General Workers' Union* biex jiġu diskussi mezzi ta' kif l-NCPE u l-*Union* jistgħu jaħdmu flimkien.

20.05.08 – Saret laqgħa mal-Ministru tal-Finanzi dwar id-dokument ta' qabel il-Baġit 2009 – Lejn Żvilupp Sostenibbli fil-Lokalitajiet tagħna. F'din il-laqgħa l-NCPE tat il-kontribut tagħha dwar dan id-dokument.

20.06.08 – Il-Kummissjoni ħadet sehem f'konferenza organizzata mill-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHCR) fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tar-Refuġjati. Fost is-suġġetti li ġew diskussi nsibu l-integrazzjoni tar-refuġjati f'Malta, esperjenzi u rakkonti personali ta' bosta refuġjati li qed jgħixu u jaħdmu f'Malta, kif ukoll l-istrateġiji futuri tal-Gvern f'dan ir-rigward. Saret ukoll diskussjoni bejn il-parteċipanti, li kienu qed jirrappreżentaw diversi għaqdiet mhux governattivi u entitajiet tal-Gvern li jaħdmu f'dan il-qasam.

21.06.08 – Ġiet organizzata laqgħa mill-Ministru għall-Politika Soċjali fejn ġew mistiedna l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt dan il-Ministeru. Għal din l-okkażjoni, il-Kummissarju tkellmet dwar ix-xogħol li twettaq l-NCPE u saħqet fuq l-opportunitajiet kurrenti li għandha tittieħed azzjoni fuqhom. Għal din il-laqgħa attendew kemm il-Kummissarju, kif ukoll id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE.

27.06.08 – Il-Kunsill Malti għall-Kwalifki, b'appoġġ mill-Ministeru tal-Edukazzjoni organizza laqgħa fejn ħadet sehem id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE.

17.07.08 – Saret laqgħa mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data fejn ġew diskussi diversi aspetti importanti dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni.

23.07.08 – L-NCPE ltaqgħet mal-Kap Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Lukandi u r-Restoranti (MHRA) dwar xi oqsma tal-ugwaljanza bejn is-sessi u bejn ir-razez li jistgħu jkunu ta' ġid għal din l-Assoċjazjoni. Għaldaqstant il-Kummissjoni ġiet mitluba tikteb artiklu dwar il-Ġestjoni tad-Diversita' li ġie ppubblikat fir-rivista tal-Assoċjazzoni fl-edizzjoni ta' Settembru.

24.07.08 – L-organizzazzjoni tan-Nisa fin-Negozju organizzat seminar bl-isem *Breaking Stereotypes* fejn id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE ġiet mitluba tagħti informazzjoni dwar is-sitwazzjoni lokali. Waqt dan is-seminar saret enfasi fuq id-diskrepanza bejn l-ammont ta' gradwati nisa mill-Universita' li jlaħħaq is-60% u r-realta' differenti tad-dinja tax-xogħol.

30.07.08 – Ġiet diskussa l-possibilta ta' aktar taħriġ u kollaborazzjoni f'laqgħa li saret mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' tax-Xandir.

31.07.08 – Saret laqgħa mal-*Management and Personnel Office* fejn issoktat id-diskussjoni dwar lingwaġġ aktar inklussiv li għandu jintuża fin-nomenklaturi użati fis-Servizz Pubbliku.

04.08.08 – L-NCPE ħadet sehem f'diskussjoni dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma li kienet organizzata mill-Ministru tal-Finanzi.

13.08.08 – Ġiet imsejħa laqgħa mill-*Jesuit Refugee Services* li huma responsabbli mill-pubblikazzjoni tar-Rapport Nazzjonali għal Malta dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija. Il-Kummissarju ħadet sehem f'din il-laqgħa.

26.08.08 – L-NCPE ħadet sehem f'laqgħa inter-ministerjali dwar il-pożizzjoni ta' Malta rigward il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal direttiva ġdida dwar l-anti-diskriminazzjoni. Din il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju tad-Direttur Ġenerali (Strateġija u Sostenibbilta') fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Settur tas-Saħħa).

22.09.08 – Wara li l-NCPE bagħtet Memo lill-Kummissarju għat-Taxxi Interni, lis-Segretarju Permanenti, u lill-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, ġiet organizzata laqgħa fejn ġiet diskussa l-liġi preżenti dwar it-

Taxxa tad-Dħul. Il-punti li nġibdet attenzjoni dwarhom ħargu minn ilmenti u talbiet għall-informazzjoni li l-NCPE irċeviet mingħand il-pubbliku.

23.09.08 – Il-Ministru għall-Politika Soċjali organizza laqgħa fejn ġiet diskussa t-transpożizzjoni tad-Direttiva 2004/113/KE li titkellem dwar il-proviżjon ta' oġġetti u servizzi u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Għal din il-laqgħa attendew rappreżentanti mill-*Malta Insurance Association*, l-Awtorita' Maltija tas-Servizzi Finanzjarji, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Politika Soċjali, kif ukoll id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE. Il-punt ċentrali li ġie diskuss kien l-applikazzjoni ta' Artiklu 5 tad-Direttiva imsemmija.

24.09.08 – L-NCPE ħadet sehem fil-konferenza dwar il-Ġlieda kontra l-Faqar. L-iskop ewlieni ta' din il-Konferenza kien li jiġu diskussi l-kawżi, l-impatt fuq is-sigurta' u l-valuri, kif ukoll il-mekkaniżmi li għandhom jiġu mħaddna biex jinqered il-faqar f'Malta, fil-Mediterran, fl-Ewropa u fid-dinja.

26.09.08 – Id-Direttur tal-Istrateġija u Sostenibbilta' fi ħdan il-Ministeru għall-Politica Soċjali (Settur tas-Saħħa) organizza laqgħa fuq id-Direttiva dwar l-Anti-diskriminazzjoni. Il-Grupp Ad hoc Ministerjali iddiskuta diversi punti u saret enfasi kbira fuq l-ammont ta' żmien li hu meħtieġ biex Malta tiġi konformi din id-Direttiva.

08.10.08 – Il-Ministru tal-Finanzi kien il-kelliem ewlieni f'konferenza msemmija '*Vision 2015*'.

08.10.08 – L-NCPE kellha laqgħa mal-Awtorita' Maltija tas-Servizzi Finanzjarji. Matul din il-laqgħa ġew analizzati l-provvedimenti l-aktar importanti elenkati fl-Avviz Legali 181. Sar ukoll pjan dwar kif għandhom jiġu ndirizzati l-punti li joħorgu minn dan l-Avviż Legali.

08.10.08 – L-NCPE laqgħet stedina biex tieħu sehem f'laqgħa mal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Matul din il-laqgħa ġie ppreżentat pjan biex isiru d-diskussjonijiet u l-laqgħat meħtieġa.

09.10.08 – Il-*Management and Personnel Office* (MPO) flimkien mal-Union Ħaddiema Magħqudin (UHM) organizzaw seminar dwar miżuri favur il-familja fejn kienu mistiedna s-Segretarji Permanenti u d-Diretturi kollha fi ħdan is-Servizz u s-Settur Pubbliku. Id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE kienet waħda mill-kelliema ewlenin waqt dan is-seminar.

10.10.08 – L-NCPE ħadet sehem f'konferenza msejħa '*Good Corporate Governance'* li kienet organizzata mill-*Audit Unit* fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Il-punt ewlieni li ġie diskuss kien il-kriżi finanzjarja preżenti mhux mistennija, u l-effett tagħha fuq il-globalizzazzjoni.

13.10.08 – Id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE ħadet sehem f'*workshops* li ġew organizzati wara l-konferenza li saret mill-*Management and Personnel Office* (MPO) u l-Union Ħaddiema Magħqudin (UHM) dwar il-miżuri favur il-familja.

21.10.08 – L-On. Justyne Caruana żaret l-uffiċċju tal-Kummissjoni fejn ġew diskussi r-responsabbiltajiet tal-NCPE. Matul din il-laqgħa ġie ukoll ippreżentat materjal ippubblikat mill-Kummissjoni.

22.10.08 – Saret laqgħa mad-Direttur (*Employee Relations*) fi ħdan il-*Management and Personnel Office* fejn saret diskussjoni dwar l-aħjar mod ta' kif is-Servizz Pubbliku għandu jindirizza l-provvedimenti elenkati fl-Avviż Legali 181 tal-2008. Fil-fatt, f'Diċembru 2008 inħarġet Ċirkulari Nru 30/2008 li titkellem dwar l-istess Avviż Legali.

29.10.08 – Is-Segretarju Permanenti organizza laqgħa fejn il-Ministru u s-Segretarju Permanenti Ewlieni tkelmu mal-mexxejja kollha tad-dipartimenti u l-entitajiet fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali.

10.11.08 – Il-Kummissjoni ltaqgħet maċ-*Chairperson* tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fejn ġew diskussi diversi punti dwar informazzjoni speċifika mitluba mill-Kummissjoni Ewropea.

24.11.08 – L-*Ombudsman Liaison Officer* tal-NCPE attendiet għal waħda mil-laqgħat regolari li jiġu organizzati mill-uffiċċju tal-Ombudsman.

02.12.08 – Il-Kummissjoni ltaqgħat ukoll ma' żewġ uffiċjali tal-Edukazzjoni tal-PSD (Personal and Social Development). F'din il-laqgħa ġew diskussi possibiltajiet u mezzi ta' kif iż-żewġ naħat jistgħu jikkollaboraw flimkien.

03.12.08 – Ġie organizzat *breakfast meeting* flimkien mal-Assoċjazzjoni Maltija ta' Min Iħaddem (MEA) bl-isem: *Family Friendly Measures in the Private Sector – Good Business Sense*. Għal din il-laqgħa kien hemm attendenza tajba ħafna min-naħa tas-settur privat.

## 1.6 – Kumitati

### *1.6.1 – EU*

***Bureau tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (CDEG) tal-Kunsill tal-Ewropa***

Il-Kumitat ta' Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (CDEG) huwa korp inter-govermentali responsabbli biex jiddefinixxi, jistimola u jmexxi azzjonijiet favur l-ugwaljanza bejn is-sessi fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa. Il-

Bureau tal-Kumitat jaqa' direttament taħt il-Kumitat tal-Ministri, minn fejn jirċievi l-istruzzjonijiet u fejn jibgħat ir-rapporti u l-proposti tiegħu. L-attivitajiet primarji ta' dan il-kumitat jinkludu: azzjoni kontra t-traffikar ta' persuni għal skopijiet ta' esplojtazzjoni sesswali; il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa; l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi; l-ugwaljanza u d-demokrazija għan-nisa fil-politika u fil-livell tat-teħid ta' deċiżjonijiet; u l-ugwaljanza bħala punt komuni għan-nisa u l-irġiel. Il-membri tas-CDEG huma maħtura mill-gvern ta' kull Stat Membru li jagħmel parti minn dan il-Kumitat.

***Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI)***

Il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) hija korp tal-Kunsill tal-Ewropa. Din il-Kummissjoni tiġġieled ir-razziżmu, il-ksenofobija, l-anti-semitiżmu u l-intolleranza fl-Ewropa, mill-perspettiva tad-drittijiet umani. Fl-ECRI nisbu 46 membru espert, wieħed minn kull Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa. L-attivitajiet tal-ECRI ikopru kull miżura possibbli biex jiġu megħluba l-vjolenza, id-diskriminazzjoni u l-preġudizzju li jħabbtu wiċċhom magħhom individwi jew gruppi ta' persuni, speċjalment reigward razza, kulur, lingwa, reliġjon, nazzjonalita; u oriġini nazzjonali jew etnika. Fil-prattika, ix-xogħol tal-ECRI jikkonsisti f'rappurtaġġ dwar kull pajjiż, ħidma fuq temi ġenerali u attivitajiet f'dak li għandu x'jaqsam mas-soċjeta' ċivili.

***Network Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (EQUINET)***

L-EQUINET taħdem biex tiżviluppa ko-operazzjoni u tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn Korpi tal-Ugwaljanza madwar l-Ewropa, għal iktar uniformita' fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-anti-diskriminazzjoni tal-UE u kif ukoll fil-protezzjoni legali għall-vittmi tad-diskriminazzjoni. L-għan ta' EQUINET huwa li jgħin lill-Korpi tal-Ugwaljanza fit-twettiq ta' xogħolhom billi tistabilixxi qafas ta' ħidma sostenibbli, u bażi ta' riżorsi għal skambju ta': ħiliet legali; strateġiji ta' infurzar; taħriġ u prattiċi tajba. EQUINET isservi wkoll ta' pjattaforma għad-djalogu mal-istituzzjonijiet Ewropej.

***Kumitat Konsultattiv tal-UE dwar l-Opportunitajiet Indaqs fost in-Nisa u l-Irġiel***

It-twaqqif u l-mandat tal-Kumitat Konsultattiv tal-UE dwar l-Opportunitajiet Indaqs fost in-Nisa u l-Irġiel, ġew imnisla mid-deċiżjoni tal-Kummisjoni 82/43/KEE tal-1981. Dan il-Kumitat ġie imwaqqaf biex ikun ta' għajnuna lill-Kummissjoni tal-UE fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri Komunitarji li jippromwovu opportuniatajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel. Barra minn hekk, dan il-Kumitat iħeġġeġ l-iskambju kontinwu ta' informazzjoni, esperjenzi miksuba, u miżuri oħra bejn l-iStati Membri u entitajiet oħra. Dan il-Kumitat mhux biss iġib flimkien rappreżentanzi minn entitajiet nazzjonali li jaħdmu fuq l-ugwaljanza u s-77 imsieħba soċjali, iżda jsegwi wkoll u jagħti pariri għall-iżvilupp tal-politika Ewropea dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

***Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ġeneru fl-UE***

Dan il-Grupp ta' Livell Għoli (HLG) jiġġenera forum informali importanti fejn issir diskussjoni u tpartit ta' prattiċi tajba u esperjenzi differenti. Dan il-Grupp għandu l-għan li jappoġġa u jtejjeb is-sinerġija bejn il-miżuri nazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-istrateġija għall-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'livell nazzjonali. Dan il-Grupp ta' Livell Għoli huwa l-pjattaforma ewlenija li fiha jiġi ppjanat is-segwitu strateġiku ta' 'Il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing', inkluż l-iżvilupp ta' indikaturi f'oqsma speċifiċi.

***Kunsill Informali Ewropew dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi***

Dan il-Kunsill twaqqaf bl-iskop li joħloq forum fejn esperti fil-qasam tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi jiltaqgħu darba fis-sena ma' esparti oħra biex jiddiskutu mezzi ta' kif jippromwovu din l-istrateġija fl-attivitajiet tagħhom. Permezz ta' dawn il-laqgħat, l-iStati Membri ipartu miżuri tajba ma' xulxin u jiddiskutu mezzi ta' kif jegħlbu xkiel li jiltaqgħu miegħu meta jimplimentaw din l-istrateġija. L-għan ewlieni ta' dan il-Kunsill huwa li jipprovdi impetu biex jiġu żviluppati diversi *networks* f'livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali.

***Grupp tal-Gvern magħmul minn Esperti fuq non-diskriminazzjoni fl-oqsma tal-ġeneru u r-razza***

Il-ħolqien ta' dan il-grupp ta' esperti tal-gvern ġie uffiċjalizzat permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Il-missjoni ta' dan il-grupp hija li jistabilixxi koperazzjoni bejn l-awtoritajiet relevanti u l-Kummissjoni Ewropea dwar punti li għandhom rabta mal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza; li jsegwi l-iżviluppi ta' miżuri u politiċi dwar diskriminazzjoni fl-UE kif ukoll f'livell nazzjonali; u li joħloq tpartit ta' esperjenzi u prattiċi tajba dwar punti ta' interess komuni, dejjem f'dak li għandu x'jaqsam man-non-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza.

## *1.6.2 – Lokali*

***Sotto-Kumitati Settorali li Jaħdmu fuq Sorveljar (SMSCs)***

Il-ħames Sotto-Kumitati Settorali, immexxija mill-*Managing Authority*, jaħdmu fl-oqsma tal-Agrikoltura u s-Sajd; l-Intrapriża u t-Turiżmu, L-Ambjent; l-iŻvilupp fl-oqsma ta' xogħol u tar-Riżorsi Umani, u t-Trasport. L-għan ta' dawn is-sotto-kumitati huwa li jissorveljaw l-implimentazzjoni u l-effett tal-proġetti magħżula biex jieħdu fondi Ewropej taħt l-SPD (*Single Programming Document*). Id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE hija membru fis-sotto-kumitati kollha u tattendi b' mod regolari għal-laqgħat tagħhom.

**Il-Kumitat ta' Sorveljar tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-iŻvilupp Rurali *(EAFRD)***

L-NCPE ġiet innominata biex tieħu sehem fil-Kumitat ta' Sorveljar tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-iŻvilupp Rurali (EAFRD). Dan il-kumitat ta' sorveljar huwa magħmul minn 16-il rappreżentant tal-imsieħba soċjali u ekonomiċi, awtoritajiet lokali u pubbliċi, kif ukoll entitajiet oħra li jirrappreżentaw is-soċjetajiet ċivili u l-għaqdiet

mhux governattivi. Id-dmirijiet ta' dan il-Kumitat jinkludu: l-istudju ta' kriterji ta' selezzjoni għall-inizjattivi li se jiġu finanzjati minn dan il-programm; skrutinju tar-riżultati tal-implimentazzjoni permezz ta' sorveljar ta' kif qed jintefqu l-fondi allokati fil-miżuri rispettivi u l-progress li sar biex jintlaħqu l-għanijiet tal-programm; kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-rapporti annwali qabel ma dawn jgħaddu għand il-Kummissjoni Ewropea mingħand l-Awtorita' tat-Tmexxija (*Managing Authority*); suġġerimenti li għandhom jingħataw lill-Awtorita' tat-Tmexxijja dwar titjib jew reviżjonijiet li jistgħu jsiru fil-Pjan sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-EAFRD, biex jittejjeb il-proċess tal-implimentazzjoni u/jew ġestjoni finanzjarja tal pjan; u r-reviżjoni u l-approvazzjoni tal-proposti li jistgħu jsiru biex jittejjeb il-kontenut tal-programm qabel ma dan jintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea.

## 1.7 – Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja

Fil-bidu tas-sena finanzjarja, il-Gvern alloka baġit ta' €256,000 lill-Kummissjoni. 85% (€215,932) mill-baġit kopra l-pagi tal-istaff u onorarja, filwaqt li 15% (€40,068) koprew spejjeż ta' manutenzjoni u spejjeż normali li huma meħtieġa għat-twettiq tax-xogħol. Analiżi ta' kif intefqu l-ispejjeż meħtieġa għat-twettiq ta' xogħol tinstab hawn taħt:

**Spejjeż ta' Manutenzjoni u Spejjeż meħtieġa għat-twettiq ta' xogħol**




Kif wieħed jista' jara fir-rappreżentazzjoni grafika t'hawn fuq, kwart (24%) mis-somma totali li intefqet fuq spejjeż ġenerali li huma meħtieġa għat-twettiq tax-xogħol, intefqet fuq tiswija u manutenzjoni (€9,367). Din l-ispiża tinkludi primarjament spejjeż ta' manutenzjoni, bżonnijiet fiżiċi tal-uffiċini, u servizzi tal-uffiċju 20% (€7,687), filwaqt li l-56% li fadal kienu spejjeż b'rabta ma' vjaġġar (€11,647), servizzi professjonali (€8,106) u servizzi informattivi (€3,261).

Matul din is-sena finanzjarja, il-Kummissjoni għamlet ukoll użu minn fondi tal-Unjoni Ewropea. L-analiżi t'hawn taħt tispjega aħjar liema kienu l-proġetti u kif intefqu l-flus fis-sena 2008.

| **Isem tal-Proġett** | **Baġit (2008)** |
|---|---|
| ESF 46 - Nisħqu l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-Ġeneru fil-livell nazzjonali | €249,743 |
| ESF 48 - L-Aspett tal-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel mill-Perspettiva Legali | €171,967 |
| Inwasslu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali | €480,627 |
| PROGRESS – Leħen għal Kulħadd | €389,130 |
| PROGRESS – Ngħixu l-Ugwaljanza | €85,683 |

Il-flus li ntefqu fuq kull proġett, kienu allokati skont kif kien jirrikjedi l-proġett u kollox sar skont il-baġit. Dan kollu kien possibbli b'sorveljar kontinwu u bl-għajnuna ta' kull min kien involut fil-proġetti.

# 2. Informazzjoni ġenerali dwar is-sitwazzjoni preżenti f'Malta fir-rigward tal-Ġeneru u r-Razza

## 2.1 – Ħarsa lejn is-sitwazzjoni tal-Ġeneru

**Ugwaljanza sħiħa bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza** f'kull qasam tas-soċjeta' huma kruċjali biex naslu għall-parteċipazzjoni sħiħa u l-inklużjoni soċjali tan-nisa u tal-irġiel, kemm fis-suq tax-xogħol kif ukoll fis-soċjeta'. Permezz tal-Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, kull tip ta' diskriminazzjoni ibbażata fuq il-ġeneru jew ir-responsabbiltajiet familjari fl-oqsma tax-xogħol, l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u l-aċċess għal u għoti ta' oġġetti u servizzi hija illegali. Għaldaqstant l-NCPE hi obbligata biex tipproteġi lin-nisa u 'l-irġiel mid-diskriminazzjoni diretta u indiretta kif ukoll mill-fastidju sesswali.

L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza huma prijoritajiet ewlenin fil-viżjoni politika Ewropea kif ukoll dik ta' Malta. Id-dokument *Il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006 - 2010l*[4] jelenka strateġiji konkreti bl-għan li effettivament tintlaħaq l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-istrateġiji prinċipali jisħqu favur indipendenza ekonomika ugwali għan-nisa u għall-irġiel; ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik privata; rappreżentazzjoni indaqs f'livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet; l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza ibbażata fuq il-ġeneru; l-eliminazzjoni ta' sterjotipi tal-ġeneru; kif ukoll il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'miżuri ta' żvilupp u fil-miżuri esterni.

Għaldaqstant, abbażi ta' dawn l-miri, ir-rapport Nazzjonali dwar Strateġiji għall-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2008 – 2010 għandu l-għan ewlieni li jippromwovi inklużjoni attiva billi: jżid ir-rata ta' impjieg tan-nisa, jnaqqas il-qagħad fit-tul; iżid l-eta' li fiha wieħed jirtira mix-xogħol, iżid il-faċilitajiet ta' kura għat-tfal taħt it-tliet snin, jintegra l-prinċipju tal-ugwaljanza fil-politika nazzjonali kollha; jippromwovi opportunitajiet indaqs; u jsaħħaħ il-qafas leġislattiv u dak politiku li jiġġieled id-diskriminazzjoni.

Għalhekk jidher ċar li l-mezzi ta' rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik privata huma kruċjali ħafna biex in-nisa u l-irġiel ikollhom opportunitajiet indaqs fis-soċjeta', u biex in-nisa jidħlu jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol. Fil-kuntest Malti, l-sterjotipi tal-ġeneru fir-rwoli u fil-kompożizzjoni tal-familja għadhom b'saħħithom. Dan minkejja l-fatt li hawn ħafna aktar espożizzjoni għal tendenzi Ewropej favur l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

4 COM (2006) 92 final

**Il-proviżjon ta' servizzi għall-kura tat-tfal,** flimkien ma' **miżuri favur il-familja** fis-Servizz Pubbliku huma mezzi importanti ħafna għall-inklużjoni tan-nisa u tal-irġiel fis-suq tax-xogħol, u għall-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjeta'. Fil-preżent, f'Malta hawn 37 ċentru reġistrat għall-kura tat-tfal[5]. Apparti minn hekk, l-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Sussidji għall-Kura tat-Tfal[6] se żżid l-aċċessibilta' għal dawn iċ-ċentri u tagħmel dan is-servizz ekonomikament iktar vijabbli u ta' kwalita' għal min jutilizzahom. Għaldaqstant se tingħata wkoll għajnuna finanzjarja lill-ġenituri ta' ulied li għandhom anqas minn tliet snin sabiex titnaqqas l-ispiża tal-kura tat-tfal.

Barra minn dan, il-miżuri favur il-familja kif ukoll l-għoti ta' lif speċjali jgħinu fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-familja, kemm għall-ommijiet u l-missirijiet, kif ukoll għall-ħaddiema nisa u rġiel oħra. L-aħħar żieda mal-lista tal-miżuri favur il-familja offruti mis-Servizz Pubbliku hija dik tat-***teleworking***. *Teleworking* huwa mod ta' kif l-impjegati jaħdmu permezz tat-teknoloġija tal-informatika biex ikunu jistgħu jgħaddu ammont konsiderevoli ta' ħin il-bogħod mill-post tax-xogħol innifsu.[7]. Din hija miżura flessibbli ħafna u għalhekk hija mod effettiv ta' kif tinkiseb rikonċiljazzjoni aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Min-naħa l-oħra, it-*teleworking* huwa ta' benefiċċju anke għal min iħaddem għaliex permezz ta' din il-miżura, ikun jista' jżomm impjegati bl-esperjenza fil-kumpanija, u jżid aktar il-produttivita'. Barra minn hekk, l-Avviż Legali 312 of 2008 – *Telework National Standard Order* jippreżenta qafas ġenerali għat-tfassil ta' *telework* fis-settur pubbliku, kif ukoll dak privat. Dan l-Avviż Legali jelenka l-kundizzjonijiet li għandhom ikunu miktuba f'kuntratt ta' din ix-xorta; id-drittijiet u d-dmirijiet tat-*teleworkers* (inkluż il-parteċipazzjoni f'taħriġ u programmi għall-iżvilupp tal-karriera); regolamenti dwar l-apparat u l-mezzi ta' komunikazzjoni meħtieġa biex jitwettaq it-*telework*; l-organizzazzjoni tax-xogħol u t-tqassim tal-ħin; kif ukoll punti dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

Minbarra dan, l-uffiċjali tas-Servizz Pubbliku jistgħu jutilizzaw *lif* tal-maternita', *lif* għall-ġenituri; *lif* għall-adozzjoni; u anke *lif* għall-*fostering* tat-tfal. Ġenituri ta' ulied li għandhom inqas minn tminn snin għandhom ukoll l-opportunita' li jagħmlu waqfa fil-karriera. Barra minn hekk, uffiċjali pubbliċi li jieħdu ħsieb ġenituri anzjani, tfal jew marthom/żewġhom jistgħu jaħdmu fuq bażi ta' sigħat imnaqqsa, u jagħmlu użu mil-lif ta' responsabbilta u lif urġenti għall-familja.

It-tabella t'hawn taħt telenka l-miżuri, kif ukoll il-liġijiet li huma relatati mal-bilanċ **bejn ix-xogħol u l-ħajja privata**.

5 ETC, 2008. Mniżżla nhar l-14 ta' Novembru 2008: http://www.childcaremalta.org/etc/content.aspx?id=43594

6 National Report on Strategies for Social Protection and Social Inclusion 2008-2010, Malta

7 ETC, 2008. Telework – Is it for me?

| Miżura favur il-bilanċ bejn ix-xogħol/ħajja privata | Miżura | Liġi |
|---|---|---|
| **Ħatra ta' uffiċjali pubbliċi waqt il-perjodu ta' Lif tal-Maternita' jew Lif tal-Ġenituri** | Ċirkulari tal-MPO Nru. 47/2001 | |
| **Lif tal-Maternita'/Lif tal-Maternita' Speċjali** | Ċirkulari tal-UPM 47/81, Ċirkulari tal-MPO 68/97, Ċirkulari tal-UPM 16/01, Ċirkulari tal-UPM 48/01, Ċirkulari tal-MPO 55/03, Ċirkulari tal-MPO 173/07 | AL439/2003, AL3/2004 u AL431/2007 |
| **Lif tal-Paternita'** | Ċirkulari tal-UPM Nru 23/79 | Elenkat fl-'Ordnijiet li Jirregolaw il-Pagi' iżda jingħata b'modi differenti skont is-settur |
| **Lif għall-Adozzjoni** | Ċirkulari tal-MPO 14/1991 riveduta permezz ta' Ċirkulari tal-MPO 93/2005 | |
| **Lif għall-Fostering tat-Tfal** | Ċirkulari tal-UPM 47/99 | |
| **Lif għall-Ġenituri** | Ċirkulari tal-UPM 117/92, Ċirkulari tal-MPO BI/6/94, Ċirkulari tal-MPO 28/96, Ċirkulari tal-UPM 15/98, Ċirkulari tal-UPM 29/98, Ċirkulari tal-MPO 108/05, Ċirkulari tal-MPO 3/08 | AL225/2003 emendat permezz ta' AL430/2007. |
| **Lif speċjali biex takkumpanja lill-mara jew lir-raġel barra minn Malta** | Ċirkulari tal-UPM 117/92, Ċirkulari tal-MPO 70/04, Ċirkulari tal-MPO 31/05 | |
| **Lif ta' Luttu** | Ċirkulari tal-UPM 23/79 | Elenkat fl-'Ordnijiet li Jirregolaw il-Pagi'' iżda jingħata b'modi differenti skont is-settur |
| **Lif taż-Żwieġ** | Ċirkulari tal-UPM 23/79, Ċirkulari tal-UPM 103/80 | Elenkat fl-' Ordnijiet li Jirregolaw il-Pagi' iżda jingħata b'mod differenti skont is-settur |
| **Sistema ta' Xogħol b'Sigħat Imnaqqsa** | Ċirkulari tal-UPM 25/99, Ċirkulari tal-MPO 108/05 | |
| **Lif ta' Responsabbilta'** | Ċirkulari tal-UPM 25/99 | |
| **Lif Urġenti għall-Familja** | Ċirkulari tal-MPO 9/2004 | AL296/2003 |
| ***Teleworking*** | Ċirkulari tal-UPM 6/08; Feb 2008 – MPO pubblikata il-policy dwar *Teleworking Policy* | AL312/2008 |
| **Donazzjoni ta' Lif għal Raġunijiet Umanitarji** | Ittra – Ċirkulari lid-Diretturi tas-Servizzi Korporattivi datata 20 ta' Frar 2008 (Riferenza: MPO192/2007) | |
| **30 ġurnata lif bla ħlas** | Ċirkulari tal-UPM 117/92 | |

L-infrastruttura legali u l-għoti lil kulħadd ta' dawn il-miżuri jilleġittimizza u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-ġenituri, b'mod speċjali l-ommijiet, fis-suq tax-xogħol. Madankollu, il-persentaġġ ta' missirijiet li jutilizzaw il-lif għall-ġenituri huwa minimu. Fil-fatt, fis-Servizz Pubbliku sa l-1 ta' Diċembru 2005, kienu 26 l-irġiel li għamlu użu mill-*lif* għall-ġenituri filwaqt li 457 mara għamlu użu minn dan il-*lif*[8]. Dan jindika li r-rwoli tradizzjonali sterjotipati tan-nisa u l-irġiel fil-familja għadhom jiġu sostnuti flimkien mad-diverġenzi bejn is-sessi fid-dħul finanzjarju.

Fil-fatt, għad li l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol qiegħda tiżdied gradwalment[9], ir-**rappreżentazzjoni tan-nisa f'dan il-qasam għadha baxxa ħafna**. Fil-fatt, ir-rata ta' impjieg fost in-nisa hija ta' 31.5%, meta mqabbla ma' dik tal-irġiel, li hija ta' 61.7%[10].

Minkejja li l-istrateġija ta' Liżbona timmira għal rata ta' impjieg ta' 60% fost in-nisa sas-sena 2010[11], minħabba li Malta bdiet bi żvantaġġ fil-perjodu meta l-miri ta' Liżbona ġew imfassla, fl-2004, il-mira ta' rata ta' impjieg tan-nisa għal Malta inbidlet għal 41% sal-2010. Għad li saru ħafna sforzi min-naħa ta' Malta biex tilħaq mal-miri tal-UE, it-tkabbir fir-rata tan-nisa fl-impjieg minn sena għal sena qed isir bil-mod ħafna. Fil-fatt, fl-ewwel kwart tas-sena 2008, ir-rata ta' nisa fl-impjieg kienet biss ta' 36%[12]. Għal darb'oħra Malta irreġistrat l-inqas rata ta' nisa fl-impieg minn fost is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea li għandhom medja ta' 58.6%[13].

Ir-rata baxxa ta' impjieg fost in-nisa f'Malta għandha effett dirett fuq **id-diverġenza baxxa bejn il-pagi** tan-nisa u l-irġiel. Fil-fatt Malta, għandha waħda mill-iżgħar rati ta' diverġenza fil-pagi minn fost l-iStati Membri tal-UE. Filwaqt li r-rata ta' diverġenza medja tal-UE 25 fil-pagi tan-nisa u l-irġiel hija ta' 15%, din id-diverġenza hi biss ta' 2.5%[14] f'Malta . Ta' min jinnota li r-rata baxxa ta' nisa fis-suq tax-xogħol tindika persentaġġ baxx ta' nisa impjegati b'inqas ħiliet jew bla ħiliet partikolari[15], u dan huwa rifless f'r-rata inqas mill-medja ta' diverġenza fid-dħul tan-nisa u l-irġiel. L-uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) jiddiskrivi d-diverġenza fil-pagi tan-nisa u l-irġiel bħala "*id-differeza bejn id-dħul medju gross fis-siegħa bħala persentaġġ tad-dħul medju gross fis-siegħa tal-irġiel għal impjegati bi ħlas fl-eta' ta' bejn is-16 u l-64 sena li jaħdmu ħmistax-il siegħa fil-ġimgħa jew aktar".* Fis-sena 2004, id-diverġenza fil-pagi tan-nisa u l-irġiel f'Malta kienet ta' 3.25%, waqt li fl-2005 u l-2006 kienet ta' 4.26% u 2.53% rispettivament. Fl-2006, l-NCPE għamlet riċerka dwar id-diverġenza fil-pagi permezz tal-proġett *FSE 23 Gender Mainstreaming: the Way Forward.* L-istudju

8 MPO (2006), Report on family-friendly measures in the public service. Imniżżel Lulju 30, 2008 minn http://www.mpo.gov.mt/downloads/ff.pdf

9 NSO, 2008, Gainfully Occupied Population: June 2008

10 NSO, 2008, Labour Force Survey: Q2/2008

11 COM (2006) 92 final

12 Eurostat, 2008, Labour market latest trends: 1st quarter 2008 data. Retrieved October 10, 2008, from http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-QA-08-034/EN/KS-QA-08-034-EN.PDF

13 Ibid.

14 NSO, 2008, International Women's Day 2008

15 Memo/07/297, Bridging the Gender Pay Gap, Brussels, 2007

kien imsemmi '*Gender Pay Gap Review*' u stħarreġ responsabbiltajiet ta' kura, karriera, ugwaljanza u protezzjoni fuq il-post tax-xogħol, orjentazzjoni tal-ġeneru, lif u lif għall-ġenituri, remunerazzjoni, paga u benefiċċji oħra inkluż promozzjonijiet, tqabbil bejn is-salarji kif ukoll xogħol mid-dar.

L-istħarriġ dwar is-settur tal-impjiegi (Labour Force Survey: Q2/2008[16]) juri li **d-diverġenza bejn il-pagi** tan-nisa u l-irġiel hija konsistenti fil-gruppi kollha tax-xogħlijiet, u tindika li l-irġiel jingħataw jitħalsu iktar min-nisa għall-istess xogħol.

**Average gross annual salary for employees by main occupation in April-June 2008**

| Occupation | Sex | | | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Males | | Females | | | |
| | No | Average Euro | No | Average Euro | No | Average Euro |
| Armed Forces | 1,440^u | 12,250.80^u | - | - | 1,440^u | 12,250.80^u |
| Legislators, senior officials and managers | 7,119 | 24,164.82 | 1,803 | 17,411.23 | 8,922 | 22,800.02 |
| Professionals | 9,729 | 18,240.94 | 8,827 | 16,040.93 | 18,556 | 17,194.40 |
| Technicians and associate professionals | 14,465 | 15,776.96 | 9,833 | 13,271.53 | 24,298 | 14,763.05 |
| Clerks | 7,008 | 13,430.17 | 12,295 | 10,857.51 | 19,303 | 11,791.52 |
| Service workers and shop and sales workers | 10,006 | 12,007.99 | 9,608 | 8,910.79 | 19,614 | 10,490.81 |
| Skilled agricultural and fishery workers | 922^u | 11,243.80^u | 70^u | 11,349.59^u | 992^u | 11,251.26^u |
| Craft and related trades workers | 15,111 | 11,965.60 | 514^u | 8,658.54^u | 15,625 | 11,856.81 |
| Plant and machine operators and assemblers | 8,630 | 12,958.70 | 2,975 | 11,375.60 | 11,605 | 12,552.86 |
| Elementary occupations | 13,265 | 10,892.16 | 5,771 | 8,395.83 | 19,036 | 10,135.37 |
| **Total** | **87,695** | **14,335.12** | **51,696** | **11,802.31** | **139,391** | **13,395.77** |

^u - under-represented due to small sample size. Please note that these data must be interpreted with caution

In-nisa għandhom tendenza li jaqilgħu inqas paga fis-siegħa, anke minħabba l-fatt li fil-medja jaħdmu inqas sigħat mill-irġiel. Madankollu ta' min jgħid li l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol qiegħda tiżdied, b'mod speċjali f'impjiegi *full-time*, u f'impjiegi *full-time* fuq bażi ta' sigħat imnaqqsa[17]. Barra minn hekk, in-nisa jaqilgħu inqas paga mill-irġiel minħabba li hemm tendenza li jagħżlu xogħlijiet tradizzjonali, li

16 NSO, 2008, Labour Force Survey: Q2/2008

17 Ibid.

normalment jitħallsu b'rata aktar baxxa. Ta' min jinnota li n-nisa huma inqas rappreżentati fil-livelli ogħla tal-professjonisti legali, uffiċjali superjuri u fis-settur tal-*management*.

L-irġiel jokkupaw 82.26% tal-**pożizzjonijiet ta' tmexxija fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet** fis-Settur Pubbliku.[18]. Madankollu, in-numru ta' nisa fil-livelli tat-teħid ta' deċiżjonijiet u fil-politika qiegħed jiżdied b'mod gradwali. Għad li n-numru ta' nisa li jaħdmu fid-Dipartimenti tal-Gvern u l-Ministeri għadu inqas minn dak tal-irġiel, din id-differenza naqset b'mod drastiku. F'Mejju 2007, id-differenza bejn in-nisa u l-irġiel f'dan is-settur kienet ta' 22.36% filwaqt li niżlet għal 11.12 % f'Mejju 2008[19].

**Main occupation of total employed persons in April-June 2008**

| Occupational Group | Sex | | | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Males | | Females | | | |
| | No | % | No | % | No | % |
| Armed Forces | 1,440[u] | 1.4 | - | - | 1,440[u] | 0.9 |
| Legislators, senior officials and managers | 10,166 | 9.7 | 2,231 | 4.1 | 12,397 | 7.8 |
| Professionals | 10,971 | 10.5 | 9,485 | 17.3 | 20,456 | 12.8 |
| Technicians and associate professionals | 15,800 | 15.1 | 9,942 | 18.1 | 25,742 | 16.1 |
| Clerks | 7,040 | 6.7 | 12,377 | 22.5 | 19,417 | 12.2 |
| Service workers and shop and sales workers | 13,229 | 12.6 | 11,138 | 20.2 | 24,367 | 15.2 |
| Skilled agricultural and fishery workers | 2,340 | 2.2 | 174[u] | 0.3 | 2,514 | 1.6 |
| Craft and related trades workers | 20,698 | 19.7 | 769[u] | 1.4 | 21,467 | 13.4 |
| Plant and machine operators and assemblers | 9,373 | 8.9 | 2,975 | 5.4 | 12,348 | 7.7 |
| Elementary occupations | 13,837 | 13.2 | 5,890 | 10.7 | 19,727 | 12.3 |
| **Total** | **104,894** | **100.0** | **54,981** | **100.0** | **159,875** | **100.0** |

[u] - under-represented due to small sample size. Please note that these data must be interpreted with caution.

**Is-segregazzjoni tax-Xogħlijiet** tidher ċara wkoll minn attivitajiet ekonomiċi oħra[20]. Fil-fatt, minħabba sterjotipi ta' ġeneru, in-numru ta' nisa fil-professjonijiet ta' kura, bħal xogħolijiet fis-settur tal-edukazzjoni, is-

18 Statistika miġbura mill-NCPE, Settembru 2008

19 NSO, 2008, Labour Force Survey: Q2/2008

20 Ibid.

saħħa u *social work* huwa ħafna akbar minn dak tal-irġiel. Min-naħa l-oħra l-irġiel għandhom tendenza ikbar li jagħżlu xogħlijiet fil-qasam xjentifiku jew tekniku.

**Total employed persons classified by economic activity in April-June 2008**

| Economic Activity | Sex | | | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Males | | Females | | | |
| | No | % | No | % | No | % |
| Agriculture, hunting and forestry | 2,441 | 2.3 | 316 U | 0.6 | 2,757 | 1.7 |
| Fishing | 378 U | 0.4 | - | - | 378 U | 0.2 |
| Mining and quarrying | 529 U | 0.5 | - | - | 529 U | 0.3 |
| Manufacturing | 18,362 | 17.5 | 5,121 | 9.3 | 23,483 | 14.7 |
| Electricity, gas and water supply | 3,722 | 3.6 | 174 U | 0.3 | 3,896 | 2.4 |
| Construction | 11,302 | 10.8 | 575 U | 1.0 | 11,877 | 7.4 |
| Wholesale and retail trade, repairs | 16,587 | 15.8 | 8,488 | 15.4 | 25,075 | 15.7 |
| Hotels and restaurants | 7,802 | 7.4 | 5,893 | 10.7 | 13,695 | 8.6 |
| Transport, storage and communication | 9,741 | 9.3 | 3,249 | 5.9 | 12,990 | 8.1 |
| Financial intermediation | 3,036 | 2.9 | 3,573 | 6.5 | 6,609 | 4.1 |
| Real estate, renting and business activities | 7,873 | 7.5 | 3,552 | 6.5 | 11,425 | 7.2 |
| Public admin and defence; compulsory social security | 8,846 | 8.4 | 4,928 | 9.0 | 13,774 | 8.6 |
| Education | 4,310 | 4.1 | 9,260 | 16.9 | 13,570 | 8.5 |
| Health and social work | 5,553 | 5.3 | 7,082 | 12.9 | 12,635 | 7.9 |
| Other community, social and personal service activities | 4,199 | 4.0 | 2,543 | 4.6 | 6,742 | 4.2 |
| Private households with employed persons | - | - | 227 U | 0.4 | 227 U | 0.2 |
| Extra-territorial organizations and bodies | 213 U | 0.2 | - | - | 213 U | 0.2 |
| **Total** | **104,894** | **100.0** | **54,981** | **100.0** | **159,875** | **100.0** |

U - under-represented due to small sample size. Please note that these data must be interpreted with cautior

Id-differenzi bejn in-nisa u l-irġiel huma riflessi wkoll fis-**segregazzjoni fl-edukazzjoni** speċjalment fl-iskrizzjoni għal suġġetti/korsijiet differenti; fil-livell sekondarju, post-sekondarju kif ukoll dak terzjarju. Studenti rġiel għandhom tendenza akbar li jagħżlu korsijiet tekniċi jew xjentifiċi, filwaqt li l-istudenti nisa għandhom tendenza li jkomplu jistudjaw fl-oqsma tal-*humanities*, is-saħħa u suġġetti oħra b'rabta mal-kura. Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, jiżgura ugwaljanza bejn is-sessi billi jimponi li l-istudenti kollha jsegwu l-istess kurrikulu, jiġu mgħallma bl-istess mod, jiġu esposti għall-istess esperjenzi ta' tagħlim biex b'hekk jagħmlu l-għażliet tas-suġġetti tagħhom fuq bażi infurmata, u jkollhom aċċess indaqs għall-istess opportunitajiet ta' xogħol[21]. Kif jidher ċar mit-tabella t'hawn taħt, ammont akbar ta' nisa qegħdin itemmu l-livell terzjarju ta'

21 Ministry of Education (1999). Creating a future together. National minimum curriculum. Retrieved July 30, 2008 from http://curriculum.gov.mt/docs/nmc_english.pdf

edukazzjoni b'suċċess[22]. In-numru ta' studenti nisa huwa akbar minn dak tal-irġiel fl-iskejjel post-sekondarji u terzjarji, filwaqt li l-persentaġġ tal-gradwati nisa fl-2007/8 kien ta' 60.8%[23].

Statistika tal-Gradwati Maqsuma skont is-Sess Tagħhom.

| **Sess** | **Sena li ggradwaw** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2002/3** | **2003/4** | **2004/5** | **2005/6** | **2006/7** | **2007/8** |
| **Nisa** | 1220 | 1664 | 1522 | 1507 | 1625 | 1626 |
| **Irġiel** | 923 | 1085 | 1111 | 1115 | 1073 | 1047 |
| ***Total*** | ***2143*** | ***2749*** | ***2633*** | ***2622*** | **2698** | **2673** |

## 2.2 – Ħarsa lejn is-Sitwazzjoni tar-Razza

Minħabba fatturi relatati mal-globalizzazzjoni u l-migrazzjoni, id-diversita' kulturali qiegħda tiżdied fl-Ewropa kollha, u Malta m'hix eċċezzjoni. Id-diversita' hija parti integrali fis-soċjetajiet kollha Ewropej, għax permezz tagħha inwessgħu l-perspettivi u l-għarfien tagħna u nkabbru l-opportunitajiet li nitgħallmu minn tradizzjonijiet kulturali differenti. B'hekk ir-rispett reċiproku u l-inklużjoni soċjali ta' minoranzi razzjali/etniċi hija fundamentali. Fil-fatt, l-Unjoni Ewropea iddedikat 'l-2008 bħala s-Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali sabiex tippromwovi u tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tar-rispett għad-diversita' kulturali.

Minbarra li hija ta' benefiċċju għas-soċjeta' kollha, id-diversita' hija wkoll ta' vantaġġ għan-negozji[24]. Il-kumpaniji li jirrispettaw id-diversita' u li jħaddnu *policies* ta' ugwaljanza u anti-diskriminazzjoni, jesperjenzaw livelli ogħla ta' sodisfazzjon mill-impjegati tagħhom. Dan jixhduh il-livelli ogħla ta' żamma tal-impjegati, kif ukoll l-impenn, l-żvilupp u l-promozzjoni fi ħdan dawn il-kumpaniji. Id-diversita' iġġib benefiċċji oħra lill-kumpaniji, per eżempju, min iħaddem għandu aċċess usa għal numru akbar ta' impjegati prospettivi effiċjenti u ta' ħila. Konsegwentement, kumpaniji li jħaddnu d-diversita' jesperjenzaw riżultati ekonomiċi superjuri permezz ta' livelli ogħla ta' żamma tal-ħaddiema, iktar motivazzjoni u effiċjenza, kif ukoll titjib fl-innovazzjoni u l-kreattivita'. Barra minn hekk, hemm tendenza li dawn il-kumpaniji jwessgħu l-opportunitajiet tagħhom ta' negozju, bis-saħħa ta' reputazzjoni tajba u iktar sodisfazzjon mill-klijenti.

L-Unjoni Ewropea tappoġġa l-ugwaljanza, id-diversita' u l-inklużjoni soċjali permezz ta' numru ta' miżuri. L-ewwel u qabel kollox, l-Unjoni Ewropea teżiġi li jkun hemm protezzjoni komuni minima fil-protezzjoni legali

22 NSO, 2008, International Women's Day 2008

23 Universita' ta' Malta, Uffiċju tar-Reġistrar, 2008

24 The Business Case for Diversity: Good Practices in the Workplace, Kummissjoni Ewropea, 2005.

kontra d-diskriminazzjoni razzjali permezz tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg (2000/78/KE)[25] u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE)[26]. L-ewwel Direttiva tipprojbixxi kull tip ta' trattament diskrimintorju b'rabta mall-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg, l-għajnuna vokazzjonali, it-taħriġ u l-affiljar f'organizzazjonijiet tal-ħaddiema jew ta' min iħaddem. Barra minn hekk, din id-Direttiva toffri wkoll protezzjoni fil-qasam tax-xogħol u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż tkeċċija u paga.

Min-naħa l-oħra, id-Direttiva 2000/43/KE magħrufa wkoll bħala d-Direttiva tar-Razza, timplimenta l-prinċipju ta' trattament indaqs irrispettivament mir-razza jew oriġini etnika. Din tkopri mhux biss id-differenza fit-trattament fl-għoti ta' kundizzjonijiet ta' xogħol iżda wkoll id-diskriminazzjoni fl-għajnuna vokazzjonali. Minnbarra dan, id-Direttiva tar-Razza tiggarantixxi trattament ugwali fit-taħriġ u l-edukazzjoni, fil-protezzjoni soċjali u l-vantaġġi soċjali; kif ukoll fl-aċċess għal u għoti ta' oġġetti u servizzi li huma offruti lill-pubbliku, bħall-akkomodazzjoni.

Din id-Direttiva tħeġġeġ l-'azzjoni pożittiva' biex tevita u tikkumpensa għal żvantaġġi relatati ma' razza jew oriġini etnika. L-azzjoni pożittiva hija maħsuba biex tiggarantixxi ugwaljanza sħiħa fil-prattika[27]. Fil-fatt, l-azzjoni pożittiva fil-postijiet tax-xogħol iġġib magħha benefiċċji ekonomiċi u tifavorixxi l-iżvilupp ta' *standards* soċjali ogħla. Per eżempju, reklamar ta' *outreach* spiss jiġi utilizzat biex isaħħaħ l-opportunitajiet ta' mpjieg għall-persuni minn minoranzi etniċi jew razzjali. L-'azzjoni pożittiva' ssostni l-ugwaljanza u l-inklużjoni soċjali billi trawwem il-kunċett ta' rappreżentanza ta' minoritajiet razzjali/etniċi f'kull qasam tal-ħajja.

Il-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni, irrispettivament mir-razza jew l-oriġini etnika tagħhom, ingħata wkoll promozzjoni permezz ta' taħriġ fuq id-diversita' u l-anti-diskriminazzjoni, kampanji informattivi u attivitajiet bl-għan li titqajjem kuxjenza. Bosta attivitajiet tal-Unjoni Ewropea ħeġġu l-implimentazzjoni tad-Direttiva tar-Razza. Fost dawn nistgħu nsemmu: il-kampanja informattiva '*For Diversity: Against Discrimination'*; skema ta' premji għall-ġurnalisti; sezzjonijiet ta' taħriġ fuq l-ugwaljanza għal għaqdiet mhux governattivi, *trade unions* u negozji; u kompetizzjoni tal-fotografija. Dawn l-attivitajiet seħħew f'Malta permezz ta' bosta proġetti ko-finanzjati mill-UE. Barra minn hekk, matul is-sena ddedikata għad-Djalogu Interkulturali, 2008, l-Unjoni Ewropea ko-finanzjat bosta proġetti bl-għan li toħloq għarfien, tħeġġeġ il-pluraliżmu, l-inklużjoni soċjali u r-rispett reċiproku ta' kulturi differenti.

F'Malta, saret promozzjoni tad-djalogu interkulturali permezz tal-'European Film Festival' bl-iskop ewlieni li jgħallem lit-tfal u lill-pubbliku ġenerali dwar kulturi differenti. Barra minn dan, ġew organizzati ukoll attivitajiet bħal *round-table discussions* bejn tfal ta' oriġini differenti, lezzjonijiet tal-mużika, żfin, arti, tisjir, drama,

25 Direttiva tal-Kunsill 2000/78/EC.

26 Direttiva tal-Kunsill 2000/43/EC.

27 Putting Equality into Practice: What Role for Positive Action?, Kummisjoni Ewropea, 2007

poeżija li ngħataw lill-istudenti minn immigranti residenti f'Malta. L-NCPE ħadet sehem ukoll, permezz tal-proġett 'Leħen għal Kulħadd', li kellu ll-għan li jħeġġeġ lill-parteċipanti jsostnu d-diversita' u jisfidaw il-mentalitajiet li jwasslu għad-diskriminazzjoni. Dan il-proġett inkorpora fih *forum theatre*, kompetizzjoni dwar prattiċi tajba, kompetizzjoni tal-arti, reċta fuq id-diskriminazzjoni kif ukoll kampanja ta' ħolqien ta' għarfien. (ara sezzjoni 3 għal aktar informazzjoni).

Fuq livell nazzjonali, il-proviżjonijiet li ma jaqgħux taħt l-ambitu tax-xogħol fi ħdan id-Direttiva tar-Razza, ġew integrati fil-liġi Maltija permezz tal-Avviż Legali 85 - *Ordni tal-2007 dwar Trattament Indaqs ta' Persuni*. L-Avviż Legali 85/2007 jissalvagwardja d-drittijiet u jippromwovi l-ugwaljanza bejn persuni, irrispettivament mill-oriġini etnika u razzjali tagħhom fil-proviżjon ta' oġġetti u servizzi. Bl-istess mod, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg ġiet integrata fl-Avviż Legali 338 tal-2007 – Regolamenti tal-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impiegi (Emenda Nru. 2).

Fil-każ ta' Malta, ħolqien ta' għarfien effettiv, kif ukoll qafas legali sod huma essenzjali biex tiġi salvagwardjata d-diversita', li qiegħda dejjem tiżdied f'pajjiżna. Fil-fatt, in-numru ta' persuni li jaqgħu taħt minoritajiet etniċi u razzjali qiegħed gradwalment jiżdied. Iċ-ċittadini mhux-Maltin kienu jlaħħqu l-1.91% tal-poplolazzjoni totali fl-1995[28], filwaqt li dan l-ammont tela' għal 2.99% fl-2005[29]. Minħabba n-numru dejjem jiżdied ta' persuni minn minoritajiet etniċi u razzjali, għandha tingħata aktar importanza lill-inklużjoni soċjali u t-trattament ġust u ugwali lill-gruppi etniċi/razzjali kollha.

Madanakollu, numru ta' rapporti mill-UE jixhdu sentimenti ta' ksenofibija espressi minn bosta Maltin. Il-*Eurobarometer* jinnota li l-perċezzjonijiet tal-intensita' tad-diskriminazzjoni f'Malta jvarjaw skont liema bażi ta' diskriminazzjoni tkun ikkunsidrata. Fil-fatt, ir-rata ta' diskriminazzjoni f'Malta abbażi tad-diżabilita', l-eta', ir-reliġjon jew twemmin, u s-sess, hi aktar baxxa mill-medja tas-27 Stat Membru tal-UE, filwaqt li fir-rigward tal-oriġini etnika u l-orjentazzjoni sesswali, it-tendenza hija proprju bil-maqlub.

28 NSO, 1997. Census of Population and Housing Malta 1995. Volume 1: Population, Age, Gender and Citizenship

29 NSO, 2007. Census of Population and Housing 2005. Volume 1: Population




EUROSTAT (2008). Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea 2008. Riżultati għal Malta

Fil-fatt jidher li l-Maltin ma tantx ikollhom, jew ma jkollhomx ħbieb jew konoxxenti minn oriġini etniċi oħra, bil-kuntrarju taċ-ċittadini Ewropej l-oħra (f'Malta huma biss 30% mir-rispondenti li għandhom ħbieb jew konoxxenti ta' oriġini etnika differenti, meta kkomparat ma' medja ta' 55% tar-rispondenti mill-EU 27). Ir-rapport tal-EUROSTAT isostni li "l-Malti medju għandu ċirku soċjali inqas divers mill-Ewropew medju"[30].

Bl-istess mod, rapport maħruġ fl-2007 mill-*Eurobarometer* dwar id-Djalogu Interkulturali fl-Ewropa[31] jikkonferma li huma biss 52% tal-Maltin (l-inqas persentaġġ fl-UE) li jaqblu li persuni ta' kulturi differenti iżewqu l-ħajja kulturali tan-nazzjon. 20% (l-ogħla rata fl-UE) m'humiex favur id-diversita', filwaqt li 55% oħra jsostnu li huma "favur id-diversita iżda jixtiequ jżommu l-għeruq kulturali tagħhom". Sadanittant, 24% tar-rispondenti (it-tieni l-ogħla rata fl-UE) iddikjaraw li "ma jinteresshomx minimament" mill-fatt li l-2008 hija s-sena Ewropea ddedikata lid-Djalogu Interkulturali.

Rapport ieħor tal-*Eurobarometer*, ir-Realta' Soċjali Ewropea[32], sab li għad li l-ansjeta' dwar iż-żieda fl-immigrazzjoni li tirriżulta f'razziżmu mhix ristretta biss għal Malta, iċ-ċittadini Maltin għandhom tendenza li jaraw minoritajiet etniċi jew razzjali minn lenti kerha. Fil-fatt fuq skala minn 1 sa 3 (in-numru 1 ifisser l-aktar negattiv u n-numru 3 l-aktar pożittiv fuq kif il-persuni jħarsu lejn l-immigranti), Malta ġabet l-inqas ammont mill-UE, b'punteġġ ta' 1.52. Dan jindika biċ-ċar li l-Maltin għandhom perċezzjoni negattiva tal-minoritajiet etniċi. Għad li l-kwistjoni tar-razziżmu hija problema madwar l-Ewropa kollha – 42% mill-Ewropej jemmnu li l-

30 EUROSTAT (2008). Discrimination in the European Union 2008. Results for Malta.

31 Intercultural Dialogue in Europe, Eurobarometer, 2007

32 European Social Reality, Eurobarometer, 2007

preżenza ta' minoritajiet etniċi tikkawża nuqqas ta' sigurta', u 46 % jemmnu li l-preżenza tal-minoritajiet etniċi tikkawża l-qagħad – ir-rapport jindika li l-ksenofobija hija aktar evidenti f'Malta.

Fl-2008 il-*General Workers Union* nediet *policy paper*[33] li tista' titqies bħala wieħed mill-ewwel sforzi formali li jindirizzaw il-qasam tal-impjieg illegali u esplojtattiv tal-immigranti. Ir-rapport jitkellem dwar numru ta' sidien ta' kumpaniji li, taħt l-iskuża tal-karita', iħaddmu numru ta' immigranti b'kundizzjonijiet, fosthom pagi, li huma ħafna agħar minn dawk offruti lill-ħaddiema Maltin tal-istess livell u li jagħmlu l-istess xogħol.

L-attitudnijiet, l-ideat, u l-ħsibijiet razzisti jew ksenofobiċi, bla dubju għandhom effett qawwi fuq l-impjieg, fl-opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, kif ukoll fl-aċċess għal u għoti ta' oġġetti u servizzi. Għalhekk ir-rispett reċiproku u s-solidarjeta' huma fundamentali għall-inklużjoni soċjali u t-trattament ugwali ta' minoritajiet etniċi jew razzjali. Konsegwentement, l-NCPE permezz ta' fondi mill-EQUAL u l-PROGRESS, tagħmel l-almu tagħha biex tqajjem għarfien, biex tippromwovi l-ugwaljanza u trawwem il-kunċett tad-diversita'.

L-NCPE taħdem biex tħarreġ, tqajjem kuxjenza u tqassam informazzjoni dwar il-punti diskussi hawn fuq, b'lenti speċjali fuq l-obbligi tagħha lejn in-non-diskriminazzjoni fl-oqsma ta' għoti ta' oġġetti u servizzi, kif elenkati fl-Avviż Legali 85 tal-2007.

Fix-xogħol kollu li jitwettaq b'rabta mad-diskriminazzjoni abbażi ta' razza u oriġini etnika, ta' min jisħaq l-importanza li organizzazzjonijiet mhux governattivi lokali, organizzazzjonijiet tas-soċjeta ċivili u l-Kummissjoni jaħdmu id f'id fuq dawn l-oqsma. Għal dan il-għan, l-NCPE tikkollabora b'mod kontinwu ma' gruppi li jaħdmu b'mod speċifiku fuq l-oqsma tar-razza u oriġini etnika.

33 Il-Haddiema Immigranti, General Workers Union, September 2008, http://www.gwu.org.mt/documents/Migrants_Workers_Paper_110908.pdf

# 3. Proġetti

## 3.1 – Introduzzjoni u Proġetti Futuri

Is-sena 2008 kienet sena mimlija attivitajiet għall-NCPE fl-implimentazzjoni tal-proġetti. Dan l-isforz kien integrat fl-istrateġija tal-NCPE għaliex il-Kummissjoni temmen bis-sħiħ li permezz tal-proġetti, l-għanijiet nazzjonali u dawk Ewropew jistgħu jintlaħqu.

Il-proġetti ġeneralment jinkorporaw fi ħdanhom elementi ta' riċerka, taħriġ u ħolqien ta' għarfien, immirati lejn setturi differenti. Opportunitajiet ta' finanzjament huma mfittxija kontinwament minn diversi sorsi, fosthom il-Fond Strutturali Ewropew, il-Qafas Strateġiku Komunitarju għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, l-EQUAL u l-PROGRESS.

Fost l-isforzi ewlenin ta' din is-sena, ta' min isemmi l-għeluq tal-perjodu ta' programmar tal-FSE 2004 – 2006. L-NCPE, bħala l-benefiċarju aħħari, implimentat tlett proġetti mill-FSE kif ukoll proġett ieħor taħt l-EQUAL. Barra minn hekk, l-NCPE għamlet parti mill-EQUAL *National Thematic Network*, li kellu r-responsabbilta' li jiżviluppa *policy brief* għall-gvern ibbażatha fuq prattiċi tajba u tagħlim li nkiseb b'rabta mal-għeluq tal-perjodu ta' programmar tal-2004 – 2006.

Minbarra dan, fi Frar 2008 ingħalaq proġett ieħor li kien finanzjat mill-*Community Framework Strategy for Gender Equality* 2001-2005. Fl-istess waqt, hekk kif hemm imsemmi fir-rapport tas-sena l-oħra, inkitbu, ġew ippreżentati u implimentati żewġ proġetti oħra finanzjati minn PROGRESS 2007-2013. Dawn il-proġetti indirizzaw l-oqsma tan-non-diskriminazzjoni u tal-ugwaljanza bejn is-sessi. L-NCPE kienet ukoll involuta fil-kampanja *For Diversity Against Discrimination* billi tat is-sehem tagħha fin-*Networking Group*, kif ukoll billi għamlet parti mill-ġurija għall-għoti tal-Premju għall-Ġurnalisti 2008. F'din is-sezzjoni se naraw aktar informazzjoni dwar kull proġett speċifiku li semmejna.

Proġett ieħor li ġie ppreżentat u approvat jismu 'Natwalizzaw il-Potenzjali tal-Mara', li se jkun finanzjat fil-perjodu ta' programmar ESF 2007-2013. Permezz ta' dan il-proġett, ir-riċerka se tiffoka fuq l-elementi li jxekklu lin-nisa milli jinvolvu ruħhom fl-oqsma tal-impjieg u t-taħriġ. Il-pilastri ewlenin ta' dan il-proġett huma mmirati biex jinċentivaw u jiżguraw aċċess ugwali fis-suq tax-xogħol. Barra min hekk, permezz ta' dan il-proġett hu maħsub li jiġi introdott kunċett ġdid dak tal-"Marka għall-Ugwaljanza". Din il-marka tingħata lil min iħaddem, u permezz tagħha min iħaddem ikun jista juri li tassew iħaddan il-prinċipju tal-opportunitajiet indaqs.

## 3.2 – Ngħixu l-Ugwaljanza – VS/2007/0442

### *3.2.1 – Għanijiet*

L-għanijiet ewlenin tal-proġett *Ngħixu l-Ugwaljanza – VS/2007/0442* kienu s-sorveljar u l-identifikazzjoni ta' aktar bżonnijiet għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet fl-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ministeri, id-dipartimenti tal-gvern, l-entitajiet pubbliċi u fil-*policy-making programmes* kollha. Dan il-proġett ikompli jibni fuq dak li diġa inkiseb minn proġetti oħra ko-finanzjati mill-Fond Strutturali Ewropew, *Community Framework for Gender Equality*, kif ukoll minn proġetti tal-EQUAL. Dan il-proġett intemm f'Jannar 2009.

Dan il-proġett kellu l-iskop li joħloq għarfien biex jitrawwem il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha tas-servizz u tas-settur pubbliku. Fil-fatt, l-attivitajiet li twettqu matul din is-sena saru bil-ħsieb li jiffaċilitaw il-kunċett tal-ugwaljanza bejn is-sessi mal-membri tal-istaff fis-settur pubbliku u fis-servizz pubbliku, kif ukoll biex jippromwovu l-implimentazzjoni ta' għodda għall-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

Il-Programm Komunitarju Ewropew għall-Impjieg u Solidarjeta' Soċjali - PROGRESS (2007-2013) iffinanzja 80% tal-proġett, filwaqt li l-Gvern ta' Malta iffinanzja 20%. Il-baġit totali ta' dan il-proġett ammonta għal € 85682.50.

Permezz ta' dak li nkiseb minn dan il-proġett qed jiġu ndirizzati oqsma ta' prijorita' li huma elenkati fid-dokument '*Il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010* ' (Kummissjoni Ewropea, 2006) u fil-Patt Ewropew dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel.

### *3.2.2 – L-Istadji tal-Proġett*

Dan il-proġett kien maqsum f'dawn l-istadji kif ġej:

**Sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-sessi** saru bl-iskop li jinfurmaw 'l-impjegati tas-Servizz u s-Settur Pubbliku, fosthom anke persuni fil-pożizzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet, dwar għodod li jistgħu jużaw biex isaħħu l-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi u b'hekk ikunu f'pożizzjoni li jintegraw dan il-prinċipju fl-ambjent tax-xogħol. Dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ kienu immirati għad-diretturi, *policymakers*, *senior principals*, *principals* u membri tal-Kumitati għall-Ugwaljanza fi ħdan il-ministeri, dipartimenti tal-gvern u entitajiet pubbliċi. It-taħriġ kien immirat

lejn dawn il-persuni sabiex l-importanza tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi magħrufa u mħaddna kemm fis-Servizz Pubbliku kif ukoll fis-Settur Pubbliku.

**Sessjonijiet ta' taħriġ dwar is-Sensittivita' lejn l-oqsma differenti tal-ġeneri kienu mmirati biex** jiżguraw sens qawwi ta' ugwaljanza bejn is-sessi fost l-uffiċjali pubbliċi. Permezz t'hekk, l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi tkun imħaffa u aktar effettiva. Dawn is-sessjonijiet ħarrġu wkoll lill-uffiċjali pubbliċi dwar *A Gender Sensitivity Manual*, pubblikazzjoni li ukoll saret bħala parti minn dan il-proġett. It-taħriġ fuq din il-pubblikazzjoni għen fl-għarfien ta' għodda ta' din ix-xorta, kif ukoll ħoloq sens qawwi tal-kunċett tal-ugwaljanza bejn is-sessi fis-Servizz u fis-Settur Pubbliku.

**Seminar dwar l-Implimentazzjoni tal-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi fis-Servizz u fis-Settur Pubbliku:** Dan is-seminar kien indirizzat għall-parteċipanti tat-taħriġ imsemmi qabel, fejn fih tħarrġu dwar l-applikazzjoni ta' għodod għall-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Saret diskussjoni u analiżi dwar l-użu ta' dawn l-għodod u tal-miżuri favur il-familja eżistenti fis-servizz u s-settur pubbliku, u ġew ukoll iċċarati xi inċertezzi marbuta ma' dawn l-għodod. Saru wkoll preżentazzjonijiet b'rabta mal-impliementazzjoni tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ministeri, dipartimenti tal-Gvern u entitajiet pubbliċi bit-tama li dawn ikunu replikati fis-servizz u s-settur pubbliku kollu.

F'Jannar tal-2009 saret **il-Konferenza tal-Għeluq** ta' dan il-proġett. Matul din il-konferenza ġie mniedi rapport bir-riżultati tar-riċerka dwar *Gender Responsive Budgeting*, dokument dwar Prattiċi Tajba, kif ukoll ir-Rapport Finali ta' dan il-proġett.

Dan il-proġett ipproduċa wkoll ***newsletter* elettronika**, li serviet ta' tattika strateġika ta' komunikazzjoni, u tixrid ta' informazzjoni dwar oqsma relatati ma' dan il-proġett. Dawn l-*e-Newsletters* intbagħtu lill-uffiċjali pubbliċi kollha permezz ta' *email*. Dan il-metodu kien effettiv ħafna biex jintlaħaq l-akbar ammont possibbli ta' individwi fi ħdan is-servizz u s-settur pubbliku. L-*e-Newsletters* servew bħala għodda kontinwa ta' tqassim ta' informazzjoni dwar il-proġett innifsu, l-attivitajiet u r-riżultati li ħarġu minnu. Dawn ġew użati wkoll bħala mezz biex jiġi komunikat *feedback* fuq il-proġett. L-*eNewsletters* ta' *Ngħixu l-Ugwaljanza* jinkludu sezzjoni dwar prattiċi tajba b'rabta mal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza li ġew identifikati fis-Servizz Pubbliku kif ukoll fis-Settur Pubbliku.

## 3.2.3 – Riżultati tal-Proġett

| Dati | Tip ta' Attivita' | Numru ta' Sessjonijet | Numru ta' parteċipanti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Irġiel | Nisa | Total |
| Settembru 2008 | *Focus Groups* | Tmienja | 32 | 49 | 81 |
| 6 ta' Awwissu; 4 ta' Novembru 2008 | Għodod tal-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi | Tnejn | 22 | 45 | 67 |
| Diċembru 2008 | Taħriġ dwar is-Sensittivita' lejn l-oqsma differenti tal-ġeneri | Tlieta | 44 | 61 | 105 |
| 5 ta' Novembru 2008 | Seminar dwar l-Implimentazzjoni tal-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi fis-Settur u s-Servizz Pubbliku | Wieħed | 22 | 39 | 61 |
| Diċembru 2008 sa Jannar 2009 | *E-Newsletters* lill-uffiċjali pubbliċi | Sitta | n/a | n/a | n/a |

## 3.2.4 – Riċerka u Pubblikazzjoni

**Riċerka dwar l-użu ta' *Gender Responsive Budget* (GRB) f'pajjiżi Ewropej:** Ir-riċerka analizzat il-*Gender Responsive Budgeting* fl-Isvezja, fi Franza, fir-Renju Unit, fl-Isvizzera u fl-Italja. Din ir-riċerka twettqet minn nofs Lulju sa Novembru 2008. Ir-raġunament wara din ir-riċerka kien li tinġabar informazzjoni bl dwar il-GRB f'livell Ewropew sabiex dan l-għarfien jiġi implimentat ukoll fil-*policy-making* lokali. Ir-riżultati ta' din ir-riċerka ġew imnedija waqt il-Konferenza tal-Għeluq f'Jannar 2009, flimkien mad-dokument dwar l-Inizjattivi tal-GRB (*GRB Initiatives*).

**Focus Groups:** Permezz ta' dawn il-*Focus Groups* ġiet implimentata fażi ta' sorveljar b'rabta mal-proġett. Dan sar fuq żewġ binarji minħabba li ġew indirizzati kemm *policy makers* u persuni f'livelli superjuri ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kif ukoll persuni oħra f'livelli tat-tmexxija tan-nofs u inferjuri fis-Servizz Pubbliku kif ukoll fis-Settur Pubbliku. Permezz ta' dawn is-sessjonijiet, ingħata *feedback* dwar l-implimentazzjoni tal-proċess tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sesi, li wassal ukoll għal analiżi iktar b'saħħitha u għarfien akbar dwar dan il-kunċett. Ġew ukoll identifikati prattiċi tajba fi ħdan is-Servizz u s-Settur Pubbliku. Dan sar bl-iskop ta' replikazzjoni f'oqsma oħra ta' politika.

### *3.2.5 – Ħolqien ta' Għarfien*

***E-Newsletters*****:** In-*Newsletters* Elettroniċi inkorporaw fihom informazzjoni dwar kif il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi jista' jkun implimentat aħjar fi ħdan is-Servizz u s-Settur Pubbliku.. Fl-ewwel edizzjonijiet tan-*newsletters* ingħatat informazzjoni ġenerali dwar il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u r-rekwiżiti ta' dan il-proċess. Min-naħa l-oħra, il-bqija tal-edizzjonijiet taw iżjed informazzjoni dwar għodod partikolari li għandhom jintużaw biex jitħaddem dan il-prinċipju, bħal ngħidu aħna il-*Gender Audit* u l-*Gender Impact Assessment*. Barra minn dan, l-e-*newsletters* taw ukoll aktar promozzjoni lill-prattiċi tajba li ġew identifikati waqt is-sessjonijiet tal-*Focus Groups*, kif ukoll waqt is-seminar dwar l-Implimentazzjoni tal-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Il-miżuri tajba li ssemmew kienu marbuta mal-kisba ta' bilanċ aħjar bejn il-ħajja professjonali u dik privata, b'mod partikolari permezz tal-użu tat-*telework*. Dan wera wkoll li permezz ta' ġestjoni tajba, il-miżuri favur il-familja jistgħu jintużaw mill-impjegati mingħajr ma jaffetwaw b'mod negattiv ir-rutina tax-xogħol.

## 3.3 – Inwasslu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali – VS2006/0322

'Inwasslu l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Komunitajiet Lokali' sar bl-għan li jgħin lill-komunita' tikkunsidra r-rwoli tal-ġeneri fil-livell lokali u jħeġġeġ bidla fil-mentalita' dwar ir-rwoli assenjati lin-nisa u 'l-irġiel, biex b'hekk tiġi żviluppata kultura ibbażata fuq l-ugwaljanza u l-opportunitajiet indaqs.

Il-proġett kien ko-finanzjat mill-*European Community Framework Strategy on Gender Equality* (2001-2005) kif ukoll mill-Gvern ta' Malta. Il-*European Framework Programme* iffinanzja 79.33% mil-proġett filwaqt li l-Gvern ta' Malta iffinanzja 19.67%. Il-baġit totali allokat għal dan il-proġett kien ta' € 480,626.51.

L-NCPE mexxiet dan il-proġett li fih kienu parteċipi sitt imsieħba. Is-sieħeb nazzjonali kien id-Dipartiment tal-Gvern Lokali (Malta), filwaqt li l-imsieħba barranin kienu kif ġej: *The Research Centre for Gender Equality* (Greċja), *Dipartimento per le Pari Opportunita`* (Italja), *the Governmental Office for Gender Equality* (Kroazja) u l-*Comissão para a Cidadania e Igualdade de Género* (Portugall). L-għan wara din is-sħubija kien wieħed ta' riċerka biex jinstabu prassi tajba dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fi Stati Ewropej Mediterranji, sabiex dawn l-istati jiġu promossi bħala suċċessuri fil-ġlieda għall-ugwaljanza. Dan il-proġett intemm fi Frar 2008.

### *3.3.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett*

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett kien il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-iżvilupp lokali. Dan sar permezz ta' kampanji edukattivi u ta' promozzjoni, li ġew implimentati fil-Kunsilli Lokali.

Barra minn hekk, permezz ta' dan il-proġett ġew żviluppati għoddod u materjali oħra li jistgħu jiġu wżati għat-taħriġ u l-promozzjoni, u li jqanqlu diskussjoni bejn iċ-ċittadini dwar ir-rwoli tan-nisa u l-irġiel fil-ħajja pubblika u dik privata. Biex jintlaħaq dan l-għan, bosta Kunsilli Lokali, għaqdiet li jaħdmu fuq livell lokali u /jew reġjonali, istituzzjonijiet reliġjużi kif ukoll, iċ-ċittadini nfushom ġew sensitizzati dwar il-ġeneru.

Il-ħsieb wara dan il-proġett kien li nedukaw 'l-awtoritajiet lokali u liċ-ċittadini dwar l-impatt negattiv tar-rwoli assenjati skont il-ġeneru u l-isterjotipi. B'hekk nippromwovu l-benefiċċji tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, ħalli s-soċjeta' tersaq dejjem iktar lejn parteċipazzjoni bilanċjata tas-sessi u b'hekk tiżdied il-produttivita' ekonomika.

Dan il-proġett kellu wkoll l-iskop li jsaħħaħ l-impatt tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell tal-komunita' u permezz t'hekk l-imsieħba barranin igawdu mill-għarfien miksub permezz tal-istudju tar-riċerka tal-proġett. Dan jiżgura li prattiċi tajba jkunu jistgħu jiġu ripetuti fil-pajjiżi imsieħba.

## *3.3.2 – Ħolqien ta' Għarfien*

Il-fażi tal-implimentazzjoni tal-proġett ġiet fl-għeluq tagħha fil-bidu tas-sena 2008. Matul Jannar u Frar 2008 komplew isiru sessjonijiet ta' taħriġ għall-pubbliku kif ukoll għad-delegati tal-Kunsilli Lokali. It-taħriġ għall-pubbliku, sar fi ħdan bosta organizzazzjonijiet lokali u f'postijiet pubbliċi bħal per eżempju skejjel (fejn fost il-parteċipanti ewlenin kien hemm ġenituri u għalliema) u uffiiċji tal-Kunsilli Lokali mifruxa ma' Malta u Għawdex. Min-naħa l-oħra it-taħriġ immirat lejn delegati tal-Kunsilli Lokali sar fl-uffiċċji tal-Kunsilli stess.

Il-konferenza tal-għeluq tal-proġett kienet nhar il-25 ta' Frar 2008. Preżenti għaliha kien hemm rappreżentanti mis-sitt imsieħba tal-proġett, delegati tal-Kunsilli Lokali, kif ukoll membri tal-pubbliku in ġenerali. Matul din l-attivita' ġew elenkati l-kunċetti ewlenin imnissla mill-attivitajiet tal-proġett, filwaqt li ġew ukoll imnedija pubblikazzjonijiet li tqassmu lill-parteċipanti. Tajjeb li ngħidu li kemm il-ktejjeb kif ukoll ir-rapport tar-riċerka, ġew stampati kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, u saret ukoll traduzzjoni fil-lingwi tal-erba' imsieħba barranin. Iktar 'il quddiem kopji tal-ktejjeb u tar-rapport tar-riċerka tqassmu lill-Kunsilli Lokali kollha f'Malta u Għawdex.

It-tieni u l-aħħar konferenza transnazzjonali saret f'Malta nhar il-25 ta' Frar 2008. L-iskop wara din l-attivita' kien li jiġu elenkati l-kisbiet tal-proġett u fl-istess ħin isir skambju tar-riżultati li nstabu mill-5 studji ta' riċerka li twettqu f'Malta, fil-Greċja, l-Italja, il-Kroazja u l-Portugall.

## 3.3.3 – Riżultati tal-Proġett

It-tabella t'hawn taħt hija lista ta' riżultati miksuba minn dan il-proġett:

| Dati | Tip ta' Attivita' | Numru ta' Sessjonijiet | Numru ta' parteċipanti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Irġiel | Nisa | Total |
| Jannar u Frar 2008 | Taħriġ għaċ-ċittadini | Dsatax | 49 | 323 | 281 |
| Jannar u Frar 2008 | Taħriġ għad-Delegati tal-Kunsilli Lokali | Seba' | 30 | 20 | 50 |
| 25 ta' Frar 2008 | It-Tieni Laqgħa Transnazzjonali | Waħda | 4 | 19 | 23 |
| 25 ta' Frar 2008 | Konferenza tal-Għeluq | One | 12 | 57 | 69 |

## 3.3.4 – Riċerka u Pubblikazzjonijiet

**Prattiċi Tajba għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi - Ktejjeb**

Dan il-ktejjeb ġie ppubblikat biex tinxtered aktar informazzjoni dwar l-eżempji tajba li ħarġu mill-imsieħba fil-proġett. Ġew ippreżentati b'kollox 10 prattiċi tajba għall-promozzjoni tal-ugwaljanza.

**Prattiċi Tajba għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi – Rapport dwar ir-Riċerka**

Dan ir-rapport ġie wkoll ppubblikat bl-għan li tinxtered aktar informazzjoni dwar il-prattiċi tajba li ġew elenkati mill-imsieħba tal-proġett, filwaqt li fl-istess ħin jelenkaw is-sejbiet ewlenin li saru permezz ta' din ir-riċerka. Il-prattiċi tajba magħżula huma spjegati f'aktar dettall f'din il-pubblikazzjoni. .

**www.equalityincommunity.com – Sit elettroniku**

Bħala parti mill-proġett ġie varat sit elettroniku marbut mall-Proġett bil-lingwi kollha tal-imsieħba. Dan is-sit fih informazzjoni ġenerali dwar il-proġett innifsu kif ukoll dwar l-imsieħba tal-proġett. F'dan is-sit wieħed jista' jniżżel ukoll it-12-il diska li nkitbu dwar l-ugwaljanza kif ukoll il-lirika tagħhom.

**Differenti u Ndaqs – CD Mużikali**

Parti oħra mill-proġett kienet il-ħolqien ta' *CD* mużikali bi tnax-il diska dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li tqassmet fost l-istazzjonijiet tar-radju u lid-*DJs* lokali. Dawn id-diski nkitbu minn professjonisti lokali u kantawhom sitt kantanti stabbiliti lokali.

## 3.3.5 – Relazzjonijiet Pubbliċi

Fl-2008 ħarġu żewġ stqarrijiet għall-istampa. L-ewwel waħda ħarġet nhar it-22 ta' Jannar 2008 u kienet titkellem dwar it-taħriġ li sar għad-delegati tal-Kunsilli Lokali. It-tieni stqarrija ħarġet fil-21 ta' Frar 2008 u kienet dwar il-Konferenza tal-Għeluq.

## 3.4 – Taħriġ dwar l-Anti-Diskriminazzjoni u d-Diverista' - VT/2006/009

Fl-2006 il-*Human European Consultancy Group*, flimkien mal-*Migration Policy Group*, ħejjew sottomissjoni għas-sejħa ta' proposti għal taħriġ dwar l-Anti-diskriminazzjoni u d-Diversita' -VT/2006/009 u stiednu lill-NCPE biex tkun il-Koordinatur ta' Malta għal dan il-proġett. Dan il-proġett inkorpora fih taħriġ dwar l-anti-diskriminazzjoni u d-diversita' li ingħata lil 31 pajjiż tal-Ewropa (25 membri tal-UE, kandidati għas-sħubija fl-UE u pajjiżi tal-EAA). Il-baġit totali allokat għal dan il-proġett kien ta' € 23,250.00.

### *3.4.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett*

Bħala waħda mill-imsieħba nazzjonali, l-NCPE ġiet mitluba torganizza żewġ seminars ta' jumejn il-wieħed fejn tippromwovi l-anti-diskriminazzjoni fost l-għaqdiet mhux governattivi u t-*trade unions*. Barra minn hekk, l-NCPE ħejjiet ukoll seminar ieħor ta' ġurnata fejn ippromoviet il-ġestjoni tad-diversita' fost organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, kumpaniji kbar, u Kumpaniji Żgħar u Medji, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. L-għan ta' dawn is-seminars kien li jissaħħaħ l-għarfien dwar l-anti-diskriminazzjoni.

L-ewwel seminar dwar l-Anti-diskriminazzjoni sar f'Novembru 2007 u fih ipparteċipaw bosta għaqdiet mhux governattivi, kif ukoll *trade unions*.

Fi Frar 2008 ġie organizzat seminar dwar il-Ġestjoni tad-Diversita' li kien immirat lejn għaqdiet ta' min iħaddem, kumpaniji kbar u Kumpaniji Żgħar u Medji fis settur pubblliku u f'dak privat. Is-seminar kien ko-ordinat minn persuna li tħarrġet f'livell tal-UE, bl-appoġġ ta' *trainer* internazzjonali.

It-tieni seminar ta' jumejn seħħ fi Frar 2008 u kien immirat lejn l-istess udjenza tas-seminar li sar f'Novembru 2007. Iż-żewġ seminars tmexxew minn 6 *trainers* nazzjonali li ngħataw taħriġ fil-livell Ewropew.

### *3.4.2 – Ħolqien ta' Għarfien*

Matul is-seminar dwar il-Ġestjoni tad-Diversita', fil-5 ta' Frar 2008, l-NCPE b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazjoni Maltija ta' Min Iħaddem (MEA), tat l-opportunita' lill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, kumpaniji kbar u Kumpaniji Żgħar u Medji (47% kienu mis-settur privat waqt li 53% kienu mis-Settur Pubbliku) jesprimu l-esperjenzi tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni tad-diversita'. Barra minn hekk il-parteċipanti ġew esposti wkoll għal numru ta' każijiet lokali u prattiċi tajba b'rabta mal-ġestjoni tad-diversita'.

Waqt it-tieni seminar dwar l-Anti Diskrimiazzjoni (li sar nhar il-15 u s-16 ta' Frar) il-parteċipanti li kienu ġejjin minn tmien għaqdiet mhux governattivi u żewġ *trade unions* ingħataw taħriġ intensiv dwar id-Direttivi tar-

Razza u tal-Impjieg. Ġew ukoll ippreżentati numru ta' *case studies* li servew ta' eżempju prattiku għall-informazzjoni li ngħatat.

### 3.4.3 – Riżultati tal-Proġett

| **Data** | **Tip ta' Attivita'** | **Numru ta' Sessjonijiet** | **Numru ta' Parteċipanti** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Irġiel | Nisa | Total |
| 5 ta' Frar 2008 | Taħriġ dwar il-Ġestjoni tad-Diversita' | Waħda | 24 | 31 | 55 |
| 15 ta' Frar 2008 | Seminar dwar l-Anti-diskriminazzjoni għall-Għaqdiet mhux Governattivi u t-*Trade Unions* | Waħda | 9 | 12 | 21 |
| 16 ta' Frar 2008 | Seminar dwar l-Anti-diskriminazzjoni għall-Għaqdiet mhux Governattivi u t-*Trade Unions* | Waħda | 7 | 13 | 20 |

### 3.4.4 - Pubblikazzjonijiet

Il- *Manwal ta' Taħriġ dwar il-Ġestjoni tad-Diversita'* ġie ppubblikat u użat bħala gwida waqt it-Taħriġ dwar il-Ġestjoni tad-Diversita'. Din il-pubblikazzjoni tqassmet lill-parteċipanti kollha tas-seminar.

## 3.5 – Kampanja Nazzjonali biex tippromwovi l-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd

F'Novembru 2007, bħala kontinwazzjoni tas-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd 2007, ir-Rapprezentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta b'kollaborazzjoni mal-NCPE, organizzat kampanja ta' għarfien imsejħa *Kampanja Nazjonali biex tippromwovi Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd.*

Din il-kampanja kellha l-iskop li tinkorpora s-sitt oqma ta' diskriminazzjoni, hekk kif elentaki mill-Unjoni Ewropea - Ġeneru, Reliġjon jew Twemmin, Razza jew Oriġini Etnika, Eta', Orjentazzjoni Sesswali u Diżabilita'.

### 3.5.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett

Din il-kampanja fil-medja kellha dawn l-iskopijiet ewlenin, kif ġej:

(1) tħeġġeġ it-tfittxija u l-għarfien reċiproku tal-ħiliet ta' kulħadd;
(2) tgħin lill-individwi biex jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom;
(3) u għalekk, tgħin lill-individwi biex isiru ekonomikament indipendenti u awtosuffiċjenti.

Għal dawn ir-raġunijiet ġew żviluppati seba' reklami edukattivi. Sitta minn dawn kienu jitkelmu dwar is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni li huma rikonoxxuti mill-UE; filwaqt li r-reklam l-ieħor kien aktar ġeneriku bl-għajta ta' 'Differenti u Ndaqs'.

Il-messaġġ ta' dawn ir-reklami edukattivi kien ippreżentat minn individwi differenti iżda f'ambjent komuni – l-ajruport. L-iskop ta' dan l- approċċ kien li jinħoloq għarfien li d-diskriminazzjoni tista' tiġri fl-azzjonijiet li nwettqu ta' kuljum, kif ukoll permezz tal-attitudni u l-mentalita' li jinfluenzaw l-imġieba tagħna fis-sitwazzjonijiet ta' kuljum. Il-metodu użat ma kienx maħsub biex jakkuża, iżda biex iġiegħel lill-pubbliku jrawwem kuxjenza li kull individwu jista' jikkontribwixxi biex issir id-differenza.

Din il-kampanja saret bl-iskop li tħeġġeġ l-eliminazzjoni ta' 'tabelli' u sterjotipi li aħna natribwixxu lil ħaddieħor hekk kif insiru nafu li huma differenti. Fil-fatt dawn ir-reklami urew kif meta nikkonċentraw fuq il-ħiliet tal-individwi, il-limitazzjonijiet li nkunu ħsibna li jeżistu minħabba d-differenzi, jisfumaw fix-xejn.

### *3.5.2 – Ħolqien ta' Għarfien*

Saret konfernza stampa fl-Uffiċċju tar-Rappreżentazzjoni Ewropea fit-8 t'Awwissu 2008 fejn ġiet varata din il-kampanja intitolata *Kampanja Nazjonali biex tippromwovi Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd*.

Ġew prodotti seba' reklami edukattivi li ntwerew fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni lokali. Sitta minn dawn ir-riklami kienu jiffokaw fuq kull bażi ta' diskriminazzjoni, hekk kif rikonoxxuti mill-UE (ġeneru, razza/oriġini etnika, reliġjon/twemmin, eta', diżabilita' u orjentazzjoni sesswali) flimkien ma' reklam ieħor ġeneriku bl-għajta *Differenti u Ndaqs* li kien jinkorpora fih biċċiet żgħar meħuda mis-sitt reklami l-oħra.

### *3.5.3 – Riżultati tal-Proġett*

Produzzjoni ta' seba' reklami televiżivi (PSAs) li ntwerew fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni lokali matul Settembru 2008.

## 3.6 – Leħen għal Kulħadd - VS/2007/0477

Il-proġett 'Leħen għal Kulħadd' sar bl-għan li jħeġġeġ lill-parteċipanti jisfidaw il-proċessi ta' tagħlim u ta' ħsieb li spiss iwasslu għal diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza, orjentazzjoni sesswali, ġeneru, eta', reliġjon jew twemmin, u diżabilita', u kif ukoll biex il-parteċipanti jitgħalmu jsostnu d-diversita' b'mod pożittiv. Id-diversita' żżewwaq il-kwalita' tal-ħajja, iżda minħabba nuqqas ta' rispett, ftehim u għarfien, id-diversita' tista' ssir kawża ta' diskriminazzjoni u segregazzjoni. Il-proġett 'Leħen għal Kulħadd' ta informazzjoni, spazju u ħin lill-parteċipanti biex jieqfu u jaħsbu dwar is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni. Dan il-proġett ħeġġeġ ukoll il-kooperazzjoni u l-promozzjoni tad-djalogu filwaqt li ta ċans lill-parteċipanti jiżviluppaw mentalita' ibbażata fuq

l-għarfien u r-rispett. 'Leħen għal Kulħadd' kien immirat għall-Kumpaniji Żgħar u Medji, organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku, membri tal-medja, għaqdiet mhux governattivi, soċjeta' ċivili, skejjel sekondarji, edukaturi u l-pubbliku in ġenerali. Dan il-proġett intemm f'Jannar 2009.

Il-Programm tal-Komunita' Ewropea għall-Impjiegi u s-Solidarjeta' Soċjali - PROGRESS (2007-2013) iffinanzja 80% tal-proġett, filwaqt li l-Gvern ta' Malta iffinanzja 20% tal-proġett. Il-baġit massimu totali allokat għal dan il-proġett huwa ta' €389,130.11.

## *3.6.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett*

L-għanijiet ta' dan il-proġett jimxu id f'id mal-prinċipji tal-Unjoni Ewropea, hekk kif iqajmu kuxjenza fuq id-diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, orjentazzjoni sesswali, eta' u diżabilita'. Barra min hekk, permezz ta' dan il-proġett, inħoloq għarfien dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE li tipproteġi 'l-individwi mid-diskriminazzjoni.

Fost il-leġiżlazzjoni li l-UE tutilizza biex issaħħaħ il-prinċipju tal-ugwaljanza, u li jgħoddu wkoll għal Malta, nsibu: it-Trattat ta' Amsterdam; id-Direttiva tal-Kunsill 20078/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol; id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi; id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE); u l-Karta tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali (2000).

It-Trattat ta' Amsterdam, li ġie ffirmat fl-1997, għandu l-iskop li "tittieħed l-azzjoni neċessarja biex tkun miġġielda d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilita', eta' u orjentazzjoni sesswali"[34]. Permezz ta' Artiklu 13 tal-emenda tat-Trattat (TEC), l-UE identifikat sitt oqsma ta' diskriminazzjoni. Min naħa l-oħra, id-Direttiva tal-Kunsill (20078/KE) li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, tiġġieled id-diskriminazjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilita', eta' jew orjentazzjoni sesswali[35]. Permezz ta' din id-direttiva, kull qasam ta' diskriminazzjoni msemmi huwa protett legalment. Għalekk id-Direttiva tipprovdi wkoll definizzjoni ċara ta' xi kunċetti bħal: 'bżonn ġustifikat ta' xogħol' u 'akkommodazzjoni raġonevoli', u b'hekk telenka l-uniċi ċirkostanzi fejn trattament differenti ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' oġġetti u servizzi tikkonsolida Direttiva oħra tal-Kunsill (76/207/KEE), biex b'hekk

34 Article 13, Treaty establishing the European Community, 1957, as amended by the Treaty of Amsterdam, 1997

35 Article 1, Employment Equality Directive, 2000 – Council Directive 2000/78/EC

ġiet maħluqa bażi komuni li permezz tagħha tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, bl-istess mod ta' kif jiġri f'oqsma oħra ta' diskriminazzjoni permezz tal-*Framework Directive*. Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE) tipprojbixxi b'mod speċifiku kull tip ta' diskriminazzjoni razzjali jew abbażi ta' oriġini etnika f'diversi sferi tal-ħajja soċjali, speċjalment fix-xogħol inkluż l-aċċess għax-xogħol u kriterji ta' għażla; fit-taħriġ vokazzjonali; fil-kundizzjonijiet tax-xogħol; fl-involvement f'*unions* jew organizzazzjonijiet tal-ħaddiema; fil-benefiċċji soċjali; fl-edukazzjoni; u fil-provvista ta' oġġetti u servizzi. Il-Karta tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali, li ġiet fis seħħ fis-sena 2000, tiġbor fiha d-drittijiet ċivili, soċjali, ekonomiċi u politiċi tal-persuni, u tagħmel enfasi fuq il-bażijiet ta' diskriminazzjoni bħall-orjentazzjoni sesswali, eta' u diżabilita' li normalment ikunu minimizzati. Kapitlu 3 tal-Karta jgħid li:

> *"Kull tip ta' diskriminazzjoni ibbażata fuq sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew opinjoni oħra, sħubija f'minorita' nazzjonali, propjeta', twelid, diżabilita', eta' jew orjentazzjoni sesswali ma tistax issir."*[36]

Dan il-proġett mhux biss jaħdem fuq il-qasam tax-xogħol iżda jagħti wkoll informazzjoni dwar il-provvista ta' oġġetti u servizzi u jippromwovi prattiċi tajba fis-settur. Il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni multipla hi ndirizzata wkoll u se jsiru sforzi biex gruppi emarġinati jitgħalmu dwar id-drittijiet tagħhom, ikunu rappreżentati, magħrufa u rispettati.

L-għanijiet tal-proġett qed jitwettqu kif ġej:

**Taħriġ**

Il-*Forum theatre* kien il-metodu prinċipali ta' taħriġ li ntuża matul dan il-proġett, u permezz tiegħu l-parteċipanti tgħalmu mod aħjar ta' kif iħarsu lejn il-ħajja billi jisfidaw id-diskriminazzjoni b'mod dirett, iżda mhux vjolenti. Ġew organizzati sessjonijiet ta' *forum theatre* speċjalizzati, immirati lejn diversi gruppi li ġew sensitizzati dwar is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni permezz ta' dawn is-sessjonijiet. Barra minn hekk, tul dan it-taħriġ ingħatat informazzjoni dwar prattiċi tajba li nstabu mir-riċerka, u ġiet varata wkoll il-kompetizzjoni dwar prattiċi tajba b'rabta mal-ugwaljanza u d-diversita'.

**Riċerka**

L-element ta' riċerka fil-proġett "Leħen għal Kulħadd" sar bl-iskop li jiġu identifikati miżuri tajba – miżuri li jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jippromwovu l-ugwaljanza għal kulħadd, irrispettivament mir-razza/oriġini etnika, ġeneru, reliġjon, eta', diżabilita' u orjentazzjoni sesswali – kemm f'Malta kif ukoll fit-tlett pajjiżi

36 Artiklu 21, Karta ta' l-Unjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali, 2000 – Charter 2000/C 364/01

imsieħba barranin. Dawn l-imsieħba huma Ċipru, l-Italja u l-Irlanda ta' Fuq. L-organizzazzjonijiet li wettqu r-riċerka f'dawn il-pajjiżi kienu:

- SYMFILIOSI (Ċipru) - organizzazzjoni indipendenti li twettaq riċerki, u taħdem fuq l-oqsma tan-non-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza razzjali.
- *Dipartimento Per le Pari Opportunitá* (Italy) – L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Italja li jaħdem favur l-ugwaljanza razzjali. Ir-rwol ta' dan l-uffiċċju fi ħdan id-Dipartiment għad-Drittijiet Indaqs huwa li jippromowovi trattament ugwali, jissorvelja l-effettivita' ta' strumenti legali żviluppati biex jikkumbattu d-diskriminazzjoni razzjali u jaħdem biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni abbażi ta' razza.
- *Institute for Conflict Research* (Irlanda ta' Fuq) – organizzazzjoni indipendenti li twettaq riċerka speċjalizzata fuq oqsma b'rabta ma' kunflitt, drittijiet umani, trasformazzjoni soċjali u ġustizzja soċjali.

**Rapport dwar ir-Riċerka**

Ir-riċerka analizzat is-sitwazzjoni tad-diskriminazzjoni f'oqsma differenti f'kull pajjiż li pparteċipa fil-proġett. Barra minn hekk, l-għan tar-riċerka kien li jiġi stabbilit jekk il-prattiċi tajba identifikati f'kull pajjiż, kellhomx l-effett mixtieq li jgħinu l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni f'setturi partikolari. Ġew identifikati numru ta' miżuri tajba b'rabta mal-eliminazzjoni ta' diskriminazzjoni f'oqsma differenti, fosthom fis-settur pubbliku, is-settur privat, il-medja, is-soċjeta' ċivili u l-qasam edukattiv.

Is-sejbiet prinċipali ta' din ir-riċerka fuq l-oqsma ta' diskriminazzjoni kienu kif ġej:

**1. Rażża**

- Akkomodazzjoni u kundizzjonijiet ta' detenzjoni fqar
- Prevalenza ta' xogħol illegali b'rabta ma' ħaddiema immigranti
- Nuqqas ta' politika ta' integrazzjoni li tkopri aspetti varji tal-ħajja soċjali eż: edukazzjoni, saħħa, xogħol eċċ

**2. Ġeneru**

- Rata baxxa ta' nisa fis-suq tax-xogħol
- L-eżistenza ta' diverġenza fil-pagi tan-nisa u tal-irġiel
- Rappreżentazzjoni baxxa tan-nisa fill-livell tat-teħid ta' deċiżjonijiet
- Prevalenza ta' rwoli sterjotipati tradizzjonali
- Nuqqas ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal

**3. Orjentazzjoni Sesswali**

- L-influwenza tal-Knisja Kattolika fir-rigward ta' oqsma differenti tal-LGBT

- Nuqqas ta' protezzjoni legali xierqa mid-diskriminazzjoni
- Nuqqas ta' ħeġġa politika biex tiġi ndirizzata din is-sitwazzjoni

**4. Diżabilita'**

- Rati għolja ta' inattivita' fost persuni b'diżabilita'
- Attenzjoni kbir fis-soċjeta' in ġenerali fuq il-kura u l-karita' lejn persuni b'diżabilita, milli fuq l-integrazzjoni tagħhom u l-inkoraġġiment neċessarju.

**5. Reliġjon**

- Rabta bejn iż-żieda fid-diversita' fir-reliġjon u żieda fil-migrazzjoni
- Ir-rwol ta' istituzzjonijiet edukattivi fil-promozzjoni ta' diversita' fir-reliġjon

**6. Eta'**

- Nuqqas signifikanti fir-rata ta' mpjieg ta' persuni li għandhom aktar minn 50 sena
- Attitudni paternalistika u protezzjoni żejda kemm fuq l-anzjani kif ukoll fuq it-tfal

Ir-riċerka identifikat numru ta' miżuri tajba li qed jittieħdu f'kull qasam ta' diskriminazzjoni, fil-pajjiżi imsieħba f'dan il-proġett, minn gruppi li qed jippruvaw jindirizzaw l-ostakli imsemmija fir-riċerka. .

**Żjarat ta' Studju**

Ġiet organizzata żjara ta' studju f'kull pajjiż imsieħeb fil-proġett biex jiġu studjati il-prattiċi tajba li ġew identifikati. Matul Novembru u Diċembru 2008, delegazzjoni magħmulha minn tlett membri tal-NCPE għamlet żjara ta' tlett ijiem f'kull pajjiż imsieħeb, jiġifieri l-Irlanda ta' Fuq, Ċipru u l-Italja. Matul din iż-żjara l-NCPE ħadet l-okkażjoni li tiltaqa' mal-korpi relevanti u mal-organizzaturi ta' prattiċi tajba f'kull pajjiż rispettiv. Fost id-diskussjonijiet li saru matul dawn iż-żjarat, insibu: l-implimentazzjoni tal-prattiċi tajba; l-oqsma ta' non-diskriminazzjoni u l-mod ta' kif qegħdin jiġu missielta permezz tal-prattiċi tajba; u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali ta' gruppi soċjalment emarġinati.

**Kampanja**

- Ġiet organizzata kampanja ta' għarfien fil-Belt Valletta fost il-pubbliku ġenerali bl-għan li tesponi u xxerred informazzjoni miġbura mir-riċerka.
- Inkitbet reċta b'rabta mas-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni kif ukoll dwar diskriminazzjoni doppja/multipla. Din ġiet esegwita fil-Belt Valletta taħt it-Tinda kif ukoll fis-Soċjeta Filarmonika tan-Nadur, Għawdex. Din ir-reċta nkitbet bil-ħsieb li tagħti ħin, spazju u possibilta' lill-udjenza li taħseb dwar l-isterjotipi u d-diskriminazzjoni, u b'hekk il-persuni fl-udjenza ikollhom ċans joħolqu l-ideat

tagħhom ta' kif jistgħu jisfidaw id-diskriminazzjoni. L-iskript ġie stampat u tqassam fl-iskejjel, fil-ministeri, kif ukoll fost l-Għaqdiet mhux governattivi biex iħajjar iżjed repetizzjonijiet ta' din ir-reċta. Din ir-reċta ġiet iffilmjata u ntweriet fuq l-istazzjon nazzjonali tat-televiżjoni biex tingħata iktar promozzjoni lir-realta' emozzjonali ikkawżata mid-diskriminazzjoni, kif ukoll biex tagħti bidu għad-dibattitu dwar is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni f'postijiet pubbliċi u privati.

- Ġiet imnedija kompetizzjoni ta' prattiċi tajba bl-għan speċifiku li tħeġġeg lis-soċjeta' u 'l-kumpaniji, jisfidaw id-diskriminazzjoni u jieħdu l-inizjattiva li jeliminawha, per eżempju permezz tal-introduzzjoni ta' *policies* li jissalvagwardjaw lill-impjegati mill-forom kollha ta' diskriminazzjoni. Ir-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni issemmew f'dokument u ingħataw plakka kommemorattiva li tissimbolizza l-impenn tagħhom favur l-ugwaljanza.
- Inħolqu numru ta' reklami għal fuq ir-radju u t-televiżjoni (PSAs) bl-għan li jagħlmu lill-pubbliku dwar is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni, li ntwerew fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni u xxandru fuq l-istazzjonijiet tar-radju.
- Inkitbu reklami għall-gazzetti biex jinfurmaw lill-pubbliku dwar bosta azzjonijiet li jistgħu jitwettqu bħala prattiċi tajba
- Matul il-konferenza tal-għeluq tħabbru r-riżultati dwar prattiċi tajba li ħarġu mir-riċerka ta' Malta, l-Italja, Ċipru u l-Irlanda ta' Fuq. Għal dan il-għan, ir-riċerkaturi mill-pajjiżi l-oħra ġew Malta u tkelmu dwar ir-riżultati tar-riċerka huma stess. Ġew ippreżentati wkoll riżultati minn studju ta' evalwazzjoni li sar dwar l-attivitajiet kollha tal-proġett, b'attenzjoni speċjali fuq l-effiċjenza tal-attivitajiet tal-proġett u kif ir-riżultati tar-riċerka irreletaw mas-sejbiet riċenti tal-*Eurobarometer* b'rabta mas-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni. Fil-konferenza tal-għeluq intwera *video* qasir fejn intwerew biċċiet mill-attivitajiet varji tal-proġett.

**Komunikazzjoni**

- Inħoloq sit elettroniku interattiv bl-indirizz: www.voiceforall.gov.mt bl-għan li jkun il-portal ta' dan il-proġett u jinkorpora fih l-attivitajiet kollha li twettqu matul il-proġett. Wieħed mill-attrazzjonijiet ewlenin tas-sit huwa kwizz dwar is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni li jservi bħala għodda biex jiżdied l-għarfien dwar dan is-suġġett. F'dan is-sit wieħed: isib ukoll ir-riżultati tar-riċerka kif ukoll informazzjoni dwar il-prattiċi tajba li ġew identifikati; u jista' jniżżel il-pubblikazzjonijiet li ħarġu mill-proġett (anke biex din iservi bħala inizjattiva favur l-ambjent).

### *3.6.2 – Ħolqien ta' Għarfien u Relazzjonijiet Pubbliċi*

**Kompetizzjoni dwar Prattiċi Tajba**

Fis-7 ta' Novembru 2008 ħarġet stqarrija għall-istampa rigward il-kompetizzjoni dwar il-prattiċi tajba.

**Tinda fil-Belt Valletta**

Bejn l-20 u t-22 ta' Novembru tniedet kampanja ta' għarfien fil-Belt Valletta taħt tinda. Din serviet ukoll bħala t-tnedija uffiċċjali tal-proġett. Din il-kampanja saret bl-għan li tinxtered l-informazzjoni li nġabret mir-riċerka dwar il-prattiċi tajba. Din l-informazzjoni ġiet imxerda permezz ta' tqassim ta' l*eaflets* u publikazzjonijiet maħluqa apposta għal dan il-proġett. Fuq il-post kien hemm ukoll kompjuters b'aċċess għall-websajt tal-proġett u għall-websajt *For Diversity – Against Discrimination*; kif ukoll skrin kbir li kien qed juri attivitajiet differenti mill-proġett, kif ukoll promozzjoni u informazzjoni dwar il-kompetizzjoni.

Inħolqu numru ta' reklami għal fuq it-televiżjoni u r-radju bl-għan li jissensibilizzaw lill-publiku dwar is-sitt oqsma ta' diskriminazzjoni. Dawn intwerew fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni u tar-radju ewlenin. Dawn ir-reklami ġew inklużi fil-proġett bl-għan li tintlaħaq udjenza aktar wiesgħa. Ir-reklami taw messaġġ ċar li d-diskriminazzjoni m'għandha qatt tkun aċċettata għax hi ta' ħsara kemm għal min hi indirizzatha, u kif ukoll għal min iwettaqha. Messaġġ ieħor kien jgħid li l-ugwljanza hija llegali skont il-liġi nazzjonali, il-liġijiet tal-UE u dik internazzjonali. Is-slogan magħżul għall-*PSAs* kien Id-diskriminazzjoni abbażi ta' l-eta', is-sess, ir-razza, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabilita' u r-reliġjon toħnoq. Dawn ir-reklami wrew xbihat pożittivi tal-ħajja soċjali mingħajr diskriminazzjoni. Il-ħsieb wara dawn ir-reklami huwa li n-nies jaċċettaw u jagħtu rispons qawwi lill-messaġġi pożittivi, ħafna aktar milli jaċċettaw dawk negattivi, b'mod partikolari meta dawn ikunu dwar l-imġieba tagħhom stess.

Inħoloq reklam għall-gazzetti biex tiġi rreklamata r-reċta, il-kompetizzjoni dwar prattiċi tajba, it-taħriġ tal-*forum theatre* u l-konferenza tal-għeluq.

## *3.6.3 – Riżultati tal-Proġett*

| Data | Tip ta' Attivita' | Numru ta' Sessjonijiet | Parteċipanti Irġiel | Parteċipanti Nisa | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Ottubru sa Diċembru | Sessjonijiet tal-*Forum theatre* għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji | 20 | 144 | 169 | 313 |
| Novembru sa Diċembru | Sessjonijiet ta' *Forum Theatre* għall-għalliema | 2 | 2 | 9 | 11 |
| Novembru sa Diċembru | Taħriġ permezz tal-*Forum Theatre* għall-NGO's | 2 | Na | Na | 59 |
| Novembru sa Diċembru | Taħriġ permezz tal-*Forum Theatre* għas-Settur Pubbliku | 2 | Na | Na | 54 |
| Novembru sa Diċembru | Taħriġ permezz tal-*Forum Theatre* | 2 | Na | Na | 30 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | għas-Settur Privat | | | | |
| Novembru sa Diċembru | Taħriġ permezz tal-*Forum Theatre* għall-Medja | 2 | Na | Na | 13 |
| Jannar | Konferenza tal-Għeluq | 1 | 30 | 60 | 90 |

### *3.6.4 - Pubblikazzjonijiet*

- Ktejjeb għad-djar: Dan ġie varat waqt l-attivita' ta' ħolqien ta' għarfien. Dan il-ktejjeb se jitqassam fid-djar kollha ta' Malta u Għawdex.
- *Fuljetti* għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (SME's)
- *Fuljetti* għall-kumpaniji kbar
- *Fuljetti* għall-Medja
- *Fuljetti* għall-Iskejjel u Istituzzjonijiet Edukattivi
- *Fuljetti* għall-uffiċjali pubbliċi
- *Fuljetti* għal għaqdiet mhux governattivi u s-soċjeta' ċivili
- Dokument dwar Prattiċi Tajba
- Rapport dwar ir-Riċerka
- Skript għar-Reċta
- Rapport Finali

## 3.7 – Nisħqu l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-Ġeneru fil-livell nazzjonali – FSE/Nru. 48

L-għan ta' dan il-proġett kien li nisħqu il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fl-livell nazzjonali u fl-oqsma kollha tal-ħajja. Dan il-proġett kien kontinwazzjoni tal-proġett FSE/No.23 *L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza – Inħarsu 'l Quddiem* u jibni fuq il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi. 'Nisħqu l-integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ġeneru fil-Livell Nazzjonali' kellu l-għan li jsostni dan il-prinċipju fis-settur pubbliku u dak privat.

Il-proġett kien parzjalment finanzjat minn Fondi tal-UE u kien ko-finanzjat mill-Gvern ta' Malta. 75% kien iffinanzjat mill-Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004 – 2006 waqt li 25% kien iffinanzjat mill-Gvern ta' Malta. Il-Baġit totali għal dan il-proġett kien ta' €171,967.00

### *3.7.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett*

Dan il-proġett kien dedikat kollu kemm hu għat-titjib tal-opportunitajiet indaqs, hekk kif saru passi kbar biex tintlaħaq l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-ħsieb wara l-proġett kien li jħeġġeġ lil diretturi, *policy makers*,

maniġers tar-riżorsi umani u l-korpi tal-ugwaljanza biex jieħdu inizjattiva u jaġġornaw il-*policies* u prattiċi oħra biex jiġu konformi mal-impenn li ħadu Malta u l-Unjoni Ewropea lejn l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

Il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza ġie mfisser mill-Kunsill tal-Ewropa bħala 'ir-(ri)organizzazzjoni, titjib, żvilupp u evalwazzjoni ta' proċessi ta' *policy*, biex b'hekk il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi nkorporata fil-*policies* kollha, fil-livelli u stadji kollha, mill-persuni li normalment huma nvoluti fil-*policy-making'*.[37]

Din l-istrateġija m'hix maħsuba biex tibdel lin-nisa u l-irġiel, iżda biex tagħraf is-sitwazzjonijiet differenti, il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tagħhom u tagħtihom l-istess importanza. Dan huwa l-ewwel pass fir-(ri)organizzazzjoni ta' istituzzjonijiet u entitajiet biex isiru ugwali fuq bażi ta' ġeneru.

Dan il-proġett kien immirat lejn id-diretturi, il-*policy makers*, il-maniġers tar-riżorsi umani, il-korpi tal-ugwaljanza kif ukoll il-pubbliku ġenerali.

Il-proġett kien maqsum f'żewġ elementi ewlenin:

**1) Taħriġ** – Dan il-proġett saħħaħ l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' żewġ tipi ta' taħriġ għall-gruppi:

- Seminars ta' taħriġ kienu organizzati għad-diretturi, maniġers u *policy makers* tas-settur privat kif ukoll tas-settur pubbliku.
- Ġiet żviluppata wkoll forma oħra ta' taħriġ esklussivament għall-Kumitati għall-Ugwaljanza fi ħdan kull Ministeru.

**2) Kommunikazzjoni** – Biex jiġġedded il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza u titnaqqas id-diverġenza bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjieg, intużaw dawn l-għodod:

- Pakkett ta' informazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li jinkorpora fih tpenġija ta' *cartoons* li kienu prodotti u ppubblikati b'mod speċifiku għad-diretturi, *policy makers* u maniġers tar-riżorsi umani, u li ġew imqassma lill-kumpaniji kollha f'Malta u Għawdex.
- Ktejjeb li jinkludi wkoll tpenġijiet ta' *cartoons*, li din id-darba tqassmu ġod-djar ta' Malta u Għawdex biex b'hekk il-pubbliku kien sensitizzat dwar is-suġġett, u jkun aktar għassa għad-diskriminazzjoni diretta u indiretta.

37 'Factsheet on Gender Mainstreming', Council of Europe (1998) as retrieved from www.coe.int/t/e/human_rights/equality/02._gender_maintreaming/001_Factsheet.asp on January 05th 2009.

- Reklami fil-gazzetti, u reklami oħra għar-radju u għat-televiżjoni (*PSAs)* biex ixerdu informazzjoni dwar l-għanijiet tal-proġett u l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

### 3.7.2 – Ħolqien ta' Għarfien

Matul dan il-proġett, ittieħdu numru ta' azzjonijiet li permezz tagħhom inħoloq għarfien dwar is-suġġett. Dawn kienu:

Fil-gazzetti tal-Ħadd dehru żewġ reklami ta' nofs paġna u reklam ieħor ta' paġna sħiħa. Dawn ir-reklami nħarġu biex tinxtered informazzjoni dwar 1) l-organizzazzjoni tas-seminars ta' taħriġ; 2) l-iskopijiet tal-proġett u l-benefiċċji tal-introduzzjoni tal-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-ambjent tan-negozju u 3) l-pubblikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-pakketti ta' informazzjoni li tqasmu fin-negozji kif ukoll fid-djar. Dawn ir-reklami dehru fil-gazzetti tas-17 u l-24 ta' Frar u nhar is-16 ta' Marzu 2008. .

Ġie stampat ukoll pakkett ta' informazzjoni dwar il-ġeneru magħmul għad-diretturi, *policy makers* u maniġers tar-riżorsi umani. Dan tqassam lill-kumpaniji f'Malta u Għawdex matul Marzu u April 2008. Din il-pubblikazzjoni tinkorpora fiha informazzjoni dwar 1) x'nifhmu b'ugwaljanza bejn il-ġeneri 2) x'nifhmu bil-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, 3) raġunijiet għaliex min iħaddem għandu jintroduċi l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fil-post tax-xogħol, 4) l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-prattika, u 5) fejn wieħed għandu jirrikorri għall-għajnuna jew għal iktar informazzjoni.

Fl-istess ħin, ġie stampat fuljett immirat għall-pubbliku ġenerali li tqassam fid-djar kollha ta' Malta u Għawdex. Tajjeb wieħed jinnota li kemm il-pakkett ta' informazzjoni dwar il-ġeneru kif ukoll il-fuljett li tqassam fid-djar ippreżentaw il-kunċett tal-ugwaljanza bejn is-sessi b'mod innovattiv – dan sar permezz ta' tpenġijiet f'forma ta' *cartoons*. F'din il-pubblikazzjoni kien hemm informazzjoni marbuta ma' 1) x'nifhmu b'ugwaljanza bejn il-ġeneri, 2) x'nifhmu bil-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza, 3) trattament ġust fl-impjieg 4) reklamar diskriminatorju, 5) xogħol tal-istess valur, 6) fastidju sesswali 7) parir u għajnuna, 8) rimedji u 9) informazzjoni dwar it-Tribunal Industrijali.

Barra minn hekk, ġie żviluppat anness mas-sit elettroniku li fih informazzjoni dwar il-proġett u *links* għad-dokumenti msemmija hawn fuq.

Matul l-implimentazzjoni tal-proġett ġew organizzati għaxar laqgħat mal-Kumitati għall-Ugwaljanza mid-diversi Ministeri. Dawn saru matul Frar, Marzu u April tas-sena 2008. L-iskop ta' dawn il-laqgħat kien li jiġi msaħħaħ aktar il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza; li jiġu spjegati aħjar ir-rwoli tal-Kumitati

għall-Ugwaljanza; kif ukoll biex jingħataw suġġerimenti dwar ideat u kunċetti li jistgħu jgħinu l-iżvilupp ta' politika dwar l-ugwaljanza u dwar il-prinċipju tal-ugwaljanza nnifsu.

Minbarra l-laqgħat li għadna kif semmejna, saru ħames seminars oħra ta' nofs ta' nhar il-wieħed bejn Frar u April 2008, għad-diretturi, l-maniġers u l-*policy makers* tas-settur pubbliku u anke tas-settur privat, dwar l-għanijiet tal-proġett.

Parti oħra ta' dan il-proġett kienet kampanja ta' reklamar fuq ir-radju li xxandret f'għaxar stazzjonijiet ewlenin tar-radju matul Novembru u Diċembru 2008. Għal dan il-għan ġew żviluppati erba' reklami (PSAs) li xxandru kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn ir-reklami spejaw lill-pubbliku ġenerali x'inhi d-diskriminazzjoni permezz ta' eżempji differenti.

Fl-istess waqt, kienet għaddejja kampanja ta' reklamar fuq it-televiżjoni li xxandret fuq erba' stazzjonijiet ewlenin. Għal dan il-għan ġew żviluppati żewġ reklami (PSAs). L-ewwel reklam sar bl-iskop li jfihem lill-pubbliku x'inhu l-fastidju sesswali u li dan huwa illegali. L-għan tat-tieni reklam kien li joħloq għarfien li d-diskriminazzjoni bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol għadha s-seħħ minkejja li qegħdin fis-sena 2008. Fiż-żewġ avvizi ingħatat informazzjoni li l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza toffri għajnuna lill-individwi li jiltaqgħu jew jesperjenzaw diskriminazzjoni u/jew fastidju. Fir-riklami saret ukoll interpretazzjoni ta' x'qed jingħad bil-lingwa tas-sinjali, u dehru wkoll sotto-titoli, biex jiġi żgurat li l-messaġġ jinftiehem mill-akbar ammont ta' nies possibbli.

## *3.7.3 – Riżultati tal-Proġett*

| **Data** | **Tip ta' Attivita'** | **Numru ta' Sessjonijiet** | **Numru ta' Parteċipanti** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Irġiel | Nisa | Total |
| 21 u 28 ta' Frar; 3, 4, 18, 20 u 25 ta' Marzu; u 14 t' April | Taħriġ għall-Kumitati tal-Ugwaljanza | 10 | 41 | 101 | 142 |
| 27 ta' Frar; 18 ta' Marzu 28 t'April 2008 | Seminars ta' taħriġ għad-Diretturi, Maniġers u *policy makers* kemm mis- settur pubbliku kif ukoll minn dak privat. | 5 | 31 | 70 | 101 |

## *3.7.4 - Pubblikazzjonijiet*

**Fuljett għad-Djar**

Il-pakkett ta' informazzjoni, li tqassam fid-djar matul Marzu u April 2008, kien maħsub biex jippromwovi aktar il-kunċett tal-ugwaljanza bejn is-sessi fost il-pubbliku.

**Pakkett ta' Informazzjoni għal għaqdiet ta' negozju**

Il-pakkett ta' informazzjoni immirat għan-negozji ġie ppubblikat biex isaħħaħ il-promozzjoni tal-kunċett tal-ugwaljanza bejn is-sessi fost id-diretturi, il-maniġers u l-*policy makers* tas-settur pubbliku, u kif ukoll tas-settur privat. Dan il-pakkett ta' informazzjoni tqassam f'Marzu u f'April tas-sena 2008.

## 3.8 - L-Aspett tal-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel mill-Perspettiva Legali – FSE/ Nru. 46

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett kien li jindirizza ostakli strutturali fil-leġislazzjoni Maltija, marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi. Għal dan il-għan saret analiżi ta' kodiċi u Atti speċifiċi. Barra minn hekk, inħolqu tlett pakketti ta' riżorsi li kienu mmirati għal min iħaddem, maniġers tar-riżorsi umani tas-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll għal dawk li jipprovdu servizz legali (inkluż dawk li jabbozzaw il-liġijiet) u studenti tal-Liġi. .

Dan il-proġett kien parzjalment finanzjat minn fondi tal-UE filwaqt li kien ko-finanzjat mill-Gvern ta' Malta. 75% ġie finanzjat mill-Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004 - 2006 filwaqt li 25% ġie finanzjat mill-Gvern ta' Malta. Il-baġit totali allokat għal dan il-proġett kien ta' € 249,743.00.

### *3.8.1 – Stadji u Għanijiet tal-Proġett*

Dan il-proġett sar bl-għan li jintegra l-perspettiva tal-ġeneru fil-qafas legali li jkopri l-impjieg u l-okkupazzjoni, kif ukoll il-ħajja ċivili u familjari. Dan sar bl-intenzjoni li jifaċilitata l-aċċessibilita' tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u biex b'riżultat ta' dan, ikunu iktar ekonomikament indipendenti.

Dan il-proġett inkluda l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza f'diversi Kodiċi u Atti tal-Leġiżlazzjoni Maltija. Il-proġett kellu wkoll l-iskop li jsaħħaħ l-iżvilupp tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fuq livell nazzjonali, u jissensibilizza 'l leġislaturi, lil dawk li jipprovdu servizz legali u lill-maniġers tar-riżorsi umani dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

Il-proġett kien magħmul minn tliet stadji ewlenin:

**1. Riċerka** – Sar studju ta' liġijiet eżistenti rigward l-edukazzjoni, l-impjieg, ix-xogħol u t-taħriġ, is-sigurta' soċjali u t-taxxi, il-liġijiet kriminali, ċivili u tal-familja. Matul din ir-riċerka ġew żviluppati suġġerimenti dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Liġi Maltija biex tissaħħaħ l-ugwaljanza fl-oqsma u fl-attivitajiet kollha.

**2. Taħriġ** – Ġew organizzati sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza u liġijiet relevanti lokali u Ewropew immirati lejn a) leġislaturi u individwi li joffru servizzi legali, b) maniġers tar-riżorsi umani fis-settur privat u ċ) maniġers tar-riżorsi umani fi ħdan is-settur pubbliku.

**3. Xandir tar-riżultati** – dan sar biex jagħti promozzjoni lill-għanijiet tal-proġett u jxerred ir-riżultati tar-riċerka. Fil-fatt ġie żviluppat anness għas-sit elettroniku, ġew imqassma tlett pakketti ta' riżorsi, u twettqet ukoll kampanja ta' għarfien fil-gazzetti.

### *3.8.2 – Ħolqien ta' Għarfien*

Matul il-proġett saru diversi attivitajiet biex jinħoloq għarfien dwar is-suġġett.

Matul April u Mejju tas-sena 2008 saret kampanja edukattiva fil-gazzetti, ibbażata fuq ir-riżultati tar-riċerka tal-proġett, immirata għall-pubbliku ġenerali. Ġew ippubblikati żewġ reklami bla kulur bid-daqs ta' paġna sħiħa fil-gazzetti lokali kollha li joħorġu nhar ta' Ħadd. L-ewwel reklam deher fit-13 t'April filwaqt li t-tieni wieħed deher fil-11 ta' Mejju 2008.

Barra minn hekk, ġie żviluppat anness għas-sit elettroniku li ntuża biex tinxtered informazzjoni dwar il-proġett, u fejn ġew ppubblikati wkoll is-sejbiet tar-riċerka li ħarġu mill-proġett.

Bħala parti mill-proġett ġew organizzati erba' sessjonijiet ta' taħriġ. Sessjoni ta' nofs ta' nhar saret fit-23 t'April u kienet immirata lejn Maniġers tar-Riżorsi Umani u Diretturi li jaħdmu fi ħdan is-Settur Pubbliku. Sessjoni oħra ta' nofs ta' nhar saret fid-29 t'April u ġiet organizzata bl-għan li tħarreġ lil kull min joffri servizz legali. Filwaqt li l-Maniġers tar-Riżorsi Umani u *employers* mis-Settur Privat kienu mistiedna jattendu taħriġ li dam żewġ nofs ta' nhari fit-13 u l-14 ta' Mejju. Il-Konferenza tal-Għeluq saret nhar is-16 ta' Mejju 2008 fejn kien mistieden kull min ħa sehem jew ipparteċipa f'dan il-proġett. Matul din il-konferenza ġew ippreżentati is-sejbiet tar-riċerka kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li saru. Il-Konferenza ingħalqet b'diskors mill-Ministru għall-Politika Soċjali, l-On. John Dalli.

Għat-taħriġ imsemmi hawn fuq, ġew żviluppati u stampati tlett pakketti ta' riżorsi. Kull pakkett ta' riżorsi ġie żviluppat b'mod speċifiku għall kull gruppi ta' parteċipanti, skont kif ġej:

- Maniġers tar-Riżorsi Umani/Diretturi tas-Settur Pubbliku;
- Maniġers tar-Riżorsi Umani/*Employers* tas-Settur Privat;
- Dawk li jipprovdu Servizz Legali (inklużi dawk li jabbozzaw il-liġijiet)

Kull pakkett ta' riżorsi ingħata kulur partikolari biex jintgħaraf wieħed mill-ieħor. Il-Pakkett ta' riżorsi b'kulur aħdar kien immirat għas-Settur Privat filwaqt li dak ta' kulur aħmar kien maħsub għas-Settur Pubbliku. Kull pakkett ta' riżorsi huwa maqsum f'ħames partijiet, li huma: 1) introduzzjoni għall-kunċett tal-ugwaljanza bejn is-sessi 2) non-diskriminazzjoni fl-impjieg 3) miżuri favur il-familja fuq il-post tax-xogħol 4) l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u 5) informazzjoni oħra li tista' tkun utli.

Min-naħa l-oħra il-pakkett ta' riżorsi ta' kulur ikħal kien immirat b'mod speċifiku lejn dawk li jipprovdu servizz legali. Dan id-dokument huwa maqsum f'erba' partijiet, li huma: 1) kunċetti u termini ewlenin 2) spjegazzjoni tal-liġijiet lokali prinċipali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi 3) analiżi tar-reviżjoni tal-qasam leġislattiv u 4) applikazzjoni prattika tal-materjal.

Il-pakketti ta' riżorsi kienu kollha tradotti għall-Malti.

**Riċerka**

Saret reviżjoni abbażi tal-ġeneru (*Gender Audit*) ta' bosta Kodiċi u Atti li jagħmlu parti mil-Liġi ta' Malta.

L-għan ta' dan il-*gender audit* kien li:

- Jiġi ntrodott il-kunċett tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'numru ta' Kodiċi u Atti tal-Liġi ta' Malta
- Jiġu nfurżati l-Liġijiet lokali skont il-prinċipji elenkati fid-Direttivi relevanti tal-UE.

Kif tlesta dan il-*gender audit*, ġiet żviluppata reviżjoni tal-provvedimenti u tal-emendi li jeħtieġ li jiġu emendati jew li għandhom jiġu ntrodotti.

Ir-Rakkomandazzjonijiet żviluppati għalhekk huma ta' żewġ tipi: (i) emendi proposti għall-proviżjonijiet legali eżistenti, u (ii) proposti għall-introduzzjoni ta' proviżjonijiet legali ġodda biex jindirizzaw l-oqsma tal-ġeneru fil-qasam tal-liġi.

## *3.8.3 – Riżultati tal-Proġett*

| Data | Tip ta' Attivita' | Numru ta' Sessjonijiet | Numru ta' Parteċipanti | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Irġiel | Nisa | Total |
| 23 t'April 2008 | Seminar għas-Settur Pubbliku | 1 | 9 | 25 | 34 |
| 29 t'April 2008 | Seminar għal dawk li jipprovdu Servizzi Legali | 1 | 5 | 10 | 15 |
| 13 u 14 ta' Mejju 2008 | Seminar għas-Settur Privat | 2 | 9 | 17 | 26 |
| 16 ta' Mejju 2008 | Konferenza tal-Għeluq | 1 | 14 | 48 | 62 |

### 3.8.4 - Pubblikazzjonijiet

**L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi fix-Xogħol: Settur Pubbliku – Pakkett ta' Riżorsi**

Dan il-Pakkett ta' riżorsi (maħsub għas-Settur Pubbliku) ġie ppubblikat biex iservi ta' gwida waqt is-seminars imsemmija hawn fuq, iżda wkoll biex jipprovdi referenza għal kull min jaħdem fis-Settur Pubbliku.

**L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi fix-Xogħol: Settur Privat – Pakkett ta' Riżorsi**

Dan il-Pakkett ta' riżorsi (maħsub għas-Settur Privat) ġie ppubblikat biex iservi ta' gwida għal waqt is-seminars imsemmija hawn fuq kif ukoll biex jipprovdi referenza għal kull min jaħdem fis-settur privat.

**L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi fix-Xogħol: Settur Legali – Pakkett ta' Riżorsi**

Dan il-Pakkett ta' riżorsi ġie ppubblikat biex iservi ta' gwida waqt is-seminar imsemmi hawn fuq, kif ukoll biex jipprovdi referenza għal kull min jaħdem fl-ambjent legali.

# 4. Ilmenti

## 4.1 – Il-kompożizzjoni tal-NCPE

L-ilmenti kollha li jaslu għand l-NCPE jmorru fis-Sezzjoni tal-Ilmenti, li hija s-sezzjoni responsabbli mill-ipproċessar tal-ilmenti, ġbir ta' informazzjoni b'rabta mal-ilment, u l-iproċessar ta' talbiet ta' informazzjoni. Minbarra s-Sezzjoni tal-Ilmenti, is-Sotto-Kumitat dwar l-Ilmenti huwa responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-ilmenti li jidħlu mill-pubbliku jew li jiġu nvestigati fuq inizzjattiva tal-NCPE innifisha. Matul is-sena, is-Sotto-Kumitat jiltaqa' b'mod regolari biex jiddiskuti l-ilmenti li jidħlu, jinvestiga punti partikolari, kif ukoll jiltaqa' ma' persuni li huma nvoluti direttament fl-investigazzjoni ta' xi lmenti.

## 4.2 – Il-Proċedura kif jitwettaq ix-Xogħol fuq l-Ilmenti

L-NCPE għandha d-dmir li tmexxi lment jekk ikollha għarfien li qed tinkiser il-liġi b'xi mod b'rabta mal-obbligi tagħha fl-oqsma ta' diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru jew razza. Barra minn hekk, l-NCPE stabbiliet proċedura biex permezz tagħha tmexxi l-investigazzjoni tal-ilmenti biex tkun garantita konsistenza fit-tmexxija ta' kull ilment skont il-bżonnijiet tal-klijenti.

L-ilmenti jridu jiġu sottomessi lill-Kummissjoni bil-miktub hekk kif stipulat f'Kap 456, 'Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel' u jekk dan ma jkunx possibbli, bħal ngħidu aħna meta l-persuna li qed tagħmel l-ilment ikollha diffikulta' biex timla l-formola provduta mill-NCPE, l-uffiċjal responsabbli jgħin lill-individwu jimla l-formola u jinforma lill-persuna li qed tippreżenta l-ilment dwar dokumentazzjoni li jkun jeħtieġ li tiġi ppreżentata flimkien mal-formola. Id-dokumenti kollha jiġu ffirmati mill-persuni preżenti, inkluż xhud, biex tiġi garantita interpretazzjoni eżatta tal-fatti stabbiliti minn min qed jippreżenta l-ilment.

Matul l-investigazzjonijiet, il-persuni li qed jagħmlu l-ilment huma mħeġġa biex jipprovdu kull dokumentazzjoni relevanti b'rabta mal-każ biex isaħħu l-każ tagħhom. Ta' min isemmi li l-kunfidenzjalita' hija garantita matul il-fażijiet kollha tal-investigazzjoni u l-proċessar tal-ilment, hekk kif imsemmi fl-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data. .

Il-Kummissjoni tagħmel l-almu tagħha biex tagħti s-setgħa lill-individwi biex jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom u għalhekk tħeġġeġ lil dawk li jagħmlu lment biex jevitaw l-anonimita' meta jippreżentaw ilment.

Kull persuna li tressaq ilment, tiġi mgħarrfa bil-miktub li dan wasal f'idejn il-Kummissjoni, fi żmien tliet ijiem. Hekk kif jasal ilment jinfetaħ *file* bil-każ, u jiġi analizzant skont il-liġijiet relevanti għall-ilment

Wara li jiġi analizzat il-każ, isiru diskussjonijiet fejn jiġu proposti modi differenti ta' kif il-Kummissjoni tista' timxi fl-investigazzjoni tagħha fil-każ partikolari. Barra minn hekk, dejjem skont il-ħtiġijiet ta' kull każ differenti, isiru laqgħat mal-konsulent legali tal-Kummissjoni biex ikun hemm garanzija li l-każ ikun ġie kkunsidrat mill-perspettivi legali kollha.

Biex tinvestiga kull każ, l-NCPE ġieli tħoss il-ħtieġa li tibgħat għall-persuna/i li jista'/jistgħu jgħinu biex il-każ jiġi mifhmum aħjar.

Wara li ssir l-investigazzjoni, il-Kummissjoni tista':

a) tiċħad l-ilment, jew

b) tiddeċiedi li l-ilment ikun ġie ppruvat u għal daqstant hija għandha:

- meta l-azzjoni li jkun sar ilment dwarha tkun tikkostitwixxi reat, jsir rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija biex imexxi min-naħa tiegħu/tagħha;

**jew**

- meta l-azzjoni li jkun sar ilment dwarha ma tkunx tikkostitwixxi reat, tiġi nterpellata l-persuna li kontriha jkun sar l-ilment sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni, u tagħmilha ta' medjatur bejn dik il-persuna u min jilmenta, bil-għan li tiġi riżolta l-kwistjoni.

ċ) tirreferi l-każ quddiem il-qorti ċivili kompetenti jew lit-Tribunal Industrijali

Fil-maġġoranza taċ-ċirkostanzi il-każijiet jissolvew permezz tal-medjazzjoni u mingħajr l-involviment tal-pulizija jew tat-Tribunal Industrijali. Per eżempju, f'każi ta' diskriminazzjoni abbażi ta' sess fuq il-post tax-xogħol, il-Kummissjoni tinforma lil min iħaddem li dan kiser il-liġi u tibda l-proċess ta' medjazzjoni. Bosta *employers* jirranġaw is-sitwazzjoni u jilħqu kompromess aċċettabbli mal-impjegati tagħhom. Dawn iċ-ċirkostanzi jiġu aċċettati biss meta kull min huwa nvolut fil-każ jaqbel magħhom.

## 4.3 – Ilmenti li ġew ippreżentati lill-Kummissjoni

Matul is-sena 2008, l-NCPE irċeviet bosta lmenti b'rabta ma' aspetti differenti ta' diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru u razza. Hawn taħt insibu elenkati lista ta' suġġetti li ħadmet fuqhom l-NCPE fl-ilmenti li ġew investigati:

- Fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol
- Fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol tas-sieħeb/sieħba
- Diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess waqt intervista għall-opportunita' ta' xogħol
- Diskriminazzjoni fi proċeduri b'rabta ma' diskriminazzjoni razzjali
- Diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru f'opportunitajiet ta' xogħol
- Aspetti dwar is-saħħa u s-sigurta' f'oqsma relatati mal-ġeneru

- Aspetti dwar il-miżuri favur il-familja (inkluż *lif* għall-maternita' u *lif* tal-ġenituri)
- Diskriminazzjoni abbażi ta' sess fl-għoti ta' suġġetti studjati fl-iskejjel
- Ilbies indeċenti fuq il-post tax-xogħol

Minbarra l-ilmenti elenkati hawn fuq, il-Kummissjoni rċeviet ukoll numru ta' lmenti li ma jaqgħux taħt l-obbligi tagħha skont il-liġi.

## 4.4 – Punti u rakkomandazzjonijiet li ħarġu mix-xogħol li sar fuq l-ilmenti

F'Awwissu tas-sena 2008, ir-responsabbiltajiet tal-NCPE kibru biex qed jinkludu wkoll obbligi mnissla mid-dħul tal-Avviż Legali 181 tal-2008 - *Regolamenti tal-2008 dwar Trattament Indaqs fl-Aċċess u l-Provvista ta' Oġġetti u Servizzi.* Għaldaqstant, is-Sezzjoni tal-Ilmenti tal-NCPE, tipproċessa u tinvestiga lmenti b'rabta ma' diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru f'dak li għandu x'jaqsam l-aċċess għal u għoti ta' oġġetti u servizzi offruti lill-pubbliku kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mis-settur privat.

Il-Provvista ta' oġġetti u servizzi tinkorpora firxa wiesgħa ta' attivitajiet, inkluż, ħwienet u l-industrija tad-divertiment – ristoranti, ħwienet tax-xorb, lukandi, *gyms*, ċinema eċċ. Il-liġi tinkludi wkoll entitajiet li jipprovdu servizz bħall-banek, kumpaniji tal-assigurazzjoni u servizzi finanzjarji oħra; kif ukoll entitajiet oħra li jipprovdu servizzi ta' saħħa, akkomodazzjoni, benefiċċji soċjali, u s-settur tal-edukazzjoni. Dawn ir-regolamenti, jinkludu wkoll id-diskriminazzjoni abbażi ta' tqala u maternita', u japplikaw kemm għall-entitajiet pubbliċi kif ukoll għal dawk privati.

Din is-sena, bħas-snin ta' qabel, il-Kummissjoni ħadmet fuq bosta każijiet ta' fastidju sesswali u allegata diskriminazzjoni b'rabta ma' miżuri favur il-familja.  Fil-fatt l-NCPE bdiet diskussjonijiet biex ittejjeb il-*policies* eżistenti dwar il-miżuri favur il-familja.  Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda taħdem biex telimina d-diskriminazzjoni f'diversi proċeduri eżistenti.  Fil-fatt, b'riżultat ta' lmenti li ħadmet fuqhom il-Kummissjoni, għenet bosta organizzazzjonijiet privati jintroduċu politika kontra l-fastidju sesswali, politika favur l-ugwaljanza, kif ukoll sistema ta' għoti ta' marki għall-valutazzjoni tal-impjegati prospettivi waqt intervisti.

Matul din is-sena ingħata għarfien lill-uffiċjali pubbliċi dwar il-benefiċċji u l-vantaġġi tal-miżuri favur il-familja.

F'dak li jirrigwarda lmenti b'rabta ma' razza, għad li l-Avviż Legali 85 *Ordni tal-2007 dwar Trattament Indaqs ta' Persuni* daħal fis-seħħ fl-2007 u jitkellem dwar diskriminazzjoni abbażi ta' razza/oriġini etnika fil-provvista ta' oġġetti u servizzi; numru limitat ta' lmenti abbażi ta' razza ġew ippreżentati lill-Kummissjoni.

L-Avviż Legali 85 tal-2007 jitkellem dwar l-illegalita' tad-diskriminazzjoni fl-oqsma tal-protezzjoni soċjali u s-saħħa; l-edukazzjoni, l-aċċess għal u l-provvista ta' oġġetti u servizzi offruti lill-pubbliku inkluż l-akkomodazzjoni u oqsma oħra. L-ilmenti dwar diskriminazzjoni fl-impjieg fuq bażi ta' razza jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tad-Dipartiment tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Matul is-sena li ġejja l-Kummissjoni se tkun qed taħdem bis-sħiħ biex toħloq għarfien dwar id-diskriminazzjoni abbażi ta' razza fil-provvista ta' oġġetti u servizzi, kif ukoll biex tinforma lill-pubbliku u 'l individwi li huma f'riskju li jsofru minn din it-tip ta' diskriminazzjoni, dwar id-drittijiet tagħhom, u dwar ir-rwol u l-obbligi tal-Kummissjoni bħala Korp tal-Ugwaljanza.

## 4.5 - Sommarju ta' uħud mill-investigazzjonijiet konklużi mill-NCPE fl-2008

### *4.5.1 - Diskriminazzjoni bejn is-Sessi fuq il-Post tax-Xogħol*

**Każ A** - Għab-bażi ta' lment, l-NCPE investigat kundizzjonijiet taħt liema, xogħol ta' sigurta' u skorta kien qiegħed jiġi assenjat lill-impjegati. Mill-provi li nġabru, irriżulta li l-manjiera ta' kif dan ix-xogħol kien qiegħed jiġi distribwit mill-persuni li kienu qegħdin imexxu, wassal għal sitwazzjoni fejn l-impjegati nisa, għalkemm imħarġa, kienu qegħdin jiġu esklużi minn xogħol ta' skorta bil-konsegwenza li l-benefiċċji finanzjarji marbuta ma' dan ix-xogħol kienu qegħdin jinataw lill-impjegati rġiel biss.

Il-kumpanija in kwistjoni eċċepiet illi minħabba l-potenzjalita' tar-riskji li jġib miegħu xogħol ta' skorta hija 'temmen li l-gwardjani rġiel jipprovdu l-aktar protezzjoni approprijata" u in oltre l-faċilitajiet li hemm fil-lokalitajiet fejn isir ix-xogħol ta' skorta huma fqar.

L-NCPE ikkonkludiet illi dan l-aġir jammonta għal diskriminazzjoni bejn is-sessi u talbet lill-kumpanija tieħu dik l-azzjoni kollha neċessarja sabiex twaqqaf tali aġir diskriminatorju.

### *4.5.2 - Diskriminazzjoni bejn is-Sessi fl-Aċċess għall-Impjieg*

**Każ A** - Għab-bażi ta' lment, l-NCPE investigat sejħa għall-impjieg bħala assistent ta' dentist, li għalkemm fiha nnifisha ma kinitx tindika preferenza dwar is-sess tal-applikanti, meta l-persuna li ressqet l-ilment ċemplet sabiex tottjeni aktar informazzjoni ġiet infurmata li l-klinika kienet sejra tikkunsidra biss applikanti nisa.

Il-prinċipal eċepixxa illi hija prattika tal-klinika li l-assistenti tad-dentist ikunu nisa u li din hija n-norma anke fl-Unjoni Ewropea fejn għandhom x'jaqsmu l-kliniċi tad-dentisti.

L-NCPE kkonkludiet li sabet diskriminazzjoni għab-bażi ta' sess u talbet lill-kumpannija sabiex tiddeżisti minn tali prattika diskriminatorja.

### *4.5.3 - Fastidju Sesswali fuq il-Post tax-Xogħol*

**Każ A** - Għab-bażi ta' informazzjoni riċevuta, l-NCPE investigat l-okkorrenza ta' fastidju sesswali konsistenti f'persuna ta' awtorita li titlob lill-impjegati nisa jippruvaw li huma ma kinux fil-perjodu ta' menstruazzjoni billi jneħħu l-indumenti tagħhom.

Il-kumpanija taħt investigazzjoni ammettiet li dan seħħ pero eċepiet li l-persuna li kkommettiet tali aġir aġixxiet taħt provokazzjoni.

L-NCPE kkonkludiet billi ddikjarat li tali aġir jammonta għal fastidju seswali u talbet lill-kumpanija timplimenta *policy* kontra l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol u tipprovdi lill-impjegati b'taħriġ f'dan il-qasam.

**Każ B** - Għab-bażi ta' lment, l-NCPE investigat l-okkorrenza ta' fastidju sesswali konsistenti fit-twaħħil ta' taqbila miktuba bil-Malti u meħuda minn dramm. Din it-taqbila ġiet imwaħħla ma' armadju f'uffiċju. L-ilment ġie ppreżentat minn waħda mill-impjegati nisa li ħassitha offiża u degredata b'tali taqbila.

Il-prinċipal irrikonoxxa li dan jammonta għal fastidju.

L-NCPE ikkonkludiet li t-twaħħil tal-imsemmija taqbila tammonta għal fastidju sesswali billi toffendi u twassal għall-umiljazzjoni. In oltre, kkommendiet lill-prinċipal għall-azzjoni approprijata meħuda minnu billi ordna t-tneħħija immedjata tat-taqbila, amonixxa lil min wettaqha u talab apoloġija mingħand l-impjegat li għamel dan l-aġir.

### *4.5.4 - Diskriminazzjoni Indiretta minħabba responsabilitajiet tal-familja*

**Każ A** - Għab-bażi ta' lment, l-NCPE investigat kundizzjonijiet kontenuti f'sejħa għal promozzjoni fi ħdan is-Servizz Pubbliku. Wieħed mill-kundizzjonijiet inklużi f'din is-sejħa kienet li l-applikant kellu jkun f'servizz kontinwu għal numru ta' xhur. Il-persuna li ressqet l-ilment ma kinitx tikkwalifika għaliex kienet qiegħda taħdem fuq skeda ta' ħinijiet ridotti minħabba responsabilitajiet tal-familja.

Wara li nġabret l-informazzjoni relevanti l-NCPE ikkonkludiet li tali kriterju jammonta għal disrkiminazzjoni indiretta.

Wara diskussjonijiet mal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, il-Kummissjoni obbligat ruħha li temenda tali kriterju ta' eliġibilita sabiex iż-żmien ta' servizz jiġi miftiehem bħala żmien fit-totalita u mhux neċessarjament kontinwu fil-każ ta' applikanti li kellhom xi waqfien fis-servizz tagħhom.

### *4.5.5 - Parteċipazzjoni fil-Konklużjoni ta' Ftehim Kollettiv*

L-NCPE kienet mistiedna biex tipparteċipa f'diskussjonijiet ta' Ftehim Kollettiv sabiex tassigura li l-kundizzjonijiet ta' impjieg li kienu qegħdin jiġu miftehma jkunu konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza bejn is-sessi u jassiguraw rispett għall-ħaddiema b'responsabbiltajiet tal-familja.

## 4.6 – Preżentazzjoni ta' Imenti lill-NCPE

Jekk persuna tħoss li qed tiġi diskriminata minħabba wieħed mill-oqsma elenkati hawn taħt, din għandha dritt li tissottometti "Formola Biex Tressaq Ilment" lill-Kummissjoni:

- **Ġeneru** fl-oqsma tax-xogħol u fil-provvista ta' oġġetti u servizzi;

**u/jew**

- **Razza jew oriġini etnika** fil-provvista ta' oġġetti u servizzi,

Biex jippreżenta każ lill-NCPE, wieħed jista':

- Iniżżel Formola biex jiġi ppreżentat ilment mill-websajt tal-NCPE, www.equality.gov.mt, jimliha, jiffirmha u jibgħatha l-uffiċju tal-NCPE.

  NCPE, ir-Raba' Sular
  Gattard House, Triq Nazzjonali
  Blata l- Bajda HMR 9010

- Iċempel/jibgħat email lill-NCPE (+356 2590 3850/ equality@gov.mt) biex jagħmel appuntament mas-sezzjoni li tilqa' l-ilmenti.

Fuq il-websajt hemm żewġ tipi ta' formoli biex jiġi ppreżentat ilment: waħda għal diskriminazzjoni fuq bażi ta' ġeneru, u l-oħra speċifikament għal ilmenti dwar razza/oriġini etnika. Dawn il-formoli jistgħu jitnizzlu kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Jekk persuna tixtieq tippreżenta lment iżda għandha bżonn l-għajnuna biex timla l-formola, din tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE biex tagħmel appuntament u tingħata iżjed għajnuna.

# 5. Talbiet għall-Informazzjoni u Reklamar Diskriminatorju

## 5.1 – Talbiet għall-Informazzjoni

Matul is-sena, l-NCPE tirrispondi għal bosta talbiet għall-informazzjoni minn diversi sorsi, dwar suġġetti differenti li jaqgħu taħt l-obbligi tagħha. Bl-għan li tipprovdi risposti ċari u effiċjenti, kemm it-talbiet kif ukoll ir-risposti li jingħataw mill-NCPE jsiru bil-miktub, biex b'hekk il-Kummissjoni jkollha sistema fejn tinżamm kull talba għall-informazzjoni, u kif ukoll sabiex tkun garantita aktar trasparenza fix-xogħol tagħha.

### *5.1.1 – Sorsi ta' talbiet għall-informazzjoni*

It-talbiet għall-informazzjoni jsiru minn firxa wiesgħa ta' sorsi, inkluż:

- Impjegati tas-Servizz Pubbliku
- Il-Medja
- Il-Pubbliku Ġenerali
- Kumpaniji Privati
- Studenti tal-Universita'

### *5.1.2 – Talbiet*

Saru talbiet għall-informazzjoni dwar:

- Miżuri favur il-familja (inkluż lif għall-maternita', sistema ta' xogħol b'sigħat imnaqqsa, lif għall-ġenituri u ħinijiet flessibbli)
- Diskriminazzjoni fir-reklamar
- Lingwaġġ inklussiv
- Il-proċedura ta' proċessar tal-ilmenti tal-NCPE
- Il-websajt tal-NCPE
- Id-Direttorju tal-Professjonisti Nisa Maltin
- Kundizzjonijiet tax-Xogħol
- Akkomodazzjoni
- Fastidju sesswali
- Pubblikazzjonijiet varji
- Benefiċċji soċjali
- Immigranti rregolari

- Nisa Maltin li għexu fl-ewwel parti tas-seklu għoxrin
- *Refunds* tat-Taxxi
- Drittijiet Umani
- Xogħol tal-NCPE
- Rwol u pożizzjoni legali tan-nisa b'rabta maż-żwieġ
- Rwol ta' kumpanija f'każi ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol
- Ħinijiet flessibbli
- Meta persuna għandha tinforma lil min iħaddimha dwar tqala
- Preferenza fl-għoti ta' kwalifikazzjonijiet lill-grupp partikolari ta' impjegati
- Diskriminazzjoni fit-tqassim tal-obbligi fuq il-post tax-xogħol
- Liġijiet dwar il-miżuri favur il-familja

## 5.2 – Il-librerija tal-NCPE

Iċ-Ċentru ta' Riċerka u Dokumentazzjoni jinkorpora fih firxa wiesgħa ta' dokumenti u informazzjoni, u jinsab fl-uffiċini tal-Kummissjoni, f'Blata l-Bajda. Fiċ-ċentru nsibu aktar minn 6,000 pubblikazzjoni: inkluż kotba, rivisti, studji u artikli dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti marbuta mal-oqsma tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-razzez fix-xogħol, fl-edukazzjoni, fil-politika, fis-soċjeta', fil-medja, fis-saħħa, fir-reliġjon, fil-familja, fl-ekonomija, fl-Unjoni Ewropea, fil-ħarsien soċjali, fis-sigurta' soċjali eċċ. F'din il-librerija nsibu wkoll informazzjoni dwar diversi suġġetti oħra, inkluż il-fastidju sesswali, il-kura tat-tfal, il-prostituzzjoni, id-diżabiltia' u l-anzjani.

Matul l-2008 bosta persuni għamlu użu mil-librerija billi sselfu xi kotba u ġurnali, jew ħadu kopji ta' partijiet minn dokumenti mil-librerija skont il-ħtiġijiet tar-riċerka tagħhom.

Fis-sena 2007, L-Avviż Legali 85 - *Ordni tal-2007 dwar Trattament Indaqs ta' Persuni*, ta lill-NCPE s-saħħa li jinvestiga wkoll każijiet b'rabta ma' diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza jew oriġini etnika, filwaqt li l-Avviż Legali 181 tal-2008, *Regolamenti tal-2008 dwar Trattament Indaqs fl-Aċċess u l-Provvista ta' Oġġetti u Servizzi* għabba lill-NCPE bir-responsabbilta' li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fl-aċċess għal oġġetti u servizzi u l-provvista tagħhom. Mad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-Avviżi Legali, il-Kummissjoni ħadet l-opportunita' biex tespandi l-librerija billi takkwista aktar kotba dwar diskriminazzjoni abbażi ta' razza u drittijiet umani. Fil-fatt matul l-2008, iddaħlu **189** dokument ġdid fis-sistema tal-librerija biex b'hekk l-ammont totali ta' dokumenti preżenti huwa ta' **6231**.

Minbarra li jużaw il-librerija fl-uffiċju tal-NCPE, persuni jistgħu jaċċessaw il-librerija *on-line* billi japplikaw għal *e-ID* fl-Uffiċċju tal-Passaporti. L-*e-ID* u l-*password* huma meħtieġa għall-aċċess għas-servizzi kollha *on-line* offruti mill-Ministeru għall-Politika Soċjali.

## 5.3 – Reklamar Diskriminatorju

Skont il-mandat tagħha, il-Kummissjoni tissorvelja li ma jiġi ppubblikat ebda tip ta' reklamar diskriminatorju, jew li jippromwovi diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru. Għal dan il-għan, l-NCPE għandha d-dritt li tieħu azzjoni legali kontra dawk li jippubblikaw dan it-tip ta' reklamar jekk dan ma jitwaqqafx.

Artiklu 10 tal-Kap 456 – Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, jisħaq li:

> *"…persuni ma jistgħux jippubblikaw, jew jesponu jew iġiegħlu li jiġi ppubblikat jew espost xi reklam, jew, xort'oħra li jirreklamaw post battal għal xi impjieg li jkun jiddiskrimina bejn min ikun qed ifittex ix-xogħol."*
>
> *"...persuni ma jistgħux jippubblikaw jew jesponu jew iġiegħlu li jiġi ppubblikat jew espost xi reklam li jkun jippromwovi d-diskriminazzjoni jew li jkun xort'oħra jiddiskrimina."*

Artiklu 8 tal-Kap 456 – Att dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, jisħaq li:

> *"(1) Ebda stabbiliment edukattiv jew stabbiliment ieħor li jagħti taħriġ jew gwida vokazzjonali ma jista' jiddiskrimina kontra xi ħadd. "*
> *"(a) fl-attendenza għal xi kors, taħriġ jew gwida vokazzjonali;… "*

Artiklu 8 tal-Avviż Legali 85 – Ordni tal-2007 dwar Trattament Indaqs ta' Persuni, jisħaq li:

> *"(1) Ħadd ma jista' jippubblika jew juri, jew iġiegħel li jkun ppubblikat jew muri, xi riklam li jippromwovi d-diskriminazzjoni jew li jkun diskriminatorju jew li jista' raġonevolment jiftiehem li jindika intenzjoni li ssir diskriminazzjoni. "*
>
> *"(2)Kull persuna li taġixxi bi ksur tas-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel il-pieni stabbiliti għall-kontravenzjonijiet. "*

Għal dan ir-rigward, matul l-2008, l-NCPE interveniet fuq 141 każ ta' reklamar diskriminatorju abbażi ta' ġeneru, fejn l-aġenziji tar-reklamar ġew infurmati li kienu qed jiksru l-liġi permezz ta' dawn ir-reklami diskriminatorji. Ir-reklami kienu marbuta ma' opportunitajiet ta' xogħol u ma' opportunitajiet fl-edukazzjoni. Dawn kienu ppubblikati fuq gazzetti lokali, rivisti u anke websajts lokali tal-aħbarijiet.

T-tabella t'hawn taħt turi n-numru ta' reklami diskriminatorji lil ġew investigati mill-NCPE matul l-2008.

**STATISTIKA DWAR IR-REKLAMI 2008**

| ***Xahar:*** | ***Testwali*** | ***Viżiva*** | ***Sub-totali*** |
|---|---|---|---|
| *Jannar* | 6 | 5 | 11 |
| *Frar* | 6 | 5 | 11 |
| *Marzu* | 7 | 8 | 15 |
| *April* | 6 | 1 | 7 |
| *Mejju* | 9 | 2 | 11 |
| *Ġunju* | 5 | 1 | 6 |
| *Lulju* | 1 | 2 | 3 |
| *Awwissu* | 4 | 6 | 10 |
| *Settembru* | 30 | 4 | 34 |
| *Ottubru* | 17 | 0 | 17 |
| *Novembru* | 4 | 6 | 10 |
| *Diċembru* | 6 | 0 | 6 |
| **Totali** | **95** | **40** | **135** |

Kif tixhed it-tabella t'hawn fuq, reklam jista' jkun diskriminatorju permezz tat-test, permezz tal-grafika jew it-tnejn. Minħabba l-obbligu tagħha li tissorvelja r-reklamar diskriminatorju, l-NCPE ħejjiet u nediet żewġ settijiet ta' linji gwida. Wieħed minn dawn il-linji gwida hu mmirat għall-membri tal-istaff tal-Kummissjoni, biex dawn ikunu jistgħu jirreferu faċilment għall-proċeduri li għandhom jintużaw f'każ ta' reklamar diskriminatorju. Min-naħa l-oħra, it-tieni linja gwida huwa mmirat għall-ppubblikaturi/ kumpaniji/ stabbilimenti edukattivi li jħejju r-reklami.  L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jinforma dwar ir-reklamar diskriminatorju, permezz ta' informazzjoni ċara dwar id-diskriminazzjoni f'dan il-qasam.

Dawn ir-regolamenti jelenkaw b'mod li jinftihem, l-obbligazzjonijiet imniżżla f'Kap. 456 li huma relatati mad-diskriminazzjoni fil-qasam tax-xogħol, l-edukazzjoni, il-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji.  Dawn l-istruzzjonijiet jagħtu varjeta' ta' eżempji ta' reklami b'test jew bi grafika diskriminatorji, u joffru bosta alternattivi li jistgħu jintużaw għal reklam newtrali, u ħieles mid-diskriminazzjoni.  Ir-Regolamenti għall-Pubblikaturi jistgħu jitniżżlu mill-websajt tal-Kummissjoni www.equality.gov.mt

## 5.4 – Mistoqsijiet Parlamentari (PQs)

| Numru tal-PQ | Data li daħlet | Suġġett |
|---|---|---|
| 29307 | 3 ta' Jannar 2008 | Ħaddiema Għawdxin |
| 50 | 12 ta' Mejju 2008 | Impjegati Ġodda Jannar/Frar/Marzu 2008 |
| 99 | 14 ta' Mejju 2008 | Membri/Diretturi fuq Bordijiet |
| 209 | 15 ta' Mejju 2008 | Ħaddiema *Part Time* |
| 277 | 19 ta' Mejju 2008 | Promozzjonijiet |
| 300 | 19 ta' Mejju 2008 | Parteċipazzjoni tan-Nisa |
| 316 | 19 ta' Mejju 2008 | Xogħol fuq bażi ta' Sigħat Imnaqqsa |
| 420 | 22 ta' Mejju 2008 | Assigurazzjoni Privata |
| 659 | 30 ta' Mejju 2008 | Referenza għal PQ*277 |
| PQ Urġenti lill-PM | 2 ta' Ġunju 2008 | Impjegati li għandhom 'il fuq minn 61 sena |
| 761 | 3 ta' Ġunju 2008 | Impjegati Ġodda |
| 904 | 12 ta' Ġunju 2008 | Numru ta' Staff Jan/Apr 08 |
| 1018 | 12 ta' Ġunju 2008 | Karozzi Ġodda |
| 1031 | 12 ta' Ġunju 2008 | Karozzi Mikrija |
| 1350 | 30 ta' Ġunju 2008 | Inugwaljanza fuq il-post tax-xogħol |
| 1360 | 3 ta' Lulju 2008 | Kuntratti ta' Xogħol |
| 2246 | 1 t' Awwissu 2008 | Kumpanija Borg Bros. |
| 2310 | 9 ta' Settembru 2008 | *Gender Alignment in Marriage* |
| 2522 | 30 ta' Settembru 2008 | Serq Rappurtat |
| 2528 | 30 ta' Settembru 2008 | Vjaġġar fl-UE |
| 2782 | 2 t'Ottubru 2008 | Trasferimenti lejn Għawdex |
| 2101 | 6 t'Ottubru 2008 | Ħaddiema fuq Kuntratt |
| 2999 | 9 t'Ottubru 2008 | Livell ta' Riċerka |
| 2658 | 13 t'Ottubru 2008 | Kummissjoni għall-Familja |
| 3070 | 14 t'Ottubru 2008 | Impjegati li ngħataw status indefinit 2007/2008 |
| 3476 | 23 t'Ottubru 2008 | Impjegati *Part Time* |
| 3524 | 23 t'Ottubru 2008 | *Photovoltaic Cells* |
| 3651 | 31 t'Ottubru 2008 | Aġenziji tar-Reklamar |
| 3665 | 6 ta' Novembru 2008 | Parteċipazzjoni tan-Nisa u Persuni b'Diżabilita' fil-Post tax-Xogħol |
| 3860 | 13 ta' Novembru 2008 | Karrozzi Mixtrija |
| 3994 | 18 ta' Novembru 2008 | Ordnijiet Diretti |
| 4023/4024 | 18 ta' Novembru 2008 | Kuntratturi |
| 4258 | 25 ta' Novembru 2008 | Settur Pubbliku f'Għawdex |
| 4259 | 25 ta' Novembru 2008 | Ħaddiema Rtirati tas-Settur Pubbliku Għawdxi |
| 4511 | 4 ta' Diċembru 2008 | Karrozzi Elettriċi |

# 6. Inizjattivi ta' Taħriġ

## 6.1 – Introduzzjoni

Bħala parti mix-xogħol kontinwu tagħha, l-NCPE tagħti tipi differenti ta' taħriġ immirati għal gruppi differenti, dwar suġġetti bħall-fastidju sesswali, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-ugwaljanza abbażi ta' sess/oriġini etnika u l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza. Dan it-tip ta' taħriġ huwa indispensabbli għat-tixrid ta' informazzjoni, kif ukoll għall-ħolqien ta' għarfien. Dan it-taħriġ isir sew fuq inizjattiva diretta tal-NCPE u anke bħala parti minn proġetti speċifiċi.

Il-Kummissjoni toffri wkoll taħriġ lil kull entita', dipartiment jew organizzazzjoni li jitolbuha xi taħriġ relatat ma' oqsma differenti tal-ugwaljanza. Permezz tat-taħriġ, il-Kummissjoni xxerred informazzjoni dwar drittijiet u obbligazzjonijiet imnissla mill-mandat tagħha u l-liġijiet rispettivi, u kif ukoll iżżomm entitajiet bħall-għaqdiet mhux Governattivi, is-Settur Pubbliku, is-Settur Privat, u entitajiet oħra, aġġornati u f'kuntatt kontinwu mal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni spiss tiġi mistiedna tagħti kontribut f'sessjonijiet ta' taħriġ organizzati minn entitajiet u organizzazzjonijiet oħra. Dan il-kontribut jinkludi taħriġ dwar il-fastidju sesswali jew dwar il-miżuri favur il-familja. Matul dawn is-sessjonijiet, id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE, jew xi membru mill-istaff tal-Kummissjoni jipparteċipaw f'dan it-taħriġ u jagħtu s-sehem tagħhom b'rabta mar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni.

Kull sessjoni ta' taħriġ tiġi mfassla apposta skont il-ħtiġijiet partikolari tal-udjenza li jkun imħejji għaliha. Per eżempju, it-tfal ġew imħarrġa dwar oqsma tal-ugwaljanza li jistgħu jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum, permezz ta' metodi varji, inkluż *forum theatre*[38], biex b'hekk tingħatalhom l-opportunita' li jesperjenzaw u jipparteċipaw bis-sħiħ fit-taħriġ.

Gruppi li ħadu taħriġ mingħand l-NCPE matul l-2008 jinkludu:

- Kumitati għall-Ugwaljanza fi ħdan il-Ministeri tal-Gvern
- Professjonisti tal-Liġi
- Studenti tal-iskejjel sekondarji
- Studenti tal-MCAST
- Pubbliku Ġenerali
- Għaqdiet Mhux-Governattivi

38 *Forum theatre* huwa stil ta' reċtar interattiv, maħluq minn Augusto Boal li kien jorganizza forums teatriċi differenti biex fihom jiddiskuti ġrajjiet kurrenti. Il-*Forum theatre* jagħti ħafna informazzjoni lill-udjenza u għandu l-għan li jinċita lill-udjenza tipparteċipa u tieħu sehem attiv fix-xenarji irreċtati.

- Kumpaniji Privati
- Maniġers tar-Riżorsi Umani
- Rappreżentanti tat-*Trade Unions*
- Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta' Ċivili
- Dipartimenti u Fergħat tal-Gvern
- Uffiċjali Pubbliċi
- L-Uffiċjali tas-Servizz Pubbliku fil-livell tat-Tmexxija
- Għalliema, Edukaturi u *Facilitators*
- Diretturi

Minbarra li jagħtu t-taħriġ lil ħaddieħor, il-membri tal-istaff tal-Kummissjoni jirċievu taħriġ regolari huma stess biex ikun garantit il-fatt li l-istaff tal-Kummissjoni hu aġġornat fuq bosta oqsma, *policies/*miżuri u liġijiet.

## 6.2 – Taħriġ mogħti mill-istaff tal-Kummissjoni

Matul l-2008, il-Kummissjoni offriet taħriġ fuq bosta oqsma, fosthom l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol; in-non-diskriminazzjoni b'rabta ma' responsabbiltajiet familjari; in-non-diskriminazzjoni abbażi ta' razza/oriġini etnika u l-ġeneru fil-provvista ta' oġġetti u servizzi; prattiċi tajba lokali u barranin dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi; u l-iskambju ta' prattiċi tajba.

Dan it-taħriġ ġie mogħti lill-gruppi differenti u organizzazzjonijiet bħall-uffiċjali tas-Servizz u tas-Settur Pubbliku, kumpaniji privati u negozji, *policy makers*, avukati u staff legali, tfal u żgħażagħ, Entitajiet Pubbliċi u organizzazzjonijiet, uffiċjali tat-*trade unions* u rappreżentanti ta' Għaqdiet Mhux-Governattivi. Per eżempju, l-*policy makers* ġew issensibilizzati dwar l-oqsma tal-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' diversi tipi ta' taħriġ, inkluż ġranet iddedikati għat-taħriġ dwar id-diversita', l-għarfien dwar il-ġeneru, u l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

**Taħriġ dwar ir-Razziżmu / Ksenofobija – Rekluti Ġodda fi ħdan il-Pulizija**

L-akkademja tal-Pulizija talbet taħriġ u sensibilizzazzjoni dwar ir-razza u l-ksenofobija għar-rekluti l-ġodda fi ħdanha. Dan it-taħriġ isir kull sena u issa sar parti integrali mit-taħriġ mogħti lir-rekluti l-ġodda tal-Pulizija. Fl-2008 saru żewġ sessjonijiet nhar it-28 u l-31 ta' Jannar, fejn ingħatat informazzjoni dwar il-liġijiet marbuta mal-anti-diskriminazzjoni fil-qasam tar-razza; spjegazzjoni dwar ir-responsabbiltajiet tal-NCPE; u diskussjoni fi gruppi dwar il-ksenofobija u r-razziżmu.

**Taħriġ dwar il-Fastidju Sesswali – Organizzazzjonijiet Varji**

Fl-2008, l-NCPE kompliet tagħti taħriġ dwar il-fastidju sesswali lill-entitajiet pubbliċi, kumpaniji privati, ħaddiema fil-qasam legali, maniġers tar-riżorsi umani, diretturi, rekluti ġodda tal-pulizija, Forzi Armati ta' Malta u kull grupp ieħor li talab għal dan it-tip ta' taħriġ.

Matul it-taħriġ, tingħata ħarsa qasira lejn il-liġi, kif ukoll x'tista' teħel persuna meta tikser din il-liġi. Tingħata wkoll deskrizzjoni dwar dak li tgħid il-liġi dwar il-fastidju sesswali, li mbagħad tiżviluppa f'diskussjoni fid-dettal dwar x'jikkostitwixxi fastidju sesswali, anke permezz ta' xi eżempji. Jingħataw ukoll eżempji ta' x'mhux meqjus bħala fastidju sesswali, l-effetti li l-fastidju sesswali jħalli kemm fuq individwu, kif ukoll fuq grupp ta' individwi. It-taħriġ normalment jingħalaq bi spjegazzjoni ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'każ ta' fastidju sesswali u min għandu jiġi kkuntattjat għall-parir, jekk ikun hemm din il-ħtieġa.

Il-Kummissjoni tgħin ukoll fit-tfassil jew l-aġġornar ta' *policies* dwar il-fastidju sesswali tal-organizzazżjonijiet, il-kumpaniji jew id-dipartimenti li jitolbu l-għajnuna tagħha.

**Taħriġ lill-Kumitati għall-Ugwaljanza**

L-NCPE stabbiliet u żżomm kuntatt kontinwu mal-Kumitati għall-Ugwaljanza fi ħdan kull Ministeru. Dawn il-Kumitati huma l-punt ta' riferiment għal min iħoss li sofra xi tip ta' diskriminazzjoni jew fastidju sesswali, ġo kull Ministeru. Dawn il-Kumitati huma mħarrġa b'mod regolari dwar l-oqsma tal-ugwaljanza, il-fastidju sesswali u l-liġijiet rispettivi. Dawn il-Kumitati huma wkoll il-punt ta' kuntatt bejn kull Ministeru u l-NCPE. Pakketti ta' riżorsi u dokumenti ppubblikati mill-NCPE li jintużaw fit-taħriġ tal-Kumitati għall-Ugwaljanza jinkludu:

- '*Racial and Ethnic Origin Equality Manual Toolkit'*;
- '*Sexual Harassment: A code of practice'*;
- '*Gender Sensitivity Manual*' ippubblikat permezz tal-proġett *Ngħixu l-Ugwaljanza* u:
- '*Gender Mainstreaming Toolkit*' ippublikat permezz tal-proġett *ESF 46 – L-Aspett tal-Ġeneru mill-Perspettiva Legali.*

**Taħriġ fuq Oqsma Relatati mal-Ugwaljanza – Entitajiet Varji**

L-NCPE tagħti taħriġ dwar oqsma relatati mal-ugwaljanza lill-entitajiet pubbliċi, kumpaniji privati, ħaddiema fil-qasam legali, maniġers u diretturi, u lil kull min jitlob għal dan it-tip ta' taħriġ. It-taħriġ jitkellem dwar diversi suġġetti li jagħmlu parti mir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, inkluż l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, in-non-diskriminazzjoni fil-qasam tax-xogħol minħabba responsabbiltajiet familjari, applikazzjoni tal-liġijiet u *policies,* kif ukoll in-non-diskriminazzjoni fil-provvista ta' oġġetti u servizzi abbażi ta' ġeneru u razza/oriġini etnika. Id-dokumenti u l-pakketti ta' riżorsi li ġew żviluppati mill-NCPE bħala parti mix-

xogħol ċentrali tagħha, kif ukoll bħala parti mir-riċerka tal-proġetti, jiġu wżati waqt it-taħriġ għal iktar konsistenza .

**Ir-responsabbiltajiet tal-NCPE u l-oqsma marbuta max-xogħol – Persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol**

Il-Kummissjoni ħarrġet persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol mal-ETC f'sessjonijiet differenti, f'Marzu u Novembru 2008. Dan it-taħriġ kien jinkludi introduzzjoni għar-responsabbiltajiet tal-NCPE; spejegazzoni tal-kunċett tal-ugwaljanza skont il-liġi tax-xogħol; u l-fastidju sesswali. Il-parteċipanti ġew mgħarfa wkoll dwar mistoqsijiet diskriminatorji li huma kontra l-liġi, li jistgħu jsiru waqt intervisti għal-xogħol.

**Taħriġ dwar il-Medja - Awtorita' tax-Xandir**

L-Awtorita' tax-Xandir u l-NCPE organizzaw taħriġ dwar in-non-diskriminazzjoni fil-medja u r-reklamar. Matul dan it-taħriġ, ingħatat informazzjoni dwar il-liġi b'rabta mad-diskriminazzjoni fil-medja abbażi ta' ġeneru u razza/oriġini etnika, u saret ukoll diskussjoni dwar dan. Ingħataw eżempji dwar din it-tip ta' diskriminazzjoni minn medja lokali kif ukoll internazzjonali. L-istaff tal-NCPE u tal-Awtorita' tax-Xandir ipparteċipaw f'dan it-taħriġ.

**Taħriġ dwar is-Sensittivita' lejn l-Oqsma differenti tal-Ġeneri - Entitajiet Varji**

It-taħriġ dwar is-sensittivita' lejn l-oqsma tal-ġeneri jitkellem dwar diversi oqsma relatati mal-ġeneru, kif ukoll dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan it-taħriġ kien jinkludi spjegazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, introduzzjoni għal-liġijiet relevanti, diskussjoni dwar oqsma relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u s-sensittivita' lejn oqsma differenti tal-ġeneru, u lejn l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

## 6.3 – Taħriġ mogħti lill-istaff tal-NCPE

**Staff Development Organisation (SDO)**

Il-Membri tal-istaff tal-NCPE għandhom l-opportunita', bħala uffiċjali pubbliċi, li jipparteċipaw għat-taħriġ organizzat mill-iStaff Development Organisation (SDO), li kull sena tippubblika elenku ta' korsijiet offruti minnha. Membri tal-istaff tal-NCPE attendew għall-korsijiet biex isaħħu l-ħiliet tagħhom. Dawn kienu:

- L-Użu tal-Intelliġenza Emozzjonali fuq il-Post tax-Xogħol II
- Programm ta' Ħiliet Interpersonali (kontinwazzjoni tal-Użu tal-Intelliġenza Emozzjonali fuq il-Post tax-Xogħol II)
- Bini ta' Komunikazzjoni Interpersonali fuq il-Post tax-Xogħol
- It-Trattat ta' Riforma l-Ġdid kif se jaffettwa l-istruttura u l-funzjonijiet tal-Istituzzjonijiet Ewropej?
- Ġestjoni tal-Proġetti

- Taħriġ dwar Akkwisti Pubbliċi

**Taħriġ imwassal permezz tal-proġetti ko-finanzjati mill-UE**

Din is-sena, l-istaff tal-NCPE kellu l-opportunita' li jiġi mħarreġ permezz ta' diversi proġetti ko-finanzjati mill-UE:

- Taħriġ dwar il-Ġestjoni tad-Diversita' (Proġett tal-*Human European Consultancy*)
- Taħriġ dwar l-Anti-diskriminazzjoni – 'Ir-Rwol tal-Għaqdiet mhux Governattivi u *Trade Unions* li jaħdmu fuq l-anti-diskriminazzjoni abbażi ta' Razza, Oriġini Etnika, Eta', Orjentazzjoni Sesswali, Reliġjon u Diżabilita'' (proġett tal-*Human European Consultancy*)
- L-użu ta' *Microsoft Access* (Proġett EQUAL4 – Il-Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs Permezz tal-Għoti ta' Setgħa)
- L-użu ta' *Alert Web Publisher* (Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd – Mosaic – Wieħed fid-Diversita')
- L-Inklużjoni ta' Persuni *Transgender* fis-Suq tax-Xogħol (FSE60 / *Malta Gay Rights Movement*)
- Sessjoni ta' Informazzjoni dwar Persuni *Transgender* fuq il-Post tax-Xogħol (FSE60 / *Malta Gay Rights Movement*)
- Seminar dwar id-Direttivi tal-Għoti tal-Kenn (*European Refugee Fund* 2007 / JRS Malta, is-Soċjeta' Maltija tas-Salib l-Aħmar u UNHCR Malta)

**Taħriġ mogħti minn organizzazzjonijiet oħra:**

- Stress tax-Xogħol u Stat ta' Saħħa Tajba fuq il-Post tax-Xogħol – Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta'
- Protezzjoni tad-Data fis-Settur tal-Ħarsien Soċjali – Uffiċċju tal-Prim Ministru b'kollaborazzjoni mal-Ministeru Federali Ġermaniż tal-Intern
- Taħriġ Bażiku fit-Tifi tan-Nar – *Fire Fighting Force*
- L-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data – Fondazzjoni għall-Iżvillupp tar-Riżorsi Umani / l-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data
- Benefiċċji Soċjali – Ministeru għall-Politika Soċjali
- Seminar dwar Diskriminazzjoni abbażi ta' Ġeneru u Razza fil-Medja – Awtorita' tax-Xandir
- *Say EU and …Action! - Workshop on Flexicurity* - Forum Malta fl-Ewropa
- Preżentazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima – Bank HSBC
- *Erasmus* għall-Uffiċjali – Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Personal u l-Amministrazzjoni
- Seminar Legali fuq l-implimentazzjoni tal-Liġi tal-UE dwar opportunitajiet indaqs u l-anti-diskriminazzjoni – Direttorat Ġenerali Xogħol, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs.

# 7. Kwestjonarji u Rispons

Matul is-sena, il-Kummissjoni rċeviet diversi kwestjonarji minn entitajiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali. Intalab ukoll ir-rispons tal-NCPE rigward dokumenti u oqsma speċifiċi. In ġenerali, il-kwestjonarji kienu marbuta mal-oqsma tal-ġeneru u r-razza, kif ukoll suġġetti oħra bħall-informazzjoni ġenerali dwar il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni.

## 7.1 – Kwestjonarji – Unjoni Ewropea u Korpi Internazzjonali Oħra

### *7.1.1 - Ġeneru*

Bħala tħejjija għal-laqgħa ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi, l-NCPE imliet kwestjonarju dwar it-tfal bniet. Fost l-informazzjoni miġbura kien hemm data dwar gruppi soċjali emarġinati; deskrizzjoni tal-kompetenza tat-tfal bniet f'dak li għandu x'jaqsam ma' *media literacy* u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni; miżuri protettivi kontra kontenut li jista' jkun ta' ħsara; l-edukazzjoni lokali u possibiltajiet ta' taħriġ vokazzjonali; kampanji ta' ħolqien t'għarfien, u l-kontenut tal-kurrikulu nazzjonali rigward is-saħħa sesswali u riproduttiva.

Il-kwestjonarju **In-Nisa f'Kunflitti bl-Armi,** mibgħut mill-Presidenza tal-UE Franċiża, huwa kontinwazzjoni tar-reviżjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing. Il-mistoqsijiet kienu dwar aspetti istituzzjonali u funzjonijiet interni, l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'azzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali; l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sigurta', b'rabta mal-ugwaljanza bejn is-sessi; l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-livelli tat-teħid ta' deċiżjonijiet; il-kunflitti bl-armi lokali, u anke bejn il-fruntieri fil-pajjiżi tal-UE; it-trattament tar-refuġjati fl-UE; is-soċjeta' ċivili, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-informazzjoni, rakkomandazzjonijiet u pjanijiet għall-futur. Minħabba n-natura ta' dan is-suġġett, il-Kummissjoni talbet data mingħand xi entitajiet oħra bħall-Kummissarju għar-Refuġjati, il-Forzi Armati ta' Malta (AFM), il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (MFA) u l-Akkademja Mediterranja tal-iStudji Diplomatiċi.

Il-Kumitat ta' Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (CDEG) bagħat kwestjonarju dwar il-**Parteċipazzjoni tan-Nisa u l-Irġiel fil-Politika u fil-livell tat-Teħid ta' Deċizjonijiet Pubbliċi**. F'dan il-kwestjonarju intalbet informazzjoni dwar ir-rappreżentazzjoni preżenti tan-nisa u l-irġiel fil-Parlament, fil-Gvern nazzjonali, fil-Gvern Lokali, fil-Qrati u fis-Servizz Diplomatiku. Partijiet oħra tal-kwestjonarju talbu informazzjoni dwar is-sistema elettorali u sistemi ta' ħatra, u dwar jekk il-kunċett ta' kwoti jeżistix permezz ta' provvedimenti fil-liġi jew permezz ta' regolamenti tal-partiti politiċi.

Il-Kummissjoni Ewropea bagħtet kwestjonarju dwar id-**Diverġenza fil-Pagi tan-Nisa u l-Irġiel**. L-informazzjoni li ntalbet inkludiet deskrizzjoni tas-sitwazzjoni kurrenti tad-Diverġenza fil-Pagi tan-Nisa u l-Irġiel, leġiżlazzjoni nazzjonali u qbil kollettiv, ilmenti u każijiet fil-Qorti, u rakkomandazzjonijiet għal-liġijiet nazzjonali u Ewropej.

Għall-kwestjonarju tal-Presidenza Franċiża tal-UE '**Ix-Xbieha tan-Nisa u l-Ġlieda kontra l-Isterjotipi ibbażati fuq il-Ġeneru'**, l-NCPE ġabret informazzjoni dwar l-isterjotipi eżistenti f'Malta fuq bażi ta' ġeneru. F'dan il-kwestjonarju ntalbet ukoll informazzjoni dwar il-miżuri u l-inizjattivi li ġew implimentati b'rabta mal-isterjotipi tal-ġeneru. L-NCPE intalbet ukoll tagħti informazzjoni dwar limiti ta' żmien minn meta l-Kummissjoni bdiet titkellem dwar dan is-suġġett.

Il-Kumitat ta' Tmexxija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (CDEG) bagħat kwestjonarji msemmi **L-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Medja** bħala dokument ta' tħejjija għat-tmien Laqgħa tal-Qafas ta' Komunikazzjoni Informali tal-Integrazzjoni tal-Prinċipju tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi *(Informal Network of Gender Mainstreaming)*. Fost l-informazzjoni mitluba kien hemm: taħriġ kurrenti għall-ġurnalisti; rappreżentazzjoni tan-nisa fil-qasam tal-ġurnaliżmu, fit-tmexxija u fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-medja; taħriġ, kampanji ta' ħolqien ta' għarfien organizzati għall-medja; miżuri maħsuba bl-għan li jwaqqfu d-degradazzjoni tan-nisa fil-medja; inizzjattivi li ttieħdu mill-korpi regolatorji tal-medja biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi; ir-rwol tal-Għaqdiet Mhux Governattivi fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni tan-nisa fil-medja; studji dwar il-medja u l-ġeneru fis-sistema edukattiva pubblika; u rakkomandazzjonijiet dwar x'għandu jkun ir-rwol tal-Kunsill tal-Ewropa f'dan il-qasam.

Is-Sħubija EuroMed (*Euromed Partnership*) bagħtet kwestjonarju rigward Mekkaniżmu ta' Reviżjoni biex **Insaħħu r-Rwol tan-Nisa fis-Soċjeta'**. L-oqsma milquta minn dan il-mekkaniżmu ta' reviżjoni huma prinċipji u azzjoni *cross-cutting*; id-drittijiet politiċi u ċivili tan-nisa; id-drittijiet soċjali u ekonomiċi tan-nisa; l-iżvilupp sostenibbli u d-drittijiet tan-nisa fil-qasam kulturali; u r-rwol importanti tal-komunikazzjoni u il-mass medja. L-NCPE għamlet kuntatt ma' entitajiet oħra attivi fil-qasam tal-ġeneru biex tidentifika l-azzjonijiet li ttieħdu, u takkwista informazzjoni dwar ix-xogħol riċenti ta' dawn l-entitajiet. Barra minn dan, fil-kwestjonarju ntalbet ukoll lista ta' prijoritajiet proposti fuq livell nazzjonali għas-sena 2008, inkluż deskrizzjoni ta' attivitajiet ippjanati u riżultati mistennija. Intalab ukoll kalendarju għall-implimentazzjoni.

Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar id-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi talab informazzjoni lill-aġenziji Ewropej li jaħdmu fuq l-Ugwaljanza, sabiex jitħejja abbozz ta' rapport dwar it-traspożizzjoni lokali tad-**Direttiva 2002/73/KE**. Din id-Direttiva "*dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali għall-*

*irġiel u n-nisa fir-rigward tal-aċċess għax-xogħol, għat-taħriġ u l-promozzjoni vokazzjonali, u għall-kondizzjonijiet tax-xogħol*" eżiġiet li kull Stat Membru joħloq Korp tal-Ugwaljanza. B'hekk l-NCPE bagħtet spjegazzjoni tal-funzjonijiet, l-istruttura u l-amministrazzjoni tagħha, u elenkat is-servizzi provduti mill-Kummissjoni.

Id-Dipartiment tas-Soċjoloġija, fi ħdan l-Universita' ta' Kopenhagen, talab lill-NCPE timla' kwestjonarju 'L-Ewropa bħala Laboratorju tad-Dinja?' b'rabta ma**l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.** L-għan ewlieni ta' dan il-proġett kien li janalizza l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi bħala strateġija ċentrali fl-għaqdiet tan-nisa, u kif ukoll il-kampanja "*Ugwaljanza għal Kulħadd*" imnedija mill-Unjoni Ewropea fl-2007. L-informazzjoni miġbura kienet tinkludi data dwar il-Kummissjoni, il-leġiżlazzjoni relevanti, strateġiji u proġetti b'rabta mal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi.

L-għaqda tar-Riċerka u Konsultazzjoni ECORYS għamlet stħarriġ fost l-esperti fl-oqsma tal-ġeneru, inkluż l-NCPE, biex tiżen l-impatti li skemi ta' sussidjar fil-kura tat-tfal, jistgħu jħallu fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-kwestjonarju "**L-Impatt ta' Skemi ta' Sussidju fil-Kura tat-Tfal fuq l-ugwaljanza bejn is-Sessi fis-Suq tax-Xogħol**" staqsa dwar is-sitwazzjoni lokali ta' provvista ta' ċentri ta' kura għat-tfal, kif ukoll rigward il-possibbilta' li jiġu ntrodotti f'Malta skemi ta' sussidju fil-kura tat-tfal. Barra minn hekk, ġie analizzat ukoll l-impatt tal-kura tat-tfal fuq l-impjieg u l-edukazzjoni.

In-Nazzjonijiet Uniti talbu informazzjoni dwar miżuri marbuta mal**-Avvanz tan-Nisa** li ġew implimentati f'Malta mill-aħħar Laqgħa tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti 'l hawn. L-NCPE tat informazzjoni dwar il-proġett tat-*Teleworking*, l-Avviżi Legali relevanti (*Trattament Indaqs fil-każ ta' Impjieg ta' Persuni li jimpjegaw lilhom infushom u l-Okkupazzjoni; u l-Aċċess għal Oġġetti u Servizzi u r-Regolamenti dwar il-Provvista tagħhom)* kif ukoll set ta' Linji Gwida *(L-Ugwaljanza tal-Ġeneru u x-Xbiha tal-Ġeneru fil-Medja)* li ġew fis-seħħ wara l-aħħar Assemblea.

Id-**Diviżjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Avvanz tan-Nisa** stiednet l-iStati Membri biex jipprovdu informazzjoni dwar miżuri li ttieħdu biex jindirizzaw il-**Vjolenza fuq in-Nisa**, u informazzjoni oħra eżistenti dwar dan il-qasam. L-NCPE tat informazzjoni dwar ir-rwol tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni fuq in-nisa, inkluż il-vjolenza. L-NCPE tat ukoll dettalji dwar l-iżvilupp u l-koordinament ta' miżuri, linji gwida u pubblikazzjonijiet dwar il-fastidju sesswali, flimkien ma' taħriġ rispettiv mogħti lis-Settur Pubbliku, organizzazzjonijiet privati, u 'l-pubbliku ġenerali.

## *7.1.2 - Razza*

Iċ-Ċentru għall-Fidi u l-Ġustizzja tal-Ġiżwiti, f'isem l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Umani, ġabar informazzjoni dwar **organizzazzjonijiet li jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' diskriminazzjoni abbażi ta' razza/oriġini etnika.** L-NCPE, hi waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet, u għalekk tat informazzjoni dwar il-funzjonijiet u r-rwol tagħha, l-appoġġ li jingħata u lil min, il-proċedura tal-ilmenti, u l-liġijiet relevanti b'rabta mar-razziżmu u l-ksenofobija.

Il-Kunsill dwar id-Drittijiet Umani tan-Nazzjonijiet Uniti talab lil Malta **Rapport Nazzjonali dwar id-Drittijiet Umani**. Għal din ir-raġuni, l-NCPE, flimkien ma' entitajiet pubbliċi oħra, ikkontribwiet f'dan ir-Rapport f'dak li għandu x'jaqsam mal-oqsma tal-ġeneru u r-razza. L-NCPE spjegat ir-rwol u r-responsabbiltajiet tagħha fil-protezzjoni tad-drittijiet umani, b'mod partikolari permezz tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fl-attivitajiet kollha tagħha. Barra minn hekk, dan ir-Rapport kien jinkludi wkoll l-inizjattivi, il-kisbiet, il-liġijiet u l-aħjar prattiċi li ġew implimentati biex jikkumbattu d-diskriminazzjoni u l-isterjotipi negattivi fis-soċjeta' Maltija.

Il-Kummissarju Għoli dwar id-Drittijiet Umani tan-Nazzjonijiet Uniti talab informazzjoni dwar l-NCPE bħala organizzazzjoni; il-qafas leġislattiv; ir-ratifikazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali; entitajiet oħra li huma responsabbli mill-oqsma li jmorru lil hinn mill-obbligi tal-NCPE; il-proġetti u l-inizzjattivi li ħadet il-Kummissjoni; kif ukoll pjanijiet għall-ġejjieni għall-miżuri u azzjonijiet li se jittieħdu fil-futur. Din l-informazzjoni intalbet għall-fini tal-**Kwestjonarju tar-Reviżjoni ta' Durban – *Nikkumbattu ir-Razziżmu wara d-Dikjarazzjoni ta' Durban u l-Pjan ta' Azzjoni***.

Bħala tħejjija għal-laqgħa ta' April 2009, il-*Jacob Blaustein Institute (JBI) for the Advancement of Human Rights of the American Jewish Community* ipprepara studju analitiku biex jirrevedi l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Durban u l-Programm ta' Azzjoni. L-iStati Membri intalbu jipprovdu informazzjoni dwar il-progress lokali fil-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni razzjali wara d-Dikjarazzjoni ta' Durban u l-Pjan ta' Azzjoni. L-NCPE pprovdiet informazzjoni dwar il-liġijiet lokali, programmi edukattivi fuq id-drittijiet umani, miżuri anti-diskriminatorji, kif ukoll deskrizzjoni dettaljata tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni.

## *7.1.3 - Oħrajn*

In-*Network* Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (EQUINET) ikkummissjona studju dwar il-**Miżuri li l-Korpi tal-Ugwaljanza jieħdu fl-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-indipendenza**. Dan l-istudju kien immexxi mill-Universita' ta' Utrecht. Il-Kummissjoni tat is-sehem tagħha f'dan l-istudju billi mliet kwestjonarju rigward il-proċeduri tal-organizzazzjoni, il-miżuri, l-istruttura, l-istaff, il-ġestjoni finanzjarja, l-għanijiet, l-awditjar tax-xogħol u l-kuntatt mal-*istakeholders.*

Is-Segretarjat tan-*Network* Ewropew tal-Korpi tal-Ugwaljanza (EQUINET) talab profil aġġornat tal-Membri kollha tal-EQUINET, inkluż l-NCPE. L-informazzjoni li ngħatat inkludiet, id-data u l-mod ta' kif ġiet imwaqqfa l-Kummissjoni, il-mandat u l-iskopijiet tagħha; l-oqsma ta' diskriminazzjoni li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tagħha; il-kompetenzi u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni; it-tmexxija u l-ħatra tal-bord u ta' staff ta' grad ogħla; in-numru ta' membri tal-istaff; il-baġit u r-responsabbilta' tiegħu; kif ukoll il-mezzi ta' kif wieħed jikkuntattja lill-NCPE.

Ir-Rappreżentanza tal-UE f'Malta flimkien mal-MEUSAC talbu lill-NCPE tirrispondi kwestjonarju bħala tħejjija għal konferenza tat-tlett ijiem. **'L-Ewropa tagħti widen - Konsultazzjoni mas-Soċjeta Ċivili'** kellha l-iskop li tieħu in konsiderazzjoni r-relazzjoni bejn entitajiet pubbliċi, inkluż l-NCPE, u l-Unjoni Ewropea, il-Fondi tal-UE u l-proġetti finanzjati mill-UE. B'mod partikolari, l-NCPE tat informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tagħha *f'networks* Ewropej, il-benefiċċji u d-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom minn meta Malta ssieħbet fl-UE, l-aċċessibilita' għall-informazzjoni, kif ukoll il-liġijiet li ġew implimentati mid-Direttivi tal-UE.

Il-WYG International Ltd, imqabbda mid-DG Impjieg, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Ugwali, għamlu studju dwar kemm huwa vijabbli t-**tpartit ta' staff ta' amministrazzjonijiet nazzjonali tal-UE** fil-finanzjar tal-PROGRESS. L-għan ta' dan l-istudju kien li jħeġġeġ it-tagħlim, jinħoloq għarfien, titqassam informazzjoni, u jinħoloq dibattitu dwar l-isfidi ewlenin u miżuri fl-oqsma tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. Fost il-mistoqsijiet imwieġba kien hemm firxa ta' prattiċi fuq oqsma speċifiċi, u l-potenzjal li jiġu addottati f'pajjiżna miżuri li ttieħdu f'pajjiżi oħra.

L-Istitut Daniż tad-Drittijiet Umani (DIHR) flimkien ma l-*International Consultancy Company* (COWI) wettqu studju dwar l-omofobija u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali – **Rapport Nazzjonali dwar l-Omofobija**–fl-iStati Membri**.** Għad li l-obbligi tal-NCPE ma jinkludux fihom l-orjentazzjoni sesswali, il-Kummissjoni tista' tinvestiga lmenti magħmulha minn persuni *transgender* li ġew iddiskriminati fuq bażi tas-sess tagħhom. Għal dan il-kwestjonarju, l-NCPE tat informazzjoni dwar iż-żewġ proġetti li hi kienet tmexxi - '*Mosaic'* u 'Taħriġ dwar l-Anti-Diskriminazzjoni u d-Diversita' VT*/2006/009'*, li t-tnejn li huma kienu jinkludu d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali.

Wara l-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Gvern dwar in-non-Diskriminazzjoni, il-Kummissjoni tablet rispons mingħand il-parteċipanti dwar **Diskriminazzjoni Multipla u l-Integrazzjoni tal-Prinċipju tan-non-Disrkiminazzjoni.** Fit-tweġibiet tagħha, l-NCPE spjegat inizjattivi lokali, taħriġ, kampanji ta' ħolqien ta' għarfien u proġetti li twettqu b'rabta mad-diskriminazzjoni multipla. Ingħatat ukoll informazzjoni dwar prattiċi tajba li jgħinu biex ikun integrat il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni. Dawn jinkludu fost l-oħrajn, it-twaqqif

tal-Kumitati għall-Ugwaljanza, riċerka relevanti, taħriġ u kampanji t'għarfien, reviżjoni tal-liġi Maltija, kif ukoll it-twaqqif ta' pjattaforma dwar l-ugwaljanza.

## 7.2 –Rispons – Unjoni Ewropea u Korpi Internazzjonali Oħra

L-NCPE intalbet tagħti r-rispons tagħha għal numru ta' dokumenti diskussi fil-livell tal-UE.  Fost dawn insibu:

### *7.2.1 - Ġeneru*

Reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing mingħand l-iStati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE – Indikaturi dwar **Tfal Bniet** – Abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill.

Abbozz tal-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-iStati Membri dwar **il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea – żvilupp u dimensjonijiet umanitarji**.

Laqgħa Informali għall-Ministri tal-Ugwaljanza tal-Ġeneru fit-30 u l-31 ta' Jannar 2008 Brdo, Slovenja - **Nagħtu s-Setgħa lill-Bniet u lin-Nisa: Appoġġ għall-kisbiet tal-miri ta' Liżbona u l-eliminazzjoni tad-diverġenzi ibbażati fuq il-ġeneru, billi nindirizzaw is-segregazzjoni fil-qasam edukattiv (Tema 2)**

Reviżjoni mill-iStati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing – **Rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja** – Abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill.  .

Reviżjoni mill-iStati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing – **In-Nisa u l-Kunflitt bl-Armi** –Abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill.  .

L-NCPE tat rispons għar-Rapport ta' Sorveljar dwar in-**Nisa fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet Politiċi** tal-Presidenza Slovena. Dan ir-rapport huwa dwar l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing mill-iStati Membri u Istituzzjonijiet tal-UE.  L-NCPE tat informazzjoni dwar miżuri u *policies* li ttieħdu fir-rigward tar-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-politika u fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll statistika relevanti.

Reviżjoni mill-iStati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing – **Nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi**  – Abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill.  .

Reviżjoni mill-iStati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing – **L-Eliminazzjoni tal-Isterjotipi tal-Ġeneru mis-Soċjeta' u l-Promozzjoni tal-Bniet u t-Tfajliet fis-Soċjeta'** - Abbozz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill.  .

*Kumitat Konsultattiv dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*– Opinjoni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 86/613/KEE dwar l-applikazzjoni tal-principju ta' **trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa involuti f'attività, inkluża l-agrikoltura, b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom, u dwar il-protezzjoni ta' nisa li jaħdmu għal rashom waqt it-tqala u waqt li qegħdin irabbu t-tfal.**

*Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u l-Irġiel* – **Opinjoni dwar Forom Ġodda ta' *Lif* (*Lif* tal-Paternita', *Lif* għall-Adozzjoni u *Lif* Filjali).**

*Kumitat Konsultattiv dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi* – **Opinjoni dwar il-Ġejjieni tal-Baġit tal-UE.**

Memorandum dwar ir-rapport mingħand il-Kummissjoni lill-Kunsill, 'l-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u 'l-Kumitat tar-Reġjuni dwar **L-Ugwaljanza bejn is-sessi 2008** (COM (2008) 10 finali).

*Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u l-Irġiel* - Rapport tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa '**Aċċess fl-Ewropa għall-abort legali u bla periklu'**.

Komunikazzjoni mingħand il-Kummissjoni lill-Kunsill, 'l-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u 'l-Kumitat tar-Reġjuni dwar – **Aġenda Soċjali Riveduta: Opportunitajiet, Aċċess u Solidarjeta fl-Ewropa tas-Seklu 21** (COM (2008) 412 finali).

Memorandum dwar il-Komunikazzjoni mingħand il-Kummissjoni lill-Kunsill, 'l-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u 'l-Kumitat tar-Reġjuni dwar **il-Qafas Strateġiku tal-Komunita; u l-programm ta' azzjoni tal-Komunita b'rabta mal-istrateġija tal-Komunita' dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi** (2001-2006) (COM (2008) 503 finali).

Kumitat dwar id-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi – Abbozz tal-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar Politika ta' Integrazzjoni u Djalogu Interkulturali – Rapport tal-Parlament Ewropew b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-**prinċipju ta' pagi ndaqs għan-nisa u l-irġiel** (2008/2012(INI)).

Kumitat dwar l-Impjiegi u Affarijiet Soċjali – **Rapport dwar il-progress li sar fl-opportunitajiet indaqs u n-non diskriminazzjoni fl-UE** (it-transpożizzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE) (2007/2202(INI)).

Proposta għal Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar **l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel involuti f'attività, b'kapaċità li fiha jaħdmu għal rashom u tneħħija tad-Direttiva 86/613/KEE** (COM(2008) 636 finali).

Kommunikazzjoni mingħand il-Kummissjoni lill-Kunsill, 'l-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u 'l-Kumitat tar-Reġjuni – **Bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata: appoġġ akbar għar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, privata u tal-familja** (COM(2008) 635 finali).

Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill – li temenda d-Direttiva tal-Kunsill **92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li weldu reċentement, jew li qed ireddgħu** (COM(2008) 637 finali).

Rapport mill-Komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni – l**-implimentazzjoni tal-miri ta' Barċelona fuq il-kura tat-tfal u l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' kura għat-tfal li għad m'għandhomx eta' biżżejjed biex imorru l-iskola** (COM(2008) 638 finali).

## *7.2.2 - Razza*

Iċ-Ċentru għall-Fidi u Ġustizzja tal-Ġiżwiti talab il-kontribut tal-NCPE fir-rapport tal-**Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali *(FRA) RAXEN NFP***. L-informazzjoni li ngħatat tinkludi informazzjoni ġenerali dwar il-Kummissjoni, bħal: il-bażi legali, il-mandat, il-funzjonijiet, il-proċedura tal-ilmenti, u l-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu wara li ssir l-investigazzjoni. L-informazzjoni pprovduta fiha statistika dwar każijiet relatati mad-diskriminazzjoni abbażi ta' razza u oriġini etnika, u kif ġew solvuti. Ingħatat ukoll ħarsa lejn l-attivitajiet u l-inizjattivi li ħadet l-NCPE b'rabta mar-razza u l-oriġini etnika.

L-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tablet it-tieni reviżjoni tal-informazzjoni provduta mill-NCPE dwar ir-**Rapport Nazzjonali ta' RAXEN 2008 dwar ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza rispettiva f'Malta.** Dan ir-rapport se jservi ta' bażi għall-kapitlu dwar ir-razziżmu fir-Rapport Annwali tal-FRA 2009. Ir-rapport jiddeskrivi r-rwol u l-funzjonijiet tal-NCPE b'rabta mar-razza, l-vjolenza razzista u l-kriminalita', l-impjieg, l-akkomodazzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni marbuta mar-razza u l-minoritajiet etniċi.

Komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - **Non-diskriminazzjoni u opportunitajiet indaqs: Inġeddu l-impenn** (COM (2008) 420 finali).

### *7.2.3 - Oħrajn*

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - **Nestendu l-miżuri ta' anti-diskriminazzjoni lil hinn mill-impjieg u l-każ għall direttiva waħda komprensiva dwar l-anti-diskriminazzjoni**. - SOC/304 Miżuri anti-diskriminatorji f'oqsma lil hinn mill-impjieg.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-**implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, eta' jew orjentazzjoni sesswali** (COM (2008) 426 Finali).

Kummissjoni Ewropea, DG Impjieg, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Ugwali –Protezzjoni Soċjali u l-Integrazzjoni tal-Inklużjoni, Aspetti tal-Politika Soċjali dwar Migrazzjoni, Simplifikazzjoni ta' Politiċi Soċjali – Nota għall-inklużjoni attiva tal-grupp ta' ħidma informali tal-SPC ta' 15/05/2008 – **Aċċess għal swieq ta' xogħol inklussivi.**

Kummissjoni Ewropea, DG Impjieg, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Ugwali –Protezzjoni Soċjali u l-Integrazzjoni tal-Inklużjoni, Aspetti tal-Politika Soċjali dwar Migrazzjoni, Simplifikazzjoni ta' Politiċi Soċjali – Nota għall-inklużjoni attiva tal-grupp ta' ħidma informali tal-SPC ta' 04/06/2008 – **Aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalita' ta' interess ġenerali.**

## 7.3 – Kwestjonarji u Rispons minn Istituzzjonijiet Lokali

Il-*People for Change Foundation* ipproduċiet kwestjonarju bi tħejjija għal **Rapport *tan-Network Ewropew kontra r-Razziżmu* (ENAR) dwar is-sitwazzjoni tar-razziżmu f'Malta fl-2007**. L-NCPE pprovdiet informazzjoni dwar il-proċedura tal-ipproċessar tal-ilmenti dwar diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza u oriġini etnika. Ingħatat ukoll informazzjoni dwar il-mekkaniżmu tal-proċedura tal-ipproċessar tal-lmenti, statistika dwar l-ilmenti ppreżentati, paragun bejn l-ammont ta' lmenti dwar razza u dawk dwar ġeneru, miżuri li ttieħdu biex jirreklamaw ir-responsabbiltajiet il-ġodda tal-NCPE, u iktar informazzjoni dwar gruppi ta' nies li huma f'riskju li jsofru r-razziżmu.

Il-Kummissjoni pprovdiet analiżi u kummenti lill-Ministeru tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni dwar il-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Migrazzjoni, ir-Refuġjati u l-Popolazzjoni ***Draft Resolution on Europe's "boat people"*.** L-NCPE elenkat proġetti relevanti u inizjattivi oħra bl-għan li jiġu ndirizzati l-intolleranza, ir-razziżmu u l-ksenofobija.

L-NCPE tat rispons dwar il-'*Public Transport Document'* (2008) lill-Ministeru tal-Infrastruttura, t-Trasport u l-Komunikazzjoni. F'dan ir-rispons, il-Kummissjoni enfasizzat li waqt l-eżerċizzju ta' ristrutturar tat-trasport pubbliku, għandu jkun sostnut trattament ugwali lejn kulħadd, b'mod speċjali lejn gruppi vulnerabbli. Barra minn hekk, saret ukoll enfażi dwar l-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-għoti ta' opportunitajiet indaqs meta jintagħżlu rappreżentanti.

Reviżjoni tal-pożizzjoni li ttieħdet mill-Forum Malta fl-Ewropa (FME) b'referenza għall-abbozz ta' memorandum dwar ir-rapport mingħand il-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar **ugwaljanza bejn is-sessi 2008** (*ESH Women 250408*) (Com (2008) 10).

L-Uffiċju tal-Prim Ministru talab rispons b'rabta mal-**Proċess ta' Konsultazzjoni Pubblika dwar ir-Riforma fil-Kunsilli Lokali**.

Biex tkun f'pożizzjoni li tkun tista' taħdem għall-prijoritajiet nazzjonali, hekk kif elenkati fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma għal Malta, l-NCPE ġabret informazzjoni dwar oqsma li ssemmew fl-NRP b'rabta mar-responsabbiltajiet tal-NCPE, b'referenzi speċifiċi lejn it-Tema Strateġika 03 (Impjieg) u t-Tema Strateġika 04 (Edukazzjoni). Ġew identifikati wkoll xi punti ewlenin li jinkludu d-diverġenza fl-impjieg bejn is-sessi; id-diverġenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel; is-segregazzjoni tax-xogħlijiet; miżuri favur il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; il-parteċipazzjoni f'tagħlim matul il-ħajja; l-implimentazzjoni ta' edukazzjoni inklussiva; u miżuri ta' taħriġ immirati lejn l-adulti. Għaldaqstant l-NCPE għamlet riċerka dwar dan u bagħtet rapport dwar kif il-Kummissjoni qiegħda taħdem lejn il-kisba tal-miri tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma.

# 8. Anness 1 - Glossarju

| English | Malti |
|---|---|
| Accommodation centre (*referring to asylum seekers*) | Ċentru ta' akkomodazzjoni (*) |
| Active inclusion | Inklużjoni attiva |
| Adoption leave | *Leave* għall-adozzjoni |
| 6 grounds of discrimination | Sitt oqsma ta' diskriminazzjoni |
| Allowance | Benefiċċju (*) |
| Ambassadors in charge of Diplomatic Missions | Ambaxxaturi għall-Missjonijiet Diplomatiċi |
| Asylum seeker | Persuna li tfittex asil |
| attachment | anness |
| Awareness | Kuxjenza/għarfien |
| Awareness-raising | Kampanja ta' għarfien |
| business | Negozju / kummerċ |
| Career Ambassador | Ambaxxatur |
| Career break | Waqfa fil-karriera |
| Career Diplomat | Diplomat |
| Child care | Kura għat-tfal (*) |
| Childcare centre(s) | Ċentri għall-kura tat-tfal |
| Cohesion | Koeżjoni (*) |
| commitment | Impenn / obbligu / rabta |
| Court of First Instance | Prim Awla tal-Qorti |
| Decision-making | Teħid tad-deċiżjonijiet |
| Decision-making positions (1) | Pożizzjoni ta' teħid ta' deċiżjoni |
| Decision Making positions (2) | Il-qasam tat-teħid tad-deċiżjonijiet |
| Disability | Diżabilta' |
| Direct discrimination | Diskriminazzjoni diretta |
| discrimination | Diskriminazzjoni |
| discrimination on the basis of gender and family responsibility | Diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru u responsabbiltajiet familjari |
| discrimination on the basis of race/ethnic origin | Diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza jew oriġini etnika |
| Discriminatory treatment | Trattament diskriminatorju |
| Displaced person | rifuġjat |
| Early exit from the labour market | Ħruġ bikri mis-suq tax-xogħol (*) |

| EC | KE |
|---|---|
| employability | Eliġibilita' għax-xogħol/ kapaċita' li wieħed jiġi impjegat (*) |
| Employment gender gap | Differenza bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tal-impjieg (*) |
| empower | Jagħti s-setgħa (*)/Ta s-setgħa lil xi ħadd li jagħmel xi ħaġa (D) |
| empowerment | l-għoti ta' setgħa (saħħa) biex wieħed jaġixxi (*) |
| Empowerment Training | *Empowerment Training* |
| encourage | ħeġġeġ |
| enhance | Kabbar/ saħħaħ / għolla l-valur |
| Entrepreneur | imprenditur |
| Equal opportunities for women and men | Opportunitajiet indaqs/ugwali għan-nisa u l-irġiel |
| Equal pay legislation | Leġiżlazzjoni dwar pagi ugwali (*) |
| Equality between men and women | Ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa |
| Equality Body | Korp tal-Ugwaljanza |
| Equal treatment | Trattament ugwali/ ugwaljanza ta' trattament (*) |
| Ethnic discrimination | Diskriminazzjoni etnika (*) |
| Ethnic minority | Minoranza etnika |
| European Employment Strategy (EES) | Strateġija Ewropea dwar l-impjieg (EES) (*) |
| European Social Fund | Fond Soċjali Ewropew (FSE) |
| exclusion | esklużjoni |
| Family commitment | Impenn familjari |
| Family-friendly measures | Miżuri favur il-familja |
| Female employment rate | Rata ta' impjieg tan-nisa |
| Feminisation of poverty | Femminizzazzjoni tal-faqar |
| Flexible time arrangements | Arranġamenti ta' ħinijiet flessibbli (*) |
| Flexible working hours | Flessibbilta' fil-ħin tax-xogħol (*) |
| Foster | Trawwem il-kunċett / tħaddan |
| Full equality | Ugwaljanza intera |
| gender | ġeneru |
| Gender disaggregated data | Informazzjoni separata għall-ġeneru |
| Gender equality | Ugwaljanza bejn is-sessi |
| Gender mainstreaming | (l-integrazzjoni) tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi |
| Gender pay gap | Diverġenza tal-ħlas (fil-paga) bejn is-sessi (*) |

| | |
|---|---|
| Gender sensitise | Issensibilizza dwar kwistjonijiet ta' ġeneru (*) |
| Gender sensitive | Sensittiv lejn l-oqsma differenti tal-ġeneri |
| Gender sensitivity | Sensittivita' lejn l-oqsma differenti tal-ġeneri |
| Ground (1) | Qasam |
| Ground (2) | Bażi/Abbażi |
| harassment | fastidju |
| Headship positions | Pożizzjonijiet għolja |
| housing | akkomodazzjoni |
| Inactive (person) | (persuna) inattiv/a |
| Information pack | Ġabra ta' informazzjoni |
| integration | integrazzjoni |
| issue | qasam |
| Item | punt |
| Leave for fostering | *Leave* għall-*fostering* tat-tfal |
| Leave to accompany a spouse abroad | *Leave* speċjali biex takkumpanja l-mara jew ir-raġel barra minn Malta |
| Lifelong learning | Edukazzjoni ta' matul il-ħajja/ formazzjoni tul il-ħajja (*) |
| Lisbon Strategy | Strateġija ta' Liżbona |
| Maternity leave | *Leave* għall-maternita' |
| Multiple discrimination | Diskriminazzjoni multipla |
| National Reform Programme (NRP) | Programm Nazzjonali ta' Riforma (NRP) |
| NGO | Għaqda mhux governattiva |
| obligation | Obbligazzjoni / dmir |
| Parental leave | Leave għall-ġenituri |
| parenthood | Maternita'/paternita' |
| policy | Politika/ Miżuri |
| Policy makers (1) | *Policy makers* |
| Policy making programme | Programm ta' politika |
| Politically appointed ambassadors | Ambaxxaturi Politikament Imlaħħqa |
| Positive action | Azzjoni pożittiva |
| Positive Discrimination | Diskriminazzjoni pożittiva |
| PROGRESS | Programm PROGRESS |
| Racial segregation | Segregazzjoni razzjali |
| Raise awareness | Ħolqien tal-għarfien |
| Rationale (1) | Raġuni fundamentali |
| Rationale (2) | Bażi loġika |
| Rationale (3) | Prinċipji ġustifikati |

| | |
|---|---|
| Reconciliation of work and family life | Rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u dik familjari |
| Reduced hours | Xogħol fuq bażi ta' sigħat imnaqqsa |
| Religious belief | Twemmin (reliġjuż) |
| Responsibility leave | *Leave* ta' responsabbilta' |
| segregation | segregazzjoni |
| sensitise | Toħloq kuxjenza / tagħti għarfien /Tissensibilizza |
| Sexual Harassment | Fastidju sesswali |
| similarities | Xebh |
| Social benefits | Vantaġġi soċjali |
| stakeholders | *stakeholders* |
| stereotype | Sterjotip/sterjotipar |
| support | Sostna / appoġġja |
| telework | *telework* |
| Toolkit | Pakkett ta' riżorsi |
| Trans-national | Lil hinn mill-fruntieri |
| User-friendly | faċli jintuża/ faċli biex wieħed jużah |
| variable | Fattur |
| welfare | Assistenza/għajnuna soċjali (D) |
| Work-life balance | Bilanċ b'responsabbilta' bejn ix-xogħol u l-ħajja privata |

(*) Grixti, C. (unpublished dissertation), 2008. *Glossarju Ingliż-Malti, Malti-Ingliż, L-Impjieg fil-Qasam tal-Inklużjoni Soċjali*.